

Il-Ġurnal Uffiċjali

ta' l-Unjoni Ewropea

C 274

Volum 50

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

15 ta' Novembru 2007

Avviż Nru

Werrej

Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

Kummissjoni

2007/C 274/01

Kontijiet Annwali Finali tal-Komunitajiet Ewropej — Sena Finanzjarja 2006 — Volum I — Rendikonti finanzjarji konsolidati u rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit 1

2007/C 274/02

Id-dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qortl mogħtija lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill 130



Prezz:
26 EUR

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TA' L-UNJONI EWROPEA

KUMMISSJONI

KONTIJET ANNWALI FINALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

SENA FINANZJARJA 2006

Volum I

RENDIKONTI FINANZJARJI KONSOLIDATI U RAPPORTI KONSOLIDATI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

(2007/C 274/01)

WERREJ

	<i>Paġna</i>
Nota li takkumpanja l-kontijiet konsolidati	2
L-avvenimenti prinċipali u l-punti ewlenin	3
Parti I: Rendikonti Finanzjarji Konsolidati tal-Komunitajiet Ewropej u noti ta' spjegazzjoni ...	4
A. Karta tal-Bilanċ.....	5
B. Kont tar-Riżultat Ekonomiku (inkl. Rappurtar skond is-Settur).....	6
Ċ. Tabella tal-Flussi tal-Likwidità.....	13
D. Rendikont tal-Bidliet fl-Assi Netti.....	14
E. Noti mar-rendikonti finanzjarji	15
Parti II: Rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Komunitajiet Ewropej u noti ta' spjegazzjoni	85
A. Rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit.....	86
B. Noti ta' spjegazzjoni għar-rapporti kkonsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit	118

NOTA LI TAKKUMPANJA L-KONTIJET KONSOLIDATI

Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena 2006 thejjuw skond l-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet u korpi oħrajn taħt l-Artikolu 129.2 tar-Regolament Finanzjarju. B'dan niddikjara li thejjuw f'konformità mat-Titolu VII tar-Regolament Finanzjarju tal-KE u skond il-prinċipji, regoli u metodi tal-kontabilità stipulati fl-anness tar-rendikonti finanzjarji.

Ksibt l-informazzjoni kollha neċessarja għall-produzzjoni tal-kontijiet, li juru l-assi u l-obbligi tal-Komunitajiet Ewropej u l-implimentazzjoni tal-baġit, mingħand l-uffiċjali tal-kontijiet ta' dawn l-istituzzjonijiet u l-korpi, li ċċertifikaw l-affidabbiltà ta' l-istess.

B'dan niċċertifika li skond din l-informazzjoni, u wara l-verifiki li dehrli neċessarji biex niffirma l-kontijiet tal-Kummissjoni Ewropea, għandi assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw veduta vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Komunitajiet Ewropej fl-aspetti materjali kollha.



Brian Gray
Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni Ewropea

L-AVVENIMENTI PRINĊIPALI U L-PUNTI EWLENIN

Il-kontijiet annwali tal-Komunitajiet Ewropej għall-2006 huma t-tieni ġabra ta' kontijiet li tħejjew skond ir-regoli rigward l-użu tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti li ddaħħlu mill-Komunitajiet Ewropej fl-2005. Bħal f'kull ġabra ta' kontijiet, il-Kummissjoni ħadmet biex ittejjeb dak li ġie ppubblikat qabel, bil-għan partikolari li tippovdi lill-qarrej tagħrif aktar rilevanti u li jinftehem.

Rigward il-preżentazzjoni tal-kontijiet għall-2006, ta' min isemmi l-bidliet li ġejjin:

- Wara l-aġġornament tar-Regolament Finanzjarju li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2007, l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni inkluda għall-ewwel darba nota li takkumpanja dawn il-kontijiet li tiddikjara li huwa kiseb assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jippreżentaw veduta vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Komunitajiet Ewropej fl-aspetti materjali kollha.
- Kull Uffiċjal tal-Kontabilità tal-korpi konsolidati f'dawn il-kontijiet inkluda ċertifikazzjoni tal-kontijiet individwali tagħhom fejn iddikjara li huwa/hija kiseb/kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet tagħhom jippreżentaw veduta vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja ta' l-Istituzzjoni jew Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.
- L-ammonti fir-rendikont finanzjarju issa qegħdin jintwerew f'miljuni ta' euro, biex il-format ikun wieħed li jinqara aħjar
- It-tabelli rigward l-implimentazzjoni tal-baġit ġew issimplifikati sabiex jinftehemu aħjar
- Ingħatat aktar informazzjoni dwar l-irkupru ta' spejjeż tal-Kummissjoni

Fl-aħħarnett, ta' min jinnota li mill-2005 'l hawn l-ambitu tal-konsolidazzjoni żdied — issa hemm 24 Aġenzija kkonsolidata, imqabbla mas-16 fl-2005.

PUNTI EWLENIN IMPORTANTI FIL-KONTIJET ANNWALI TA' L- 2006

- Il-bilanċ fil-baġit kompla jonqos minn 2,41 biljun EUR għal 1,85 biljun EUR.
- Ir-riżultat ekonomiku għas-sena nbidel minn defiċit ta' 7,812 miljun EUR fl-2005 għal bilanċ favorevoli ta' 197 miljun EUR fl-2006.
- L-assi totali żdiedu minn 58,7 biljun EUR fl-2005 għal 67,3 biljun EUR, filwaqt li l-obbligi totali żdiedu minn 120,9 biljun EUR għal 131,6 biljun EUR. Id-differenza ser tkun iffinanzjata fil-futur immedjat mill-fondi baġitarji diġà vvutati, jew garantiti mill-Istati Membri fuq medda ta' żmien twila.

PARTI I

RENDIKONTI FINANZJARJI KONSOLIDATI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ U NOTI TA' SPJEGAZZJONI

WERREJ

	<i>Paġna</i>
A. Karta tal-Bilanċ.....	5
B. Kont tar-Riżultat Ekonomiku (inkl. Rappurtar skond is-Settur)	6
Ċ. Tabella tal-Flussi tal-Likwidità.....	13
D. Rendikont tal-Bidliet fl-Assi Netti.....	14
E. Noti mar-rendikonti finanzjarji:.....	15
1. Politika tal-kontabilità	16
2. Noti mal-Karta tal-Bilanċ.....	29
3. Noti mal-Kont tar-Riżultat Ekonomiku	54
4. Noti mat-Tabella tal-Fluss tal-Likwidità.....	62
5. Tagħrif barra l-Karta tal-Bilanċ u noti dwaru.....	63
6. Ġestjoni tar-riskju finanzjarju	72
7. Żvelar minn entitajiet konnessi.....	80
8. Avvenimenti wara d-data tal-karta tal-bilanċ	81
9. Entitajiet ikkonsolidati.....	81
10. Entitajiet mhux ikkonsolidati.....	83

A. KARTA TAL-BILANĊ

miljuni ta' EUR

	Nota	31.12.2006	31.12.2005
I. ASSI MHUX KURRENTI:		31 556	31 415
Assi fissi intanġibbli	2.1	37	27
Assi fissi tanġibbli	2.2	4 586	4141
Investimenti	2.3	2 157	1 874
Self	2.4	2 023	2 397
Prefinanzjament fit-tul	2.5	22 425	22 732
Ammonti riċevibbli fit-tul	2.6	328	244
II. ASSI KURRENTI:		35 776	27 291
Stocks	2.7	115	126
Investimenti għal żmien qasir	2.8	1 426	1 440
Prefinanzjament għal żmien qasir	2.9	8 055	6 633
Ammonti riċevibbli ta' skadenza qasira	2.10	9 796	7 238
Flus likwidi u ekwivalenti	2.11	16 384	11 854
ASSI TOTALI		67 332	58 706
III. OBBLIGI MHUX KURRENTI:		37 071	38 026
Benefiċċji ta' l-impjegati	2.12	32 200	33 156
Proviżjonijiet għal riskji u ħlasijiet	2.13	989	1 097
Obbligi finanzjarji	2.14	1 862	1 920
Obbligi fit-tul oħrajn	2.15	2 020	1 853
IV. OBBLIGI KURRENTI:		94 479	82 825
Proviżjonijiet għal riskji u ħlasijiet	2.16	379	275
Obbligi finanzjarji	2.17	20	22
Kontijiet pagabbli	2.18	94 080	82 528
OBBLIGI TOTALI		131 550	120 851
ASSI NETTI		(64 218)	(62 145)
Riżervi	2.19	2 855	2 808
Ammonti li għandhom jintalbu lill-Istati Membri:	2.20	(67 073)	(64 953)
Benefiċċji ta' l-impjegati (fit-tul) (*)		(32 200)	(33 156)
Ammonti oħrajn (**)		(34 873)	(31 797)
V. ASSI NETTI (***)		(64 218)	(62 145)

(*) Skond l-Artikolu 83 tar-Regolamenti ta' l-Istaff (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 kif emendat), l-Istati Membri għandhom jiggarrantixxu flimkien l-obbligu għall-pensjonijiet.

(**) Il-Parlament adotta baġit fl-14 ta' Diċembru 2006 li stipula l-ħlas ta' l-obbligi bi skadenza qasira tal-Komunitajiet mir-riżorsi proprji li għandhom jinġabru mill-Istati Membri, jew jiġu mitluba lilhom, fl-2007.

(***) Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok ara r-Rendikont tal-bidliet fl-Assi Netti.

B. KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU (inkluż Rappurtar skond is-Settur)

		Miljuni ta' EUR	
	Nota	2006	2005
DĦUL OPERATTIV	3.1	113 486	107 890
<u>Dħul minn riżorsi proprji u kontribuzzjonijiet:</u>		105 118	103 964
Riżorsi mid-DGN		70 134	70 861
Riżorsi mill-VAT		17 207	16 018
Riżorsi proprji tradizzjonali		15 247	14 265
Aġġustamenti tal-baġit		2 395	2 606
Kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi Terzi (inkl. pajjiżi ta' l-EFTA)		135	214
<u>Dħul operattiv:</u>		8 368	3 926
Multi		2 217	719
Levies agrikoli		1 695	447
Rkupru ta' spejjeż		1 296	939
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi		982	895
Dħul operattiv ieħor		2 178	926
SPEJJEŻ OPERATTIVI		113 422	107 597
<u>Spejjeż amministrattivi:</u>	3.2	6 619	6 127
Spejjeż ta' l-istaff		3 998	3 613
Spejjeż relatati ma' assi fissi		348	320
Infiq amministrattivi ieħor		2 273	2 194
<u>Spejjeż operattivi:</u>	3.3	106 803	101 470
Ġestjoni ċentralizzata diretta		12 273	11 281
Ġestjoni ċentralizzata indiretta		677	351
Ġestjoni deċentralizzata		1 809	1 733
Ġestjoni komuni		90 828	86 925
Ġestjoni konġunta		34	248
Spejjeż operattivi oħrajn	3.4	1 182	932
BILANĊ FAVOREVOLI MINN ATTIVITAJIET OPERATTIVI		64	293
Dħul minn operazzjonijiet finanzjarji	3.5	621	399
Spejjeż ta' operazzjonijiet finanzjarji	3.6	(331)	(369)
Moviment fl-obbligi fit-tul relatati mal-benefiċċji ta' l-impjegati	2.12	108	(8 044)
BILANĊ FAVOREVOLI/(DEFIĊIT) MINN ATTIVITAJIET MHUX OPERATTIVI		398	(8 014)
SEHEM MINN (DEFIĊIT) NETT, ASSOĊJATI & INTRAPRIŻI KONĠUNTI	3.7	(265)	(91)
BILANĊ FAVOREVOLI/(DEFIĊIT) MINN ATTIVITAJIET ORDINARJI		197	(7 812)
RIŻULTAT EKONOMIKU GĦAS-SENA		197	(7 812)

RAPPORTAR SKOND IS-SETTUR

Dan ir-rapport jaqşam id-dħul operattiv u l-ispejjeż skond il-qasam ta' politika, fuq il-bażi ta' struttura ta' Baġit Allokati skond l-Attività, fi ħdan il-Kummissjoni. Dawn l-oqsma tal-politika jistgħu jinġabru taħt tliet sezzjonijiet akbar — Attivitajiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea, Attivitajiet barra l-Unjoni Ewropea, u Servizzi u oħrajn.

“Attivitajiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea” hija l-akbar fost dawn is-sezzjonijiet peress li tiġbor taħtha ħafna oqsma ta' politika fi ħdan l-Unjoni Ewropea. “Attivitajiet barra l-Unjoni Ewropea” tikkonċerna l-politika implimentata barra l-Unjoni, bħall-kummerċ u l-ghajjnuna. “Servizzi u oħrajn” huma l-attivitajiet interni u orizzontali meħtieġa biex l-Istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Komunitajiet jiffunzjonaw.

L-aġenziji konsolidati huma integrati fl-oqsma ta' politika differenti. Istituzzjonijiet oħra, għajr il-Kummissjoni, huma miġbura f'qasam politiku speċifiku. Id-diversi oqsma ta' politika jirrappreżentaw ċifri grossi qabel it-tnaqqis tal-konsolidazzjoni u t-tnaqqis tal-konsolidazzjoni jsir b'mod globali f'kolonna waħda.

Ta' min jinnota li r-riżorsi proprji u l-kontribuzzjonijiet m'humiex maqsuma bejn l-attivitajiet varji billi dawn huma kkalkulati, miġbura u ġestiti minn servizzi ċentrali tal-Kummissjoni. Dawn qed jintwerew hawnhekk sabiex jippermettu li jsir tqabbil tar-riżultat nett mal-Kont tar-Riżultat Ekonomiku.

RAPPURTAR SKOND IS-SETTUR — FIL-QOSOR

miljuni ta' EUR

	Attivitajiet fi ħdan l-UE	Attivitajiet barra l-UE	Servizzi u Oħrajn	KEFA taħt likwidazzjoni	Istituzzjonijiet Oħra	Eliminazzjonijiet tal-konsolidazzjoni	TOTAL
Dħul operattiv:							
Multi	2 217	0	0	0	0	0	2 217
Levies agrikoli	1 695	0	0	0	0	0	1 695
Rkupru ta' spejjeż	1 248	58	1	0	0	(11)	1 296
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi	44	48	702	0	275	(87)	982
Dħul operattiv ieħor	2 401	332	110	0	1	(666)	2 178
DĦUL OPERATTIV TOTALI	7 605	438	813	0	276	(764)	8 368
<i>Spejjeż amministrattivi:</i>	1 985	899	1 576	0	2 280	(121)	6 619
Spejjeż ta' l-istaff	1 505	655	745	0	1 100	(7)	3 998
Spejjeż relatati ma' assi fissi	62	55	102	0	129	0	348
Infiq amministrattiv ieħor	418	189	729	0	1 051	(114)	2 273
<i>Spejjeż operattivi:</i>	99 016	6 928	1 449	53	0	(643)	106 803
Ġestjoni ċentralizzata diretta	6 474	4 879	1 249	0	0	(329)	12 273
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	611	308	1	0	0	(243)	677
Ġestjoni deċentralizzata	362	1 447	0	0	0	0	1 809
Ġestjoni komuni	90 828	0	0	0	0	0	90 828
Ġestjoni konġunta	7	27	0	0	0	0	34
Spejjeż operattivi oħrajn	734	267	199	53	0	(71)	1 182
SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI	101 001	7 827	3 025	53	2 280	(764)	113 422
SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI	(93 396)	(7 389)	(2 212)	(53)	(2 004)	0	(105 054)
Dħul minn riżorsi proprji u kontribuzzjonijiet							105 118
Bilanċ favorevoli minn attivitajiet operattivi							64
Dħul finanzjarju nett							290
Moviment fl-obbligi relatati mal-benefiċċji ta' l-impjegati							108
Sehem mir-riżultati ta' assoċjati/intrapriżi konġunti							(265)
Riżultat ekonomiku għas-sena							197

RAPPURTAR SKOND IS-SETTUR — ATTIVITAJIET FI ĦDAN L-UE

miljuni ta' EUR

	Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji	Intrapriża u Industrija	Kompetizzjoni	Impjiegi	Agricoltura	Trasport u Enerġġja	Ambjent	Riċerka	Soċjetà ta' l-Infommazzjoni
Dħul operattiv:									
Multi	0	1	2 158	0	0	0	0	0	0
Levies agrikoli	0	0	0	0	1 695	0	0	0	0
Rkupru ta' spejjeż	0	1	0	89	686	1	0	3	5
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi	0	8	0	1	0	2	1	0	0
Dħul operattiv ieħor	1	146	0	34	436	194	39	382	23
DĦUL OPERATTIV TOTALI	1	156	2 158	124	2 817	197	40	385	28
<i>Spejjeż amministrattivi:</i>	48	162	69	95	111	163	89	172	115
Spejjeż ta' l-istaff	42	120	65	77	97	130	66	134	92
Spejjeż relatati ma' assi fissi	0	6	0	1	0	1	1	0	0
Infiq amministrattiv ieħor	6	36	4	17	14	32	22	38	23
<i>Spejjeż operattivi:</i>	51	253	269	10 003	52 212	882	209	2 860	1 841
Ġestjoni ċentralizzata diretta	51	191	1	147	35	749	182	2 807	1 796
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	0	0	0	(2)	0	58	12	0	0
Ġestjoni deċentralizzata	0	0	0	0	275	(1)	0	0	0
Ġestjoni komuni	0	0	0	9 842	51 868	0	0	0	0
Ġestjoni konġunta	0	0	0	0	0	(23)	0	0	0
Spejjeż operattivi oħrajn	0	62	268	16	34	99	15	53	45
SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI	99	415	338	10 098	52 323	1 045	298	3 032	1 956
SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI	(98)	(259)	1 820	(9 974)	(49 506)	(848)	(258)	(2 647)	(1 928)
	Ċentru ta' Riċerka Konġunta	Sajd	Suq Intern	Politika Reġjonali	Tassazzjoni u Dwana	Edukazzjoni u Kultura	Saħħa u Protezzjoni tal-Konsumatur	Ġustizzja, Libertà u Sigurtà	Total — Aktivitajiet fi ħdan l-UE
Dħul operattiv:									
Multi	0	58	0	0	0	0	0	0	2 217
Levies agrikoli	0	0	0	0	0	0	0	0	1 695
Rkupru ta' spejjeż	0	10	0	460	0	(11)	3	1	1 248
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi	33	0	0	0	(3)	(1)	0	3	44
Dħul operattiv ieħor	8	0	184	0	1	182	64	707	2 401
DĦUL OPERATTIV TOTALI	41	68	184	460	(2)	170	67	711	7 605

15.11.2007

MT

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 274/9

	Ċentru ta' Riċerka Konġunta	Sajd	Suq Intern	Politika Reġionali	Tassazzjoni u Dwana	Edukazzjoni u Kultura	Saħħa u Protezzjoni tal-Konsumatur	Ġustizzja, Libertà u Sigurtà	Total — Attivitàjiet fi ħdan l-UE
<i>Spejjeż amministrattivi:</i>	339	32	134	65	46	145	131	69	1 985
Spejjeż ta' l-istaff	214	28	98	52	42	94	97	57	1 505
Spejjeż relatati ma' assi fissi	47	0	4	0	(2)	1	2	1	62
Infiq amministrattivi ieħor	78	4	32	13	6	50	32	11	418
<i>Spejjeż operattivi:</i>	73	652	47	28 095	35	347	275	912	99 016
Ġestjoni ċentralizzata diretta	67	197	10	26	35	(156)	252	84	6 474
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	0	0	0	95	0	448	0	0	611
Ġestjoni deċentralizzata	0	0	0	88	0	0	0	0	362
Ġestjoni komuni	0	454	0	27 856	0	0	0	808	90 828
Ġestjoni konġunta	0	0	0	30	0	0	0	0	7
Spejjeż operattivi oħrajn	6	1	37	0	0	55	23	20	734
SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI	412	684	181	28 160	81	492	406	981	101 001
SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI	(371)	(616)	3	(27 700)	(83)	(322)	(339)	(270)	(93 396)

RAPPURTAR SKOND IS-SETTUR — ATTIVITAJIET BARRA L-UE

miljuni ta' EUR

	Relazzjonijiet esterni	Kummerċ	Żvilupp	Tkabbir	Għajnuna Umanitarja	Total — Attivitajiet barra l-UE
Dħul operattiv:						
Rkupru ta' spejjeż	35	0	1	21	1	58
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi	48	0	0	0	0	48
Dħul operattiv ieħor	69	0	13	250	0	332
DĦUL OPERATTIV TOTALI	152	0	14	271	1	438
<i>Spejjeż amministrattivi:</i>	632	51	125	71	20	899
Spejjeż ta' l-istaff	427	46	118	50	14	655
Spejjeż relatati ma' assi fissi	54	0	0	1	0	55
Infiq amministrattiv ieħor	151	5	7	20	6	189
<i>Spejjeż operattivi:</i>	3 449	8	737	2 131	603	6 928
Ġestjoni ċentralizzata diretta	3 131	7	684	456	601	4 879
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	48	0	29	231	0	308
Ġestjoni deċentralizzata	203	0	78	1 166	0	1 447
Ġestjoni konġunta	59	1	(62)	29	0	27
Spejjeż operattivi oħrajn	8	0	8	249	2	267
SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI	4 081	59	862	2 202	623	7 827
SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI	(3 929)	(59)	(848)	(1 931)	(622)	(7 389)

15.11.2007

MT

Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 274/11

RAPPURTAR SKOND IS-SETTUR — SERVIZZI U OĦRAJN

	Stampa u Komunikazzjoni	Uffiċċju ta' kon- tra l-Frodi	Koordinazzjoni	Persunal u Amministrat- zjoni	Eurostat	Baġit	Verifika tal-kon- tjiet	Oħrajn	Total — Servizzi u Oħrajn
Dħul operattiv:									
Rkupru ta' spejjeż	0	0	0	0	1	0	0	0	1
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi	0	5	0	658	0	38	0	1	702
Dħul operattiv ieħor	0	0	35	5	0	0	0	70	110
DĦUL OPERATTIV TOTALI	0	5	35	663	1	38	0	71	813
<i>Spejjeż amministrattivi:</i>	92	43	157	1 161	65	50	8	0	1 576
Spejjeż ta' l-istaff	63	30	135	410	58	42	7	0	745
Spejjeż relatati ma' assi fissi	0	0	0	102	0	0	0	0	102
Infiq amministrattiv ieħor	29	13	22	649	7	8	1	0	729
<i>Spejjeż operattivi:</i>	58	14	2	48	67	1 139	0	121	1 449
Ġestjoni ċentralizzata diretta	57	14	0	33	66	1 083	0	(4)	1 249
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	1	0	0	0	0	0	0	0	1
Spejjeż operattivi oħrajn	0	0	2	15	1	56	0	125	199
SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI	150	57	159	1 209	132	1 189	8	121	3 025
SPEJJEŻ OPERATTIVI NETTI	(150)	(52)	(124)	(546)	(131)	(1 151)	(8)	(50)	(2 212)

Ċ. TABELLA TAL-FLUSSI TAL-LIKWIDITÀ

		<i>miljuni ta' EUR</i>	
	Nota	2006	2005
FLUSSI TAL-LIKWIDITÀ MINN ATTIVITAJIET ORDINARJI			
Bilanċ favorevoli/(Defiċit) minn attivitajiet ordinarji:		197	(7 812)
<i>Attivitajiet operattivi:</i>	4.2		
Amortizzazzjoni		11	7
Deprezzament		306	278
Deterjorament ta' l-investimenti		(3)	(12)
(Żieda)/tnaqqis fis-self		374	(99)
(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament fit-tul		307	(1 447)
(Żieda)/tnaqqis f'ammonti riċevibbli fit-tul		(84)	64
(Żieda)/tnaqqis fl-istocks		11	(63)
(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament fuq perjodu qasir		(1 422)	94
(Żieda)/tnaqqis f'ammonti riċevibbli fuq perjodu qasir		(2 558)	(99)
Żieda/(tnaqqis) fi proviżjonijiet fit-tul		(108)	84
Żieda/(tnaqqis) f'obbligi finanzjarji fit-tul		(58)	233
Żieda/(tnaqqis) f'obbligi oħrajn fit-tul		167	9
Żieda/(tnaqqis) fi proviżjonijiet fuq perjodu qasir		104	35
Żieda/(tnaqqis) f'obbligi finanzjarji fuq perjodu qasir		(2)	(130)
Żieda/(tnaqqis) fil-kontijiet pagabbli		11 552	8 287
Bilanċ baġitarju favorevoli għall-2005 meħud bħala dħul mhux fi flus likwidi fl-2006		(2 410)	(2 737)
Movimenti oħrajn mhux fi flus likwidi		140	2
<i>Attivitajiet ta' investiment:</i>	4.3		
(Żieda)/tnaqqis f'assi fissi intanġibbli u tanġibbli		(772)	(351)
(Żieda)/tnaqqis fl-investimenti (*)		(156)	13
(Żieda)/tnaqqis f'ammonti riċevibbli fuq perjodu qasir		14	3
<i>Moviment fil-benefiċċji ta' l-impjegati</i>	2.12	(956)	7 144
FLUSSI TAL-LIKWIDITÀ NETTI MINN ATTIVITAJIET ORDINARJI		4 654	3 503
ŻIEDA/(TNAQQIS) NETT FI FLUS LIKWIDI U EKWIVALENTI		4 654	3 503
FLUS LIKWIDI U EKWIVALENTI FIL-BIDU TAS-SENA (**)	2.11	12 170	8 667
FLUS LIKWIDI U EKWIVALENTI FL-AĦĦAR TAS-SENA (**)	2.11	16 824	12 170

(*) Kellu jerġa' jiġi ddikjarat l-ammont tas-sena preċedenti wara aġġornament tar-regola tal-kontabilità rilevanti — preċedentement kien ġie inkluż passiv ta' EUR 63 miljun taħt l-attivitajiet operattivi u mhux f'din il-linja.

(**) Jinkludu l-flus likwidi tal-Fond ta' Garanzija (ara n-nota 2.11)

D. RENDIKONT TAL-BIDLJET FL-ASSI NETTI

EUR millionsmiljuni ta' EUR

	Riżervi		(**) Bilanċ favorevoli/(Defiċit) Akkumulat	Riżultat Ekonomiku tas-Sena (**)	Total
	Riżerva tal-valur ġust	Riżervi oħrajn			
BILANĊ SAL-31 DIĊEMBRU 2004 (dikjarat mill-ġdid)	88	2 479	(58 359)	4 194 (*)	(51 598)
Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija		145	(145)		0
Movimenti fil-valur ġust	(7)				(7)
Oħrajn			9		9
Allokazzjoni tar-Riżultat Ekonomiku 2004		103	1 354	(1 457)	0
Riżultat tal-baġit 2004 attribwit lill-Istati Membri				(2 737)	(2 737)
Riżultat ekonomiku għas-sena				(7 812)	(7 812)
BILANĊ FIL-31 DIĊEMBRU 2005	81	2 727	(57 141)	(7 812)	(62 145)
Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija		22	(22)		0
Movimenti fil-valur ġust	(77)				(77)
Oħrajn		72	145		217
Allokazzjoni tar-Riżultat Ekonomiku 2005		30	(7 842)	7 812	0
Riżultat tal-baġit 2005 attribwit lill-Istati Membri			(2 410)		(2 410)
Riżultat ekonomiku għas-sena				197	197
BILANĊ FIL-31 DIĊEMBRU 2006	4	2 851	(67 270)	197	(64 218)

(*) Ir-riżultat ekonomiku għall-2004 kien ibbażat fuq ir-regoli tal-kontabilità li kienu validi dak iż-żmien.

(**) Id-defiċit akkumulat magħdud mar-riżultat ekonomiku tas-sena huwa daqs l-ammonti mitluba mill-Istati Membri fuq il-karta tal-bilanċ.

E. NOTI MAR-RENDIKONTI FINANZJARJI

1.	Politika tal-kontabilità.....	16
2.	Noti mal-Karta tal-Bilanċ.....	29
3.	Noti mal-Kont tar-Riżultat Ekonomiku.....	54
4.	Noti mat-Tabella tal-Fluss tal-Likwidità.....	62
5.	Tagħrif barra l-Karta tal-Bilanċ u noti dwaru.....	63
6.	Ġestjoni tar-riskju finanzjarju.....	72
7.	Żvelar minn entitajiet konnessi.....	80
8.	Avvenimenti wara d-data tal-karta tal-bilanċ.....	81
9.	Entitajiet konsolidati.....	81
10.	Entitajiet mhux konsolidati.....	83

1. POLITIKA TAL-KONTABILITÀ

1.1 DISPOŻIZZJONIJIET LEGALI U R-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-kontijiet jinżammu skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 248 tas-16 ta' Settembru 2002, p. 1, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006, ĠU L 390 tat-30 ta' Diċembru 2006) dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament Finanzjarju, modifikat l-aħħar fit-28 ta' Marzu 2007.

L-artikolu 133 tar-Regolament Finanzjarju jippreskrivi li l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni jadotta r-regoli u l-metodi tal-kontabilità li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha. Għalhekk, huwa adotta r-regoli tal-kontabilità preżenti għall-Komunitajiet fit-28 ta' Diċembru 2004. Dawn il-prinċipji ta' politika tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti huma meħuda mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) jew, jekk ma jkunx speċifikat mod ieħor, mill-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) kif maħruġa rispettivament mill-Bord ta' l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSASB) u l-Bord ta' l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB). Dawn ir-regoli ġew adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni wara li dan irċieva l-opinjoni ta' Grupp Espert ta' Konsulenza għall-Istandards tal-Kontabilità li pprova gwida professjonali. Ir-regoli tal-kontabilità jiġu riveduti u aġġornati fuq bażi regolari meta jkun meħtieġ; l-aktar riċenti kien fit-18 ta' Ottubru 2006.

Ir-regoli ta' valutazzjoni u kontabilità adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni huma applikati fl-Istituzzjonijiet u l-entitajiet Ewropej kollha li bħalissa jaqgħu fl-ambitu tal-konsolidazzjoni sabiex jistabbilixxu sett ta' regoli uniformi għall-kontabilità, il-valutazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet bl-għan li jiġi armonizzat il-proċess għat-tfassil tar-rendikonti finanzjarji u tal-konsolidazzjoni.

L-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni għandu jissottometti l-kontijiet konsolidati provviżorji lill-Qorti ta' l-Awdituri għall-verifika sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-kontijiet konsolidati finali sal-31 ta' Lulju u dawn imbagħad jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali sal-15 ta' Novembru flimkien mar-rapport ta' l-assigurazzjoni tal-Qorti ta' l-Awdituri. Kemm il-kontijiet annwali provviżorji kif ukoll dawk finali għall-2006 huma ppreżentati kif ġej: il-Volum I jiġbor fih il-kontijiet konsolidati, u l-Volum II il-kontijiet tal-Kummissjoni.

1.2 PRINĊIPJI TAL-KONTABILITÀ

L-għanijiet tar-rendikonti finanzjarji huma li jipprovdu informazzjoni dwar il-pożizzjoni finanzjarja, ir-rendiment u l-flussi tal-likwidità ta' entità li tkun utli għal ħafna nies li jkollhom bżonn jużawha. Għal entità tas-settur pubbliku bħall-Komunitajiet Ewropej, l-għanijiet huma, b'mod aktar speċifiku, li tipprovdi informazzjoni utli għat-tehd tad-deċizzjonijiet, u biex jagħtu prova tar-responsabbiltà ta' l-entità fir-rigward tar-riżorsi fdati lilha.

Biex jippreżentaw stampa vera u ġusta, ir-rendikonti finanzjarji m'għandhomx biss jipprovdu informazzjoni rilevanti biex jiddeskrivu n-natura u l-iskala ta' l-attivitajiet ta' l-Istituzzjoni jew Aġenzija, jispjegaw kif din tiġi ffinanzjata u jagħtu informazzjoni definittiva dwar l-operat tagħha, imma għandhom jagħmlu dan b'mod ċar u li jinftiehem u li b'hekk jippermetti paraguni bejn snin finanzjarji. Huwa b'dawn l-għanijiet li d-dokument preżenti ġie mfassal.

Is-sistema ta' kontabilità ta' l-Istituzzjonijiet u l-Aġenziji Ewropej tinkludi kontijiet ġenerali u kontijiet tal-baġit. Dawn il-kontijiet huma miżmuma fl-euro fuq il-baży tas-sena kalendarja. Il-**kontijiet tal-baġit** jagħtu stampa dettaljata ta' l-implimentazzjoni tal-baġit. Dawn huma bbażati fuq il-prinċipju modifikat tal-kontabilità bbażata fuq il-ħlasijiet⁽¹⁾. Il-**kontijiet ġenerali jagħtu lok għall-preparazzjoni tar-rendikonti finanzjarji** billi juru l-ispejjeż kollha u d-dħul kollu għas-sena finanzjarja u huma maħsuba biex jistabbilixxu l-pożizzjoni finanzjarja taħt forma ta' karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru.

L-Artikolu 124 tar-Regolament Finanzjarju jstabilixxi l-prinċipji tal-kontabilità li għandhom jiġu applikati fit-tfassil tar-rendikonti finanzjarji:

- fuq il-baży ta' entità attiva;
- bi prudenza;
- b'metodi ta' kontabilità konsistenti;
- b'komparabilità ta' l-informazzjoni;
- b'materjalità;

⁽¹⁾ Dan huwa differenti minn kontabilità bbażata fuq il-ħlasijiet minħabba elementi bħal trasferimenti.

- b'mod li ħaġa ma tiġix imġiegħla tikkumpensa għal oħra;
- bl-għażla tar-realtà fuq l-apparenza;
- b'kontabilità bbażata fuq id-dovuti.

1.3 KONSOLIDAZZJONI

L-ambitu tal-konsolidazzjoni tal-Komunitajiet Ewropej jinkludi 34 entità kkontrollata, assoċjat wieħed u intrapriża konġunta waħda. Il-lista sħiħa ta' l-entitajiet konsolidati tinsab fin-nota E9. Meta mqabbel ma' l-2005, l-ambitu tal-konsolidazzjoni ġie estiż bi 8 aġenziji.

L-entitajiet ikkontrollati

L-entitajiet ikkontrollati huma l-entitajiet kollha li fuqhom il-Komunitajiet Ewropej għandhom is-setgħa li jir-regolaw l-istrategġiji politiċi finanzjarji u operattivi tagħhom sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-attivitajiet ta' dawn l-entitajiet. Din is-setgħa għandha tkun eżerċitabbli fil-preżent. L-aktar indikatur komuni ta' kontroll, il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot, fil-maġġoranza tal-każijiet ma japplikax għall-Komunitajiet Ewropej billi normalment m'hemm l-ebda konnessjoni ta' kapital bejn l-entitajiet.

L-Istituzzjonijiet Ewropej li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-konsolidazzjoni ġew stabbiliti permezz tat-trattati tat-twaqqif tagħhom. Huma jirrappreżentaw il-bażi ta' l-istruttura organizzativa tal-Komunitajiet Ewropej u jagħtu kontribut inkontestabbli lill-għanijiet tal-Komunitajiet Ewropej. Dawn l-Istituzzjonijiet jistgħu għalhekk jitqiesu bħala li huma taħt il-kontroll esklużiv tal-Komunitajiet Ewropej.

Bl-istess metodu, l-Entitajiet tal-Komunitajiet u l-Aġenziji Eżekuttivi li nħolqu permezz ta' att ta' leġiżlazzjoni sekondarju huma kkunsidrati li jaqgħu taħt il-kontroll esklużiv tal-Komunitajiet Ewropej u għalhekk huma inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni. Fl-2006 ġew ikkonsolidati għall-ewwel darba sitt aġenziji ġodda. Barra minn hekk, l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern (Alicante) u l-Uffiċċju tal-Komunità għall-Varjetà tal-Pjanti (Angers), li ma jirċevux sussidji mill-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet, ġew integrati għall-ewwel darba fil-kontijiet ta' l-2006. L-impatt tal-konsolidazzjoni ta' dawn l-aġenziji għall-ewwel darba fil-kontijiet għall-2006 huwa kif ġej:

Assi mhux kurrenti::	32 miljun EUR
Assi kurrenti::	413 miljun EUR
Obbligi::	168 miljun EUR
Assi netti::	277 miljun EUR

Barra minn hekk, il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar f'Likwidazzjoni (KEFA) hija wkoll meqjusa bħala entità kkontrollata.

Entitajiet ikkontrollati huma konsolidati bl-użu tal-metodu ta' konsolidazzjoni sħiħa. It-tranżazzjonijiet u l-bilanċi kollha fost il-kumpaniji li jseħħu bejn l-entitajiet ikkontrollati tal-Komunitajiet Ewropej ġew eliminati. Qligħ u telf mhux realizzati fi tranżazzjonijiet bejn l-entitajiet mhumiex materjali u għalhekk ma ġewx eliminati.

Assoċjati

L-assoċjati huma l-entitajiet kollha li fuqhom il-Komunitajiet Ewropej għandhom influwenza sinifikanti imma mhux kontroll, u ġeneralment igawdu minn sehem mid-drittijiet tal-vot ta' bejn l-20 % u l-50 %. Investimenti fl-assoċjati huma ġġustifikati mill-metodu tal-kapital tal-kontabilità u huma rikonnoxxuti inizjalment skond kemm jiswew.

Is-sehem tal-Komunitajiet Ewropej mill-qligħ jew mit-telf wara l-akkwist ta' l-assoċjati tagħhom huwa rikonnoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku, u s-sehem tagħhom mill-movimenti wara l-akkwist friżervi huwa rikonnoxxut taħt ir-riżervi. Il-movimenti wara l-akkwisti kumulattivi huma aġġustati skond l-ammont miżmum ta' l-investment. Distribuzzjonijiet riċevuti minn assoċjat inaqqsu l-ammont miżmum ta' l-investment.

Qligħ u telf mhux realizzati fuq tranżazzjonijiet bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-assoċjati tagħhom mhumiex materjali u għalhekk ma ġewx eliminati.

Il-politika tal-kontabilità ta' l-assoċjati tista' tkun differenti minn dik adottata mill-Komunitajiet Ewropej għal tranżazzjonijiet u avvenimenti simili f'ċirkustanzi simili. Għal raġunijiet prattiċi, ma sar l-ebda aġġustament fir-rendikonti finanzjarji ta' l-assoċjati li ġew użati fl-applikazzjoni tal-metodu tal-kapital.

F'każijiet fejn il-Komunitajiet Ewropej ikollhom 20 % jew aktar minn fond kapitali ta' riskju, il-Komunitajiet Ewropej ma jfittxux li jeżerċitaw influwenza sinifikanti. Dawn il-fondi huma għalhekk meqjusa bħala assi disponibbli għall-bejgħ u l-metodu tal-kapital mhuwiex applikat.

Intrapriżi konġunti

Intrapriża konġunta hija arranġament b'kuntratt bejn il-Komunitajiet Ewropej u parti jew iktar partijiet ("l-intraprendituri") li bih dawn jidħlu għal attività ekonomika soġġetta għal kontroll konġunt. Il-kontroll konġunt huwa l-kontroll komuni fuq attività ekonomika li jkun miftiehem permezz ta' kuntratt. L-interessi f'entitajiet ikkontrollati b'mod konġunt huma ġġustifikati mill-metodu tal-kapital tal-kontabilità u huma rikonoxxuti inizjalment skond kemm jiswew.

Is-sehem tal-Komunitajiet Ewropej mill-qligħ jew it-telf ta' l-entitajiet tagħhom ikkontrollati b'mod konġunt huwa rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku, u l-interessi tagħhom mill-movimenti fir-riżervi huwa rikonoxxut taħt ir-riżervi. Il-movimenti kumulattivi huma aġġustati skond l-ammont miżmum ta' l-investment. Qligħ u telf mhux realizzati fuq tranżazzjonijiet bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-entità tagħhom ikkontrollata b'mod konġunt mhumiex materjali u għalhekk ma ġewx eliminati.

Il-politiki tal-kontabilità ta' intrapriżi konġunti jistgħu jkunu differenti minn dawk adottati mill-Komunitajiet Ewropej għal tranżazzjonijiet u avvenimenti simili f'ċirkustanzi simili.

Għal raġunijiet prattiċi, ma sar l-ebda aġġustament fir-rendikonti finanzjarji ta' l-intrapriżi konġunti li ġew użati fl-applikazzjoni tal-metodu tal-kapital. F'każijiet fejn il-Komunitajiet Ewropej ikollhom 20 % jew aktar minn fond kapitali ta' riskju, il-Komunitajiet Ewropej ma jfittxux li jeżerċitaw influwenza sinifikanti. Dawn il-fondi huma għalhekk meqjusa bħala assi disponibbli għall-bejgħ u l-metodu tal-kapital mhuwiex applikat.

Entitajiet mhux konsolidati

Il-fondi ġestiti mill-Komunitajiet kemm fisem l-Iskema Konġunta ta' Assigurazzjoni kontra l-Mard għall-personal tal-Komunitajiet Ewropej, kif ukoll għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp mhumiex ikkonsolidati fil-kontijiet tal-Komunitajiet Ewropej. Sal-31 ta' Diċembru 2006 l-assi totali tat-tnejn li huma kienu ta' 279 miljun EUR u 3,3 biljun EUR rispettivament — ara n-nota E 10.

1.4 MUNITA U BAŻI GĦALL-KONVERŻJONI

Munita operattiva u tar-rappurtar

Ir-rendikonti finanzjarji konsolidati huma ppreżentati feuro, li hija l-munita operattiva u tar-rappurtar tal-Komunitajiet Ewropej.

Tranżazzjonijiet u bilanċi

Tranżazzjonijiet fi flus barranin huma kkonvertiti feuro bir-rati tal-kambju prevalenti fid-dati tat-tranżazzjonijiet.

Qligħ u telf li jirriżulta mill-ħlas ta' tranżazzjonijiet ta' valuti barranin u mit-traduzzjoni bir-rati tal-kambju ta' l-aħħar tas-sena ta' assi u obbligi monetarji denominati f'valuti barranin huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Il-bilanċi ta' l-aħħar tas-sena ta' assi u obbligi monetarji denominati fi flus barranin huma kkonvertiti feuro fuq il-bażi tar-rati tal-kambju li kienu japplikaw fil-31 ta' Diċembru 2006:

Rata tal-Kambju ta' l-EURO fil-31 ta' Diċembru 2006

CYP	0,5782
LTL	3,4528
CZK	27,4850
MTL	0,4293
DKK	7,4560
PLN	3,8310
EEK	15,6466
SKK	34,4350
GBP	0,6715
SIT	239,6400
HUF	251,7700
SEK	9,0404
LVL	0,6972
USD	1,3170

Metodi ta' konverżjoni differenti japplikaw għall-intestaturi li ġejjin:

- assi tanġibbli u intanġibbli, li jżommu l-valur tagħhom feuro bir-rati li kienu japplikaw fid-data meta nxtraw; kif ukoll
- prefinanzjament imħallas taħt is-Sezzjoni tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, li huwa kkonvertit skond ir-rati tal-kambju li japplikaw fl-10 jum tax-xahar ta' wara x-xahar meta jiġi konċess.

Bidliet fil-valur ġust tat-titoli monetarji denominati f'muniti barranin u kklassifikati bħala assi disponibbli għall-bejgħ huma analizzati bejn differenzi tat-traduzzjoni li jirriżultaw mill-bidliet fl-ispejjeż amortizzati tat-titolu, u bidliet oħra fl-ammont kontabbli tat-titolu. Differenzi tat-traduzzjoni huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku, u bidliet oħra fl-ammont kontabbli huma rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust. Differenzi tat-traduzzjoni fuq assi u obbligi finanzjarji mhux monetarji miżmuma bil-valur ġust permezz ta' qligħ jew telf huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Id-differenzi fit-traduzzjoni fuq assi finanzjarji mhux monetarji kklassifikati bħala li huma disponibbli għall-bejgħ huma inklużi fir-riżerva tal-valur ġust.

1.5 KARTA TAL-BILANĊ

1.5.1 Assi fissi intanġibbli

Liċenzji akkwistati ta' software tal-kompjuter huma kapitalizzati fuq il-bażi ta' l-ispejjeż imġarrba għall-akkwist u biex is-software speċifiku isir utilizzabbli. Dawn l-ispejjeż huma amortizzati fuq it-tul maħsub taż-żmien ta' l-utilità tagħhom (4 snin). Assi intanġibbli prodotti internament huma bħalissa inklużi fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Spejjeż assoċjati ma' l-iżvilupp jew il-manteniment ta' programmi ta' software tal-kompjuter huma rikonoxxuti bħala spejjeż imġarrba.

1.5.2 Assi fissi tanġibbli

Propjetà, impjanti u apparat

Il-propjetà, l-impjanti u l-apparat huma ddikjarati kollha bil-prezz storiku tagħhom nieqes id-deprezzament (minbarra dak ta' l-artijiet, ta' opri ta' l-arti u ta' l-assi li għadhom qed jinbnew) u d-deterjorament. Il-prezz storiku jinkludi spejjeż li huma direttament attribwibbli għall-akkwist ta' l-oġġetti.

Spejjeż sussegwenti huma inklużi fl-ammont miżmum ta' l-assi jew inkella rikonoxxuti bħala assi separati, skond kif ikun meħtieġ, biss meta jkun hemm probabbiltà li l-benefiċċji ekonomiċi futuri assoċjati ma' l-oġġett ikunu se imorru għall-Komunitajiet Ewropej u l-prezz ta' l-oġġett ikun jista' jiġi valutat b'mod kredibbli. Kwalunkwe tiswija u manteniment ieħor ikunu ddebitati lill-kont tar-riżultat ekonomiku matul il-perjodu finanzjarju li fih ikun imġarrab.

Artijiet, opri ta' l-arti u assi li għadhom qed jinbnew ma jiġux deprezzati. Id-deprezzament fuq assi oħrajn jiġi kkalkulat bil-metodu tal-linja dritta biex jalloka l-ispiża tagħhom lill-valuri residwi tagħhom fuq it-tul maħsub taż-żmien ta' l-utilità tagħhom, kif ġej:

Rati ta' deprezzament	
Tip ta' Assi	Rata ta' deprezzament lineari
Assi intanġibbli	25 %
Bini	4 %
Impjant, makkinarju u apparat	10 % sa 25 %
Għamara	10 % sa 25 %
Armar	10 % sa 33 %
Vetturi	25 %
Hardware tal-kompjuter	25 %
Assi fissi oħrajn	10 % sa 33 %

Il-valuri residwi u t-tul maħsub taż-żmien ta' l-utilità ta' l-assi jiġu riveduti, u aġġustati jekk ikun hemm bżonn, ma' kull data tal-karta tal-bilanċ. L-ammont miżmum ta' assi jiġi mnaqqas immedjament għall-ammont li jista' jerġa' jiġi rkuprat jekk l-ammont miżmum ta' l-assi jkun akbar mill-ammont smat li jista' jerġa' jiġi rkuprat tiegħu.

Il-qligħ u t-telf fuq bejgħ jew tneħħija huma ddeterminati bit-tqabbil tar-rikavat ma' l-ammont miżmum. Dawn huma inklużi fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Kirjiet

Il-kiri ta' assi tanġibbli, fejn il-Komunitajiet Ewropej għandhom sostanzjalment ir-riskji u l-vantaġġi kollha tal-pussess, huwa kklassifikat bħala kiri finanzjarju. Il-kiri finanzjarju huwa kkapitalizzat fil-bidunett tal-kirja fl-inqas tal-valur ġust ta' l-assi mikrija u l-valur ta' lllum tal-ħlasijiet minimi tal-kiri. Kull ħlas tal-kiri huwa allokat bejn l-obbligi u l-ħlasijiet finanzjarji sabiex tinkiseb rata kostanti fuq il-bilanċ finanzjarju pendenti. L-obbligazzjonijiet tal-kiri, wara li jkun għew imnaqqsa l-ħlasijiet finanzjarji, huma inklużi f'obbligi oħrajn (ta' skadenza twila u qasira.) L-element ta' imgħax tal-prezz finanzjarju huwa ddebitat lill-kont tar-riżultat ekonomiku matul il-perjodu tal-kiri b'mod li jipproduċi rata perijodika ta' imgħax kostanti fuq il-bilanċ li jibqa' ta' l-obbligu għal kull perijodu. L-assi akkwistati taħt kiri finanzjarju huma deprezzati matul l-iqsar żmien bejn l-utilità ta' l-assi u t-terminu tal-kiri.

Kiri fejn sid il-kerā jżomm sehem sinifikanti mir-riskji u l-premijiet inerenti għall-pussess huwa kklassifikat bħala kiri operattiv. Ħlasijiet li jsiru taħt kiri operattiv huma ddebitati lill-kont tar-riżultat ekonomiku fuq lineari matul il-perjodu tal-kirja.

1.5.3 Deterjorament ta' assi mhux finanzjarji

Assi li għandhom żmien ta' utilità indefinit mhumieħ soġġetti għall-amortizzazzjoni u huma ttestjati kull sena fir-rigward tad-deterjorament. Assi li huma soġġetti għall-amortizzazzjoni huma riveduti fir-rigward tad-deterjorament kull darba li avvenimenti jew bidliet fiċ-ċirkustanzi jindikaw il-possibbiltà li l-ammont miżmum jista' ma jkunx jista' jerġa' jinġabar. Telf minħabba deterjorament huwa rikonoxxut bħala d-differenza li biha l-ammont miżmum ta' l-assi jaqbeż l-ammont li jista' jerġa' jkun rkuprat tiegħu. L-ammont li jista' jkun rkuprat huwa l-ogħla tal-valur ġust ta' l-assi bit-tnaqqis ta' l-ispejjeż tal-bejgħ u l-valur fl-użu.

1.5.4 Investimenti

Investimenti f'Assoċjati u interessi f'Intrapriżi Konġunti

Investimenti f'assoċjati u interessi f'intrapriżi konġunti huma inklużi fil-kontijiet bl-użu tal-metodu tal-kapital.

Investimenti fil-Fondi ta' Kapital tar-Riskju

Klassifikar u kejl

Investimenti f'Fondi ta' Kapital tar-Riskju huma klassifikati bħala assi disponibbli għall-bejgħ u għal-hekk għandhom jintwerew fil-valur ġust tagħhom bil-qligħ u t-telf li jirriżulta mill-bidliet fil-valur ġust (inklużi differenzi fit-traduzzjoni) rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust.

Kunsiderazzjonijiet tal-valur ġust

Ladarba m'għandhomx prezz tas-suq ikkwatant f'suq attiv u fl-assenza ta' teknika affidabbli ta' valutazzjoni, **investimenti fil-Fondi ta' Kapital tar-Riskju** huma smati linja b'linja abbażi ta' l-inqas mill-prezz tax-xiri jew il-valur ta' l-ass netti attribwibbli ("NAV") kif imniżżlin mill-amministratur tal-fondi sad-data tal-karta tal-bilanċ, li b'hekk teskludi kwalunkwe qligħ mhux realizat li jista' jkun attribwit u li jista' jkun prevalenti fil-portfoljo ta' l-investment tal-bażi. **Investimenti fil-Fondi ta' Kapital tar-Riskju li ilhom jeżistu għall-inqas minn sentejn mid-data tal-karta tal-bilanċ jiġu valutati fuq il-bażi ta' l-istess prinċipji, ħlief f'każ ta' telf mhux realizat dovut biss għal spejjeż amministrattivi fejn, minħabba l-istadju bikri tal-portfoljo ta' l-investment tal-bażi, dan it-telf mhux realizat mhuwiex qed jiġi meqjus.**

Ta' min jinnota li ġie żviluppat "metodu ta' valur ġust" mill-Fond Ewropew għall-Investment f'konformità ma' l-IAS 39 u dan ġie applikat għall-investimenti tal-Kummissjoni Ewropea f'fondi ta' kapital ta' riskju kif kienu fl-aħħar tas-sena 2005. Din il-bidla mill-metodu ta' valutazzjoni preżenti għal dan il-"metodu ta' valur ġust" saret effettiva fil-kontijiet tal-Kummissjoni fl-1 ta' Jannar 2006 u l-aġġustament relatat ġie rikonoxxut fir-riżerva tal-valur ġust.

B'dan il-metodu, il-valur ġust ta' l-investimenti fil-Fondi tal-Kapital tar-Riskju jinkiseb bl-applikazzjoni tal-kunċett tal-Valur ta' l-Assi Netti ("NAV") li impliċitament jassumi li jekk l-NAVs tal-fondi jistgħu jitqiesu bħala konformi ma' l-IAS 39, allura l-aggregazzjoni ta' l-NAVs tal-fondi kollha tkun hi nnifisha konformi ma' l-IAS 39.

Skond dan il-metodu, il-fondi huma kklassifikati fi tliet kategoriji:

- Il-Kategorija I — fondi li adottaw ir-rekwiżiti tal-valur ġust ta' l-IAS 39.
- Il-Kategorija II — fondi li adottaw linji ta' gwida ta' valutazzjoni oħrajn (i.e. linji ta' gwida ta' valutazzjoni ta' l-AFIC, tal-BVCA & ta' l-EVCA) jew standards li jistgħu jitqiesu li jikkonformaw ma' l-IAS 39.
- Il-Kategorija III — fondi li ma adottawx ir-rekwiżiti tal-valur ġust ta' l-IAS 39 jew kwalunkwe linji ta' gwida ta' stima oħrajn li jikkonformaw ma' l-IAS 39.

Għall-Kategoriji I u II, gwadani mhux realizzati li jirriżultaw mill-valutazzjoni tal-valur ġust huma rikonoxxuti fir-riżervi u telf mhux realizzati huwa stmat għal deterjorament sabiex jiġi ddeterminat jekk għandhomx jiġu rikonoxxuti bħala telf ta' deterjorament fil-kont tar-riżultat ekonomiku jew bħala bidliet fir-riżerva tal-valur ġust.

Il-valur ġust tan-NAV attribwibbli huwa ddeterminat billi wieħed japplika jew il-persentaġġ ta' pussess fil-fond tal-Komunitajiet Ewropej lin-NAV rifless fl-aktar rapport reċenti jew, sa fejn hu disponibbli, il-valur eżatt ta' l-ishma fl-istess data, ippreżentat mill-Amministratur tal-Fondi rispettiv.

Investimenti li jaqgħu taħt il-kategorija III huma valutati skond kemm jiswew bit-tnaqqis tad-deterjorament (għalkemm bħalissa m'huma miżmuma l-ebda investimenti ta' dan it-tip).

Investimenti oħrajn

Klassifikazzjoni

Il-Komunitajiet Ewropej jikklassifikaw l-investimenti tagħhom fil-kategoriji li ġejjin: assi finanzjarji ta' valur ġust minn qligħ jew telf; self u ammonti riċevibbli; investimenti li jinżammu sakemm jimmatuaw; u assi finanzjarji lesti għall-bejgħ. Il-klassifikazzjoni ta' l-investimenti hija ddeterminata mar-rikonoxximent inizjali u terġa' tiġi evalwata f'kull data tal-karta tal-bilanċ.

(i) *Assi finanzjarji b'valur ġust minn qligħ u telf*

Din il-kategorija tinqasam f'żewġ sotto-kategoriji: assi finanzjarji miżmuma għall-kummerċ, u dawk stabbiliti b'valur ġust permezz ta' profitt jew telf mill-bidunett. L-assi finanzjarji huma kklassifikati f'din il-kategorija jekk ikunu akkwistati prinċipalment bl-iskop li jinbiegħu f'terminu qasir jew jekk ikun hekk indikat mill-Komunitajiet Ewropej. Id-derivattivi huma wkoll kategorizzati bħala miżmuma għal skopijiet ta' negozju sakemm ma jkunux jikkwalifikaw għall-kontabilità tal-koperturi (*hedge accounting*). L-assi f'din il-kategorija jiġu kklassifikati bħala assi kurrenti jekk ikunu mistennija li jiġu realizzati fi żmien 12-il xahar mid-data tal-karta tal-bilanċ.

(ii) *Self u ammonti riċevibbli*

Self u ammonti riċevibbli huma assi finanzjarji mhux derivattivi bi ħlasijiet fissi jew li jistgħu jiġu determinati li mhumiex ikkwotati f'suq attiv. Dawn jinħolqu meta l-Komunitajiet Ewropej jipprovdwu flus, merkanzija jew servizzi direttament lil debitur bl-ebda intenzjoni li jinnegozjaw ir-riċevibbli. Huma inklużi fl-assi mhux kurrenti, minbarra fil-każ ta' maturitajiet ta' inqas minn 12-il xahar mid-data tal-karta tal-bilanċ.

(iii) *Investimenti li jinżammu sal-maturità tagħhom*

Investimenti li jinżammu sal-maturità tagħhom huma assi finanzjarji mhux derivattivi bi ħlasijiet fissi jew li jistgħu jiġu ddeterminati, u maturitajiet fissi li l-Komunitajiet Ewropej ikollhom l-intenzjoni u l-abilità li jżommu sakemm jimmatuaw. Matul din is-sena finanzjarja, il-Komunitajiet Ewropej ma żam-mewx investimenti f'din il-kategorija.

(iv) *Assi finanzjarji lesti għall-bejgħ*

Assi finanzjarji lesti għall-bejgħ huma assi mhux derivattivi li huma jew kklassifikati f'din il-kategorija jew li inkella mhumiex ikklassifikati fl-ebda waħda mill-kategoriji l-oħrajn. Huma inklużi f'assi mhux kurrenti kemm-il darba l-Komunitajiet Ewropej ma jkollhomx il-ħsieb li jiddisponu mill-investiment fi żmien 12-il xahar mid-data tal-karta tal-bilanċ.

Rikonoxximent u valutazzjoni inizjali

Xiri u bejgħ ta' assi finanzjarji ta' valur ġust minn qligħ jew telf, dawk li jinżammu sal-maturità tagħhom u dawk lesti għall-bejgħ jiġu rikonoxxuti fid-data tal-kummerċ — id-data li fiha l-Komunitajiet Ewropej jikkommettu ruħhom li jixtru jew ibiegħu l-assi. Is-self huwa rikonoxxut meta l-flus jingħataw lil min jissellef. L-investimenti huma rikonoxxuti inizjalment bil-valur ġust flimkien ma' l-ispejjeż tat-tranżazzjoni għall-assi finanzjarji kollha li ma jkunux miżmuma b'valur ġust minn qligħ jew telf. Assi finanzjarji miżmuma b'valur ġust minn qligħ jew telf huma rikonoxxuti inizjalment bil-valur ġust u l-ispejjeż tat-tranżazzjoni huma mġarrba fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Il-valur ġust ta' assi finanzjarji fir-rikonoxximent inizjali huwa normalment il-prezz tat-tranżazzjoni (jiġifieri l-valur ġust tal-konsiderazzjoni riċevuta). Madankollu, meta jingħata self fit-tul li m'għandux imgħax jew li għandu imgħax inqas mill-kundizzjonijiet tas-suq, il-valur ġust tiegħu jista' jkun stmat bħala l-valur preżenti tal-ħlasijiet futuri kollha skontati skond ir-rata ta' imgħax prevalenti fis-suq għal strument simili bi klassifika tad-debituri simili.

Fil-każ ta' self lil uffiċjali mogħti mill-KEFA f'likwidazzjoni, jintuża l-prezz tat-tranżazzjoni bħala valur ġust inizjali indipendentement minn kull rata ta' imgħax preferenzjali li tingħata, għal raġunijiet prattiċi u fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità.

L-investimenti ma jibqgħux rikonoxxuti meta d-drittijiet li wieħed jirċievi flussi tal-likwidità mill-investimenti jiskadu jew jiġu trasferiti u l-Komunitajiet Ewropej ikunu ttrasferew sostanzjalment r-riskji u l-premjijiet kollha tal-pussess.

Valutazzjoni sussegwenti

Assi finanzjarji lesti għall-bejgħ u assi finanzjarji ta' valur ġust minn qligħ jew telf huma sussegwentement miżmuma bil-valur ġust.

Self u ammonti riċevibbli u investimenti li jinżammu sal-maturità tagħhom huma miżmuma bi prezz amortizzat bil-metodu ta' interess effettiv. Qligħ u telf li jseħħu minn bidliet fil-valur ġust tal-kategorija "l-assi finanzjarji b'valur ġust minn qligħ jew telf" huma inklużi fil-kont tar-riżultat ekonomiku fil-perjodu meta jseħħu.

Bidliet fil-valur ġust ta' assi finanzjarji monetarji, denominati f'munita barranija u kklassifikati bħala lesti għall-bejgħ, huma analizzati bejn id-differenzi fit-traduzzjoni li jirriżultaw minn bidliet fil-prezz amortizzat ta' l-assi u minn bidliet oħra fl-ammont miżmum ta' l-assi. Id-differenzi fit-traduzzjoni huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku, u bidliet oħra fl-ammont miżmum huma rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust. Bidliet fil-valur ġust ta' assi finanzjarji mhux monetarji kklassifikati bħala lesti għall-bejgħ huma rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust.

Meta assi finanzjarji kklassifikati bħala lesti għall-bejgħ ikunu mibjugħa jew mdgħajfa, l-aġġustamenti kumulattivi fil-valur ġust li qabel kienu rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust għandhom jiġu rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

L-imgħax fuq assi finanzjarji lesti għall-bejgħ ikkalkulat bil-metodu ta' interess effettiv huwa rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Id-dividendi fuq strumenti azzjonarji lesti għall-bejgħ huma rikonoxxuti meta jiġi stabbilit id-dritt tal-Komunitajiet Ewropej li jirċievu ħlas.

Il-valuri ġusti ta' investimenti kkwoṭati fi swieq attivi huma bbażati fuq il-prezzijiet kurrenti ta' xiri. Jekk is-suq għal assi finanzjarji (u għal titoli mhux ikkwoṭati) ma jkunx attiv, il-Komunitajiet Ewropej jistabbilixxu valur ġust billi jużaw tekniki ta' stima. Dawn jinkludu l-użu ta' tranżazzjonijiet miftiehma riċentement, referenza għal strumenti oħrajn li huma sostanzjalment l-istess, analiżi tal-fluss tal-likwidità skontati, mudelli ta' prezzijiet speċjali u tekniki ta' stima oħrajn li huma komunement użati minn parteċipanti fis-suq.

Fil-każijiet fejn il-valur ġust ta' investimenti fi strumenti azzjonarji li m'għandhomx prezz tas-suq ikkwoṭat f'suq attiv ma jkunx jista' jiġi vvalutat b'mod li wieħed jista' jorbot fuqu, dawn l-investimenti huma vvalutati skond kemm jiswew bit-tnaqis tad-deterjorament.

Self u riċevibbli u investimenti miżmuma sal-maturità jintwerew bil-prezz amortizzat bl-użu tal-metodu ta' l-interessi effettivi. Fil-każ ta' self mogħti fuq fondi missellfa, il-metodu ta' l-imgħax effettiv jista' ma jiġix applikat separatament għall-ġħoti u tēhid b'self, fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni magħmula mill-Komunitajiet Ewropej u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self huma direttament rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Deterjorament ta' assi finanzjarji

Ma' kull data tal-karta tal-bilanċ il-Komunitajiet Ewropej jagħmlu stima biex jaraw jekk hemmx evidenza oġġettiva li xi assi finanzjarji huwa mħassra. Assi finanzjarji jkunu mħassra, u b'hekk iġarrbu telf minħabba d-deterjorament, jekk, u biss jekk, ikun hemm evidenza oġġettiva ta' deterjorament bħala riżultat ta' avveniment jew avvenimenti li seħħew wara r-rikonoxximent inizjali ta' l-assi, u dak l-avveniment (jew avvenimenti) ta' telf ikollu impatt fuq il-flussi tal-likwidità futuri stmati ta' l-assi finanzjarji li jistgħu jkunu stmati b'mod li wieħed jista' jorbot fuqu.

(i) Assi miżmuma bi prezz ammortizzat

Jekk hemm evidenza oġġettiva li ġie mġarrab telf minħabba deterjorament fuq self u riċevibbli jew investimenti li jinżammu sal-maturità miżmuma bi prezz ammortizzat, l-ammont tat-telf jiġi vvalutat bħala d-differenza bejn l-ammont miżmum ta' l-assi u l-valur preżenti tal-flussi tal-likwidità futuri stmati (min-barra telfiet futuri tal-kreditu li ma ġġarrbux) imnaqqas bir-rata ta' imgħax effettiva oriġinali ta' l-assi finanzjarji. L-ammont miżmum ta' l-assi jiġi mnaqqas u l-ammont tat-telf jiġi rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Jekk self jew investiment li jinżamm sal-maturità jkollu rata ta' imgħax varjabbli, ir-rata ta' skont għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe telf minħabba deterjorament tkun ir-rata preżenti u effettiva ta' imgħax iddeterminata fil-kuntratt.

Il-kalkolu tal-valur preżenti tal-flussi tal-likwidità futuri stmati ta' assi finanzjarji kollateralizzati tirrifletti l-flussi tal-likwidità li jistgħu jirriżultaw minn għeluq bikri ta' l-assi bit-tnaqqis ta' l-ispejjeż għall-kisba u l-bejgħ tal-kollaterali, kemm jekk l-għeluq bikri jkunx probabbli jew le.

Jekk, f'perjodu sussegwenti, l-ammont tat-telf minħabba deterjorament jonqos u dan it-tnaqqis ikun jista' jiġi relatat b'mod oġġettiv ma' avveniment li jseħħ wara li d-deterjorament kien rikonoxxut, it-telf minħabba deterjorament rikonoxxut preċedement jiġi maqlub permezz tal-kont tar-riżultat ekonomiku.

(ii) Assi miżmuma b'valur ġust

Fil-każ ta' titoli azzjonarji klassifikati bħala disponibbli biex jinbigħu, tnaqqis sinifikanti jew fit-tul fil-valur ġust tat-titolu taħt il-prezz tiegħu jiġi kkunsidrat fid-determinazzjoni ta' jekk it-titoli humiex imhasra. Jekk kwalunkwe evidenza ta' dan it-tip teżisti għal assi finanzjarji lesti għall-bejgħ, it-telf kumulattiv — i-valutat bħala d-differenza bejn il-prezz ta' l-akkwiżizzjoni u l-valur ġust kurrenti, bit-tnaqqis ta' kwalunkwe telf minħabba deterjorament fuq dawk l-assi finanzjarji rikonoxxut preċedement fil-kont tar-riżultat ekonomiku — huwa mnaqqas mir-riżervi u rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku. Telf minħabba deterjorament rikonoxxut fil-kont tar-riżultat ekonomiku fuq strumenti azzjonarji ma jkunx maqlub permezz tal-kont tar-riżultat ekonomiku. Jekk, f'perjodu sussegwenti, il-valur ġust ta' strument ta' debitu kklassifikat bħala lest għall-bejgħ jiżdied u ż-żieda tista' tkun relatata b'mod oġġettiv ma' avveniment li jkun seħħ wara li t-telf minħabba deterjorament kien rikonoxxut, it-telf minħabba deterjorament jiġi maqlub permezz tal-kont tar-riżultat ekonomiku.

1.5.5 **Stokks**

L-istokks huma rrappurtati fl-inqas valur tal-prezz tax-xiri u tal-valur nett li jiġibu. Il-prezz huwa ddeterminat skond il-metodu ta' l-ewwel li jinxtara, l-ewwel li jinbiegħ (FIFO). F'każijiet eċċezzjonali, wieħed jista' japplika l-formula tal-Koeffiċjent Medju ta' l-Ispejjeż (WAC). L-ispiża tal-merkanzija lesta u tax-xogħol fl-idejn jinkludi l-ispejjeż tad-disinn, materja prima, xogħol dirett, spejjeż diretti oħrajn u spejjeż tal-produzzjoni marbuta (ibbażati fuq kapaċità operattiva normali). Il-valur nett li jiġibu huwa l-prezz tal-bejgħ stmat fil-linja ta' negozju ordinarju, bit-tnaqqis ta' l-ispejjeż għat-tlestija u l-ispejjeż tal-bejgħ.

Meta stokks jiġu miżmuma għad-distribuzzjoni mingħajr ħlas jew bi ħlas nominali, dawn jiġu vvalutati fl-inqas prezz tax-xiri u fil-prezz kurrenti ġdid. Prezz kurrenti ġdid huwa l-prezz li l-Komunitajiet Ewropej iġarrbu kieku kellhom jakkwistaw l-assi fid-data tar-rappurtar.

1.5.6 *Ammonti ta' prefinanzjament*

Prefinanzjament huwa ħlas maħsub biex jipprovi lill-benefiċjarju bi ħlas bil-quddiem ta' flus, jiġifieri somma żgħira għall-ispejjeż ta' kuljum. Huwa jista' jinqasam f'numru ta' ħlasijiet fuq perjodu definit fil-ftehim partikolari ta' prefinanzjament. Is-somma jew il-ħlas bil-quddiem jitħallas lura jew jiġi użat għall-għan li għalih kien ipprovdut matul il-perjodu definit fil-ftehim. Jekk il-benefiċjarju ma jġarrabx spejjeż eliġibbli, għandu l-obbligu li jrodd lura l-ħlas pre-finanzjarju lill-Komunitajiet Ewropej. L-ammont tal-prefinanzjament jitnaqqas (kollu kemm hu jew parzjalment) meta jiġu aċċettati spejjeż eliġibbli u ammonti mogħtija lura.

Fl-aħħar tas-sena, l-ammonti tal-prefinanzjament huma vvalutati bl-ammont(i) oriġinali, b'dawn li ġejjin imnaqqa minnhom: ammonti mogħtija lura, ammonti eliġibbli mgħoddija, ammonti eliġibbli stmati li għadhom mhumiex mgħoddija sa l-aħħar tas-sena, u tnaqqis fil-valur.

L-imgħax fuq il-prefinanzjamenti huwa rikonoxxut hekk kif dan jiġi ggwadanjat skond il-proviżjonijiet tal-ftehim rilevanti. Stima tad-dħul mill-imgħaxijiet akkumulati, fuq il-bażi ta' l-aktar informazzjoni reċenti, issir fl-aħħar tas-sena u hija inkluża fil-karta tal-bilanċ. Garanziji relatati ma' l-ammonti tal-prefinanzjament huma żvelati barra mill-karta tal-bilanċ bħala assi kontinġenti.

1.5.7 *Ammonti riċevibbli*

Ir-riċevibbli huma miżmuma fl-ammont oriġinali nieqes it-tnaqqis fil-valur minħabba deterjorament. It-tnaqqis fil-valur minħabba deterjorament ta' riċevibbli jiġi stabbilit meta jkun hemm evidenza oġġettiva li l-Komunitajiet Ewropej mhux se jkun jistgħu jiġbru l-ammonti kollha dovuti skond it-termini oriġinali tar-riċevibbli. L-ammont tat-tnaqqis fil-valur huwa d-differenza bejn l-ammont miżmum ta' l-assi u l-ammont li jista' jiġi rkuprat, li huwa l-valur preżenti tal-flussi tal-likwidità futuri mistennija, skontat bir-rata ta' imgħax tas-suq għal debitori simili. L-ammont tat-tnaqqis fil-valur huwa rikonoxxut fir-rendikont tal-kont tar-riżultat ekonomiku. Huwa rikonoxxut ukoll tnaqqis ġenerali tal-valur ta' 20 % fis-sena għal ordnijiet pendenti ta' rkupru li ma jkunux għadhom soġġetti għal tnaqqis speċifiku.

Ara wkoll in-nota **1.5.13** hawn taħt dwar it-trattament ta' dħul dovut rikonoxxut fl-aħħar tas-sena.

1.5.8 *Flus likwidi u ekwivalenti*

Il-flus likwidi u l-ekwivalenti huma definiti bħala assi għal perjodu qasir. Dawn jinkludu flus fl-idejn, depożiti miżmuma mal-banek li jistgħu jiġu miġbuda bla dewmien, investimenti likwidi oħrajn ta' skadenza qasira b'maturitajiet oriġinali ta' tliet xhur jew inqas, u overdrafts bankarji. Overdrafts bankarji huma mniżżlin bħala obbligi finanzjarji taħt obbligi kurrenti fil-karta tal-bilanċ.

1.5.9 *Benefiċċji ta' l-impjegati*

L-obbligi tal-pensjoni

Il-Komunitajiet Ewropej joperaw pjanijiet ta' pensjoni b'benefiċċju definit. Pjan ta' benefiċċju definit huwa pjan ta' pensjoni li ġeneralment jiddefinixxi ammont li impjegat jirċievi meta jirtira, li ssoltu jiddependi fuq wieħed jew aktar fatturi bħall-età, is-snin ta' servizz u l-kumpens. Filwaqt li l-istaff jikkontribwixxi mis-salarju terz ta' kemm hu mistenni li jiswew dawn il-benefiċċji, l-obbligu m'huwiex finanzjat.

L-obbligu rikonoxxut fil-karta tal-bilanċ fir-rigward tal-pjanijiet ta' pensjoni b'benefiċċju definit huwa l-valur preżenti ta' l-obbligu tal-benefiċċju definit sad-data tal-karta tal-bilanċ bit-tnaqqis tal-valur ġust ta' tal-pjan ta' l-assi. L-obbligu tal-benefiċċju definit huwa kkalkulat minn attwarji indipendenti li jużaw il-metodu ta' unità tal-kreditu stmat. Il-valur preżenti ta' l-obbligu tal-benefiċċju definit jiġi determinat billi l-ħruġ tal-flus stmat fil-futur jiġi skontat bl-użu ta' rati ta' imgħax ta' bonds ta' kwalità għolja maħruġa minn kumpaniji li huma denominati fil-munita li l-benefiċċji se jitħallsu biha, u li għandhom termini ta' maturità li joqorbu lejn it-termini tal-passiv tal-pensjoni relatata.

Qliġh u telf attwarjali li jseħħu minħabba li jsiru aġġustamenti ibbażati fuq l-esperjenza, u bidliet f'suppożizzjonijiet attwarjali huma rikonoxxuti immedjatament fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Spejjeż ta' servizz mogħti fil-passat huma rikonoxxuti immedjatament fid-dħul, kemm-il darba l-bidliet fil-pjan tal-pensjoni jkun marbuta mall-kundizzjoni li l-impjegati jibqgħu fis-servizz għal perjodu ta' żmien speċifikat (il-perjodu ta' assenjazzjoni). F'dan il-każ, l-ispejjeż tas-servizz mogħti fil-passat jiġu amortizzati fuq bażi tal-linja dritta waqt il-perjodu ta' assenjazzjoni.

Benefiċċji tal-mard wara l-irtirar

Il-Komunitajiet Ewropej jipprovdu benefiċċji tas-saħħa lill-impjegati permezz ta' rimborż ta' l-ispejjeż mediċi. Għall-amministrazzjoni ta' kuljum inħoloq fond ("RCAM") separat. Jibbenefikaw mis-sistema kemm impjegati preżenti, kif ukoll pensjonanti, romol u l-benefiċjarji tagħhom. Il-benefiċċji mogħtija lill-impjegati preżenti huma klassifikati bħala "Spejjeż ta' l-istaff" u l-ammonti mħallsa matul il-perjodu ta' kontabilità huma rikonnoxxuti bħala nfiq fil-Kont tar-Riżultat Ekonomiku.

Il-benefiċċji mogħtija lill-persuni "inattivi" (pensjonanti, orfni, eċċ.) huma klassifikati bħala "Benefiċċji ta' l-Impjegati ta' wara l-Impjeg". Minħabba n-natura ta' dawn il-benefiċċji, kien meħtieġ kalkolu attwarju. L-obbligi fil-karta tal-bilanċ huma ddeterminati b'mod simili bħal fil-każ ta' obbligi tal-pensjoni (ara hawn fuq).

1.5.10 Proviżjonijiet għal riskji u ħlasijiet

Proviżjonijiet għal riskji u spejjeż huma rikonnoxxuti meta l-Komunitajiet Ewropej ikollhom obbligu legali preżenti jew obbligu kostruttiv b'konsegwenza ta' avvenimenti ta' l-imgħoddi, u b'hekk huwa probabbli li ħruġ ta' riżorsi jkun meħtieġ biex jitħallas l-obbligu, u l-ammont ikun jista' jiġi stmat b'mod li wieħed jista' jorbot fuqu. Il-proviżjonijiet mhumiex rikonnoxxuti għal telf operattiv fil-futur.

L-ammont tal-proviżjoni huwa l-aħjar stima ta' l-ispejjeż mistennija li jkunu meħtieġa sabiex jitħallas l-obbligu preżenti sad-data tar-rappurtaġġ. Fejn id-dispożizzjoni tinvolvi għadd kbir ta' elementi, l-obbligu jiġi stmat billi wieħed iwieżen kull riżultat possibbli bil-probabbiltajiet assoċjati tagħhom (il-metodu "valur mis-tenni").

Fejn l-effett tal-valur taż-żmien tal-flus ikun materjali, l-ammont tal-proviżjoni huwa l-valur preżenti ta' l-ispejjeż mistennija li jkunu meħtieġa biex jitħallas l-obbligu. Ir-rata ta' skont użata hija rata li tirrifletti stimi kurrenti tas-suq tal-valur taż-żmien tal-flus u r-riskji speċifiċi għall-obbligu imma mhux ir-riskji li għalihom ġew aġġustati l-estimi futuri tal-flussi tal-likwidità.

1.5.11 Obbligi finanzjarji

L-obbligi finanzjarji jinkludu fondi missellfa u obbligi miżmuma biex jiġu nnegożjati.

Il-fondi missellfa jikkonsistu f'fondi missellfa minn istituzzjonijiet ta' kreditu u dejn ipprovat minn ċertifikati. L-ammonti missellfa huma rikonnoxxuti inizjalment skond il-valur ġust, peress li l-ħruġ tagħhom huwa r-rikavat (valur ġust ta' kunsiderazzjoni riċevuta) nett ta' l-ispejjeż tat-tranżazzjoni mġarrba, imbagħad sussegwentement murija skond l-ispiża amortizzata bl-użu tal-metodu ta' l-imgħax effettiv; kwalunkwe differenza bejn rikavati, nett ta' l-ispejjeż tat-tranżazzjoni, u l-valur tar-rimborż hija rikonnoxxuta fil-kont tar-riżultat ekonomiku matul il-perjodu tas-self/djun ipprovat minn ċertifikati li jużaw il-metodu ta' imgħax effettiv. Huma kklassifikati bħala obbligi mhux kurrenti, bl-eċċezzjoni ta' maturitajiet ta' inqas minn 12-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ.

Fil-każ ta' self mogħti fuq fondi missellfa, il-metodu ta' l-imgħax effettiv jista' ma jiġix applikat separatament għall-għoti u teħid b'self, fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni magħmula mill-Komunitajiet Ewropej u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self huma direttament rikonnoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Obbligi miżmuma biex jiġu nnegożjati jinkludu derivattivi li ma jikkwalifikawx għal kontabilità tal-koperturi meta l-valur ġust tagħhom ikun negattiv. Huma jirċievu l-istess trattament kontabbli bħall-assi miżmuma biex jiġu nnegożjati, ara n-nota 1.5.4.

1.5.12 Ammonti li għandhom jitħallsu

Ammont sinifikanti tal-ħlasijiet li għandhom jitħallsu tal-Komunitajiet mhumiex marbuta max-xiri ta' merkanzija jew servizzi — minflok huma talbiet għal pagamenti minn benefiċjarji ta' konċessjonijiet jew fondi oħrajn tal-Komunitajiet li ma tħallsux. Dawn huma mniżżlin bħala pagabbli għall-ammont rikjest meta t-talba għal pagament tiġi riċevuta u, wara verifikazzjoni, aċċettata bħala eliġibbli mill-aġenti finanzjarji rilevanti. F'dan l-istadju, dawn huma stmati skond l-ammont aċċettat u eliġibbli.

Ammonti li għandhom jitħallsu u li jinħolqu mix-xiri ta' merkanzija u servizzi huma rikonnoxxuti meta tiġi riċevuta l-fattura għall-ammont oriġinali u l-ispejjeż korrispondenti jitniżżlu fil-kontijiet meta jaslu l-provisti u jkunu aċċettati mill-Komunitajiet Ewropej.

1.5.13 Separazzjoni tal-perjodi ta' kontabilità — dħul u ħlasijiet dovuti u differiti

Bħala parti mill-moviment lejn kontabilità skond id-dovuti, aspekk importanti huwa l-eżerċizzju li bih wieħed jiżgura li tranżazzjonijiet magħmulin matul is-sena jiġu reġistrati fis-sena tal-kontabilità t-tajba — eżerċizzju ta' cut-off: it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu rikonnoxxuti fil-perjodu li għandhom x'jaqsmu miegħu.

B'mod partikolari għandha ssir valutazzjoni li tikkonċerna l-ispejjeż eliġibbli mġarrba minn benefiċjarji tal-fondi tal-Komunitajiet imma li għadhom mhumiex irrappurtati lill-Komunitajiet (ħlasijiet dovuti). Sabiex wieħed jasal għall-aħjar stima ta' dawn l-ammonti jiġu użati metodi differenti skond it-tip ta' attivitajiet u informazzjoni disponibbli. Bil-maqlub, xi spejjeż huma mniżżlin fis-sena kurrenti għalkemm huma relatati ma' perjodi sussegwenti (ħlasijiet differiti) u dawk għandhom jiġu identifikati u inklużi fil-perjodu rilevanti.

Skond ir-regoli tal-kontabilità, it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti huma mniżżla fis-sistemi tal-kontabilità u rikonoxxuti fir-rendikonti finanzjarji fil-perjodu li għandhom x'jaqsmu miegħu. Meta l-ammont ma jkunx jista' jiġi rikonoxxut fiż-żmien stipulat neċessarju għall-preparazzjoni tar-rendikonti finanzjarji, l-ammonti li jkunu magħrufin b'ċertezza raġonevoli qabel jitlestew ir-rendikonti finanzjarji, għandhom ikunu rikonoxxuti bħala spejjeż dovuti. Il-kriterji ta' rikonoxximent jipprevedu li spiża tkun rikonoxxuta mill-Komunitajiet Ewropej għal ammont daqs dak l-ammont stmat ta' l-obbligazzjoni tat-trasferiment dovuta għall-perjodu kkonċernat. Biex jikkalkolaw l-aħjar stima tal-ħlasijiet dovuti, il-Komunitajiet jagħmlu analiżi ta' l-aspetti kollha relatati mat-tmiem ta' entità pubblika. Il-Komunitajiet stabilixxew inventarju eżawrjenti tar-regoli applikabbli u kkunsidraw il-preżentazzjoni tagħhom fir-rendikonti finanzjarji. L-għan aħħari huwa li jkun żgurat li l-metodoloġija proposta tnaqqas ir-riskju li r-rendikonti finanzjarji ma jirriflettux stampa vera u ġusta. Il-Komunitajiet imbagħad ittraduċew din l-istrateġija mfassla ta' cut-off f'istruzzjonijiet operattivi u prattiċi, inkluża l-metodoloġija rakkomandata u deskrizzjoni ta' tekniki possibbli skond it-temi.

Id-dħul għandu jkun spjegat ukoll fil-perjodu li huwa relatat miegħu. Fl-aħħar tas-sena, meta fattura ma tkunx intbagħtet u s-servizz ikun ingħata, jew il-provvisti ikunu waslu, jew ikun jeżisti ftehim kuntrattwali (jiġifieri, b'referenza għal trattat), l-ammont għandu jiġi eżaminat u rikonoxxut fir-rapporti finanzjarji bħala dħul dovut.

Barra dan, fl-aħħar tas-sena, meta tintbagħat fattura, għalkemm din ma tkunx relatata mal-perjodu tar-rappurtaġġ, l-ammont għandu jiġi differit u rikonoxxut bħala tnaqqis mid-dħul. L-għan hu li d-dħul jitnaqqas bl-ammont li jkun ugwali għad-differiment.

1.6 KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU

1.6.1 Dħul

Dħul mill-kambju

Dħul mill-bejgħ ta' merkanzija huwa rikonoxxut meta r-riskju u l-premjijiet sinifikanti tal-pussess tal-merkanzija jiġu trasferiti lil min jixtri.

Dħul assoċjat ma' tranżazzjoni li tinvolvi l-forniment ta' servizzi huwa rikonoxxut b'referenza għall-istadju ta' kompletar tat-tranżazzjoni fid-data tar-rappurtaġġ.

Dħul mhux mill-kambju

Dan jifforma l-maġġoranza ewlenija tad-dħul tal-Komunitajiet u jinkludi fil-biċċa l-kbira taxxi diretti u indiretti u ammonti ta' riżorsi proprji. Barra mit-taxxi, il-Komunitajiet Ewropej jistgħu wkoll jirċievu ħlasijiet minn partijiet oħrajn, bħal dazji, multi u donazzjonijiet.

Riżorsi bbażati fuq id-DGN u riżorsi mill-VAT

Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta l-Komunitajiet Ewropej joħorġu sejħa għall-fondi lill-Istati Membri u jitolbu l-kontribuzzjoni tagħhom. Huma vvalutati skond "l-ammont imsejjaħ" tagħhom. Billi r-riżorsi mid-DGN u mill-VAT huma bbażati fuq stimi tad-data għas-sena baġitarja kkonċernata, dawn jistgħu jkunu riveduti sakemm toħroġ id-data finali mill-Istati Membri. L-effett ta' bidla fl-istima huwa inkluż meta jiġu determinati l-eċċess jew id-defiċit netti għal dak il-perjodu li fih tkun seħħet il-bidla.

Riżorsi proprji tradizzjonali

Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta r-rapporti rilevanti A ta' kull xahar (li jinkludu d-dazji miġbura u l-ammonti dovuti li huma ggarantiti u mhux kontestati) ikunu riċevuti mingħand l-Istati Membri. Fid-data tar-rappurtaġġ, id-dħul miġbur mill-Istati Membri għal dak il-perjodu iżda li jkun għadu mhux imħallas lill-Komunitajiet Ewropej huwa stmat u rikonoxxut bħala dħul dovut. Ir-rendikonti B ta' kull tliet xhur (li jinkludu dazji la miġbura u lanqas garantiti, kif ukoll ammonti garantiti li ġew ikkontestati mid-debitur) riċevuti mill-Istati Membri huma rikonoxxuti bħala dħul bit-tnaqqis ta' l-ispejjeż tal-ġbir (25 %) li għalih huma intitolati. Barra minn hekk, tnaqqis fil-valur huwa rikonoxxut għall-ammont stmat tad-differenza fl-irkupru fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Multi

Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta d-deċiżjoni tal-Komunitajiet li jimponu multa tkun ittieħdet u tkun għet innotifikata uffiċjalment lid-destinatarju. Jekk ikun hemm dubji dwar il-kapaċità tal-ħlas ta' l-impriża, għandha tiġi rikonoxxuta riduzzjoni fil-valur tal-kwota.

Wara d-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa, id-debituri għandhom xahrejn mid-data tan-notifikazzjoni biex:

- jew jaċċettaw id-deċiżjoni, u b'hekk ikunu jridu jħallsu l-multa fiż-żmien stipulat u l-ammont ikun definitivament miġbur mill-Komunitajiet;
- jew ma jaċċettawx id-deċiżjoni, u b'hekk jappellaw taħt il-liġi tal-Komunitajiet.

Madankollu, is-somma tal-multa għandha titħallas fiż-żmien stipulat ta' tliet xhur billi l-appell m'għandux l-effett li jissospendi (Artikolu 242 tat-Trattat tal-KE). Id-debituri għandhom żewġ għażliet; jistgħu iħallsu l-multa provviżorjament jew jippreżentaw garanzija bankarja għall-ammont.

Jekk l-intrapriża tappella kontra d-deċiżjoni, u tkun diġà ħallset il-multa provviżorjament, l-ammont jiġi reġistrat bħala obbligu li jista' jinbidel. Madankollu, billi appell tad-destinatarju kontra deċiżjoni tal-Komunitajiet m'għandux effett li jissospendi, il-flus riċevuti jintużaw biex ineħħu l-ammont riċevibbli. Jekk tingħata garanzija minflok il-ħlas, il-multa tibqa' tingħadd bħala ammont riċevibbli, u l-garanzija tiddaħħal bħala assi kontinġenti.

Jekk hemm riskju li l-Qorti tal-Prim'Istanza tista' ma tiddeċidix favur il-Komunitajiet, jiġi rikonoxxut provviżorjament biex ikopri dan ir-riskju fil-każijiet fejn ikun diġà sar ħlas provviżorju. Jekk minflok tkun ingħatat garanzija, allura l-ammont riċevibbli pendent jkun imnaqqas kif meħtieġ. L-imgħax akkumulat riċevut mill-Komunitajiet Ewropej fuq il-kontijiet bankarji fejn ħlasijiet riċevuti ikunu depożitati huwa rikonoxxut bħala dħul, u kwalunkwe obligazzjoni kontinġenti tiżdied skond dan.

Dħul minn u spejjeż ta' imgħax

Dħul u spejjeż minn imgħax huma rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku bl-użu tal-metodu ta' imgħax effettiv. Dan huwa metodu biex tiġi kkalkulata l-ispiża amortizzata ta' assi finanzjarji jew ta' obligazzjoni finanzjarja, u biex jiġi allokat id-dħul mill-imgħax jew l-ispiża ta' imgħax matul il-perjodu rilevanti. Ir-rata effettiva ta' l-imgħax hija r-rata li tiskonta eżattament ħlasijiet ta' flus futuri stmati jew riċevuti fit-tul tal-ħajja mistennija ta' l-istrument finanzjarju (jew, fejn xieraq, perjodu iqsar) mill-ammont nett miżmum ta' l-assi finanzjarji jew ta' l-obbligu finanzjarju. Meta tiġi kkalkulata r-rata effettiva ta' l-imgħax, il-Komunitajiet Ewropej jistmaw il-flussi tal-likwidità waqt li jikkunsidraw it-termini kuntrattwali kollha ta' l-istrument finanzjarju (pereżempju, għażliet għall-ħlas bil-quddiem) imma ma jikkunsidrawx telfiet futuri tal-kreditu. Il-kalkolazzjoni tinkludi l-onorarij u l-punti kollha mħallsa jew riċevuti bejn partijiet fil-kuntratt li huma parti integrali mir-rata effettiva ta' imgħax, mill-ispejjeż tat-tranżazzjoni u mill-premjums jew l-iskonti l-oħrajn kollha.

Fil-każ ta' self mogħti fuq fondi missellfa, il-metodu ta' l-imgħax effettiv jista' ma jiġix applikat separatament għall-ġhoti u teħid b'self, fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni magħmula mill-Komunitajiet Ewropej u mbaġħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self huma direttament rikonoxxuti fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Ladarba ass finanzjarju jew grupp ta' assi finanzjarji simili jkun mnaqqsa bħala riżultat ta' telf minħabba deterjorament, id-dħul mill-imgħax ikun rikonoxxut bl-użu tar-rata ta' imgħax użata biex tiskonta l-flussi tal-likwidità futuri bl-iskop li jitkejjel it-telf minħabba deterjorament.

Dħul minn dividendi

Id-dħul minn dividendi huwa rikonoxxut meta jiġi stabbilit id-dritt li jiġi riċevut ħlas.

1.6.2 Spejjeż

Spejjeż tal-kambju li jinħolqu mix-xiri ta' merkanzija huma rikonoxxuti meta l-provvisti jaslu u jkun akċettati mill-Komunitajiet Ewropej. Dawn ikollhom il-valur tal-prezz oriġinali tal-fattura.

L-ispejjeż mhux tal-kambju huma speċifiċi għall-Komunitajiet Ewropej u jgħoddu għall-maġġoranza ta' l-ispejjeż tagħhom. Dawn huma marbuta ma' trasferimenti lil benefiċjarji u jistgħu jkun ta' tliet tipi: kwoti, trasferimenti bi ftehim u konċessjonijiet diskrezzjonali, kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet.

It-trasferimenti huma rikonoxxuti bħala spejjeż matul il-perjodu li fih l-avvenimenti li jwasslu għat-trasferiment ikunu sehew, bil-kondizzjoni li n-natura tat-trasferiment tkun permessa mir-regolament (ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolamenti tal-Persunal, jew regolament speċifiku ieħor) jew ikun ġie ffirmat kuntratt li jawtorizza t-trasferiment; kwalunkwe kriterju ta' eliġibbiltà ikun intlaqa' mill-benefiċjarju; u tkun tista' ssir stima raġonevoli ta' l-ammont.

Meta kwalunkwe rikjesta għal ħlas jew talba għal pagament tiġi riċevuta u tissodisfa l-kriterji ta' rikonoxximent, tiġi rikonoxxuta bħala spiża għall-ammont eliġibbli. Fl-aħħar tas-sena spejjeż eliġibbli mġarrba li jkunu diġà dovuti lill-benefiċjarji imma li jkunu għadhom mhux irrapportati jiġu stmati u reġistrati bħala spejjeż dovuti.

1.7 ASSI U OBBLIGI KONTINĠENTI

Assi kontinġenti

Assi kontinġenti huma assi possibbli li jirriżultaw minn attivitajiet tal-passat u li l-eżistenza tagħhom tkun konfermata biss meta jseħħu jew ma jseħħu avvenimenti jew avvenimenti li mhumix ċerti fil-futur u li mhumix totalment fil-kontroll tal-Komunitajiet Ewropej. Assi kontinġenti huma żvelati meta dħul ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz ikun probabbli.

Assi kontinġenti huma eżaminati kontinwament sabiex ikun żgurat li l-iżviluppi jkunu riflessi kif xieraq fir-rendikonti finanzjarji. Jekk ikun hemm virtwalment ċertezza li se jkun hemm dħul ta' benefiċċji ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz, u l-valur ta' l-assi ikun jista' jiġi mkejjeż b'mod li wieħed ikun jista' joqgħod fuqu, l-assi u d-dħul relatat miegħu jiġu rikonoxxuti fir-rendikonti finanzjarji tal-perjodu li fih isseħħ il-bidla.

Obbligi kontinġenti

L-obbligu kontinġenti huwa obbligu possibbli li jinhloq minn avvenimenti ta' l-imgħoddi u li l-eżistenza tiegħu tiġi kkonfermata biss meta jseħħu jew ma jseħħu avveniment jew avvenimenti li mhumix ċerti fil-futur u li mhumix totalment fil-kontroll tal-Komunitajiet Ewropej; *jew obbligu preżenti li jirriżulta minn avvenimenti ta' l-imgħoddi imma li ma jkunx rikonoxxut għax: mhux probabbli li ħruġ ta' riżorsi jinkorpora benefiċċji ekonomiċi, jew potenzjal ta' servizz ikun meħtieġ biex jitħallas l-obbligu, jew, f'ċirkostanzi estremament rari fejn l-ammont ta' l-obbligu ma jkunx jista' jiġi vvalutat b'mod suffiċjentement affidabbli.*

Obbligu kontinġenti jiġi żvelat, ħlief jekk il-possibbiltà ta' ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew li jkollhom potenzjal ta' servizz tkun remota.

L-obbligi kontinġenti huma eżaminati kontinwament biex ikun determinat jekk il-ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew il-potenzjal ta' servizz jkunx sar probabbli. Jekk il-ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċji ekonomiċi jew il-potenzjal ta' servizz ikunu meħtieġa għal oġġett li jiġi ttrattat bħala obbligu kontinġenti, tiġi rikonoxxuta proviżjoni fir-rendikonti finanzjarji tal-perjodu li fih isseħħ il-bidla fil-probabbiltà.

Impenji għal finanzjament futur

Impenn għal finanzjament futur jirrappreżenta impenn legali jew kostruttiv, normalment kuntrattwali, li l-Komunitajiet Ewropej daħlu fih u li jista' jitlob ħruġ ta' riżorsi fil-futur.

Garanzji

Il-garanzji huma assi jew obligazzjonijiet possibbli li jirriżultaw minn avvenimenti ta' l-imgħoddi u li l-eżistenza tagħhom tiġi kkonfermata meta jseħħu jew ma jseħħu l-oġġett tal-garanzija. Il-garanzji għalhekk jikkwalifikaw bħala assi jew obligazzjonijiet kontinġenti. Garanzija tkun imħallsa meta l-oġġett tal-garanzija ma jibqax jeżisti. Dan isir konkret meta jitwettqu l-kundizzjonijiet għat-talba għall-ħlas min-naħa tal-garanti.

1.8 L-UŻU TA' STIMI

Skond il-prinċipji tal-kontabilità li huma aċċettati b'mod ġenerali, ir-rendikonti finanzjarji neċessarjament jinkludu ammonti bbażati fuq stimi u suppożizzjonijiet mill-amministrazzjoni fuq il-bażi ta' l-aktar informazzjoni affidabbli disponibbli. Stim sinifikanti jinkludu, imma mhumix limitati għal, ammonti għal pensjonijiet, proviżjonijiet għal ħlasijiet futuri, valutazzjoni ta' stokks tal-pubblikazzjonijiet, riskju finanzjarju fuq inventarji u kontijiet riċevibbli, dħul u ħlasijiet dovuti, assi u obligazzjonijiet kontinġenti, u grad ta' deterjorament ta' assi fissi. Ir-riżultati attwali jistgħu jkunu differenti mill-estimi. Il-bidliet fl-istimi huma riflessi fil-perjodu li fih isiru magħrufa.

2. NOTI MAL-KARTA TAL-BILANĊ

I. ASSI MHUX KURRENTI

2.1 ASSI FISSI INTANĠIBBLI

L-assi fissi intanġibbli jikkonsistu fl-assi mhux monetarji li m'għandhomx sustanza fiżika. Sabiex jitniżżlu fuq in-naħa ta' l-assi tal-karta tal-bilanċ, għandhom ikunu kkontrollati mill-entità u jiġġeneraw benefiċċji ekonomiċi futuri għall-Komunitajiet Ewropej.

Assi Fissi Intanġibbli

	<i>miljuni ta' EUR</i>
	Ammont
Ammont kontabbli gross fil-31 ta' Diċembru 2005	65
Żidiet matul is-sena	15
Tnaqqis	(3)
Trasferimenti bejn l-intestaturi	(5)
Bidliet oħra	10
Ammont kontabbli gross fil-31 ta' Diċembru 2006	82
Deprezzament akkumulat fil-31 ta' Diċembru 2005	38
Deprezzament għas-sena	11
Tnaqqis	0
Trasferimenti bejn l-intestaturi	(2)
Bidliet oħra	(2)
Deprezzament akkumulat fil-31 ta' Diċembru 2006	45
AMMONT KONTABBLI NETT FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2006	37

2.2 ASSI FISSI TANĠIBBLI

2.2.1 *Art u bini*

F'xi pajjiżi l-valur ta' l-art okkupata mid-**Delegazzjonijiet** ma jistax jiġi mifrud mill-valur tal-bini. Il-Kummissjoni bi ħsiebha tevalwa dawn il-proprjetajiet pajjiż b'pajjiż sabiex tiddefinixxi l-valur ta' l-art, li m'huwiex suġġett għal amortizzazzjoni.

Iż-żidiet l-aktar sinifikanti għall-Kummissjoni kieku jikkonċernaw żewġ binjiet mixtrija fi Brussell li jammon-taw għal 201 miljun EUR (l-art inkluża — 47 miljun EUR) u art f'Tokjo li swiet 34 miljun EUR. Erba' binjiet tal-Kummissjoni b'valur ta' l-akkwist li jammonta għal 300 miljun EUR ġew trasferiti għal din l-intestatura (mill-intestatura tal-kuntratti ta' kiri finanzjarju (*financial leasing*)) billi l-Kummissjoni eżerċitat l-għażla li tix-trihom u għalhekk m'għadhomx jitqiesu bħala assi mikrija. Barra minn hekk, matul l-2006 l-Parlament akkwista tliet binjiet fi Strasbourg għall-ammont ta' 143 miljun EUR.

Fil-linja "Bidliet oħra" huma inklużi assi ta' żewġ aġenziji konsolidati ġodda, l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern u l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti.

2.2.2 *Impjant u tagħmir***Għamara u vetturi****Hardware tal-kompjuter****Assi fissi tanġibbli oħrajn**

Bħala parti mill-integrazzjoni tat-tranżazzjonijiet tad-delegazzjonijiet direttament fis-sistema ta' kontabilità ċentrali, il-132 Delegazzjoni kollha kemm huma daħħlu l-informazzjoni dwar l-assi fissi tagħhom fis-sistema ta' kontabilità ċentrali tal-Kummissjoni fil-31.12.2006. Żviluppi ulterjuri fl-IT matul l-2007 ser jippermettu kontroll aħjar tal-kwalità u l-kompletezza ta' din l-informazzjoni.

L-aġġustamenti bħala riżultat dirett tal-proġett ABAC Assets u l-inventarju ta' l-assi tad-delegazzjoni relatat jintwerew taħt l-intestatura "bidliet oħra" fit-tabella. F'din il-linja huma inklużi wkoll assi ta' żewġ aġenziji konsolidati ġodda, l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern u l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti.

2.2.3 Kirjiet finanzjarji (u intitolamenti simili)

Il-bini prinċipali okkupat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet mhux inkluż fil-karta tal-bilanċ għaliex huwa klassifikat bħala kirja operattiva. Minkejja li l-Uffiċċju għandu għażla li jixtri (valida minn Ottubru 2006 sa l-2010) b'valuri bbażati fuq il-valur tas-suq, mhux meqjus li r-riskji u l-benefiċċji marbuta mal-proprjetà ta' l-ass huma sostanzjalment trasferiti lill-Uffiċċju. Saret analiżi tax-xiri iżda għadha ma ttehdet l-ebda deċiżjoni.

Matul l-2006 l-Parlament okkupa bini mikri ġdid fi Brussell b'valur ta' 34 miljun EUR.

2.2.4 Assi fissi li qegħdin jinbnew

F'Marzu 2003, il-Kunsill iffirma kuntratt għall-bini u l-akkwist tal-bini LEX fi Brussell permezz ta' kiri finanzjarju. Mill-2003 sa l-2006 l-Kunsill ħallas bosta pagamenti bil-quddiem, li kienu garantiti permezz ta' garanziji bankarji, u li l-valur kapitalizzat tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2006 kien ta' 224 million EUR (2005:123 miljun EUR). Fl-1 ta' Frar 2007 l-Kunsill iffirma l-kuntratt ta' l-akkwist tal-bini LEX għall-prezz tax-xiri kuntrattwali temporanju ta' 262 miljun EUR. Fl-istess data l-Kunsill ħallas id-differenza bejn dan il-prezz tax-xiri kuntrattwali temporanju u l-valur kapitalizzat tal-ħlasijiet bil-quddiem. Il-prezz finali jkun stabilbit fl-2007.

F'Ottubru 2004 il-Parlament iffirma kuntratt ta' kiri finanzjarju, bil-possibbiltà li jixtri, rigward kumpless ta' bini fi Brussell, li l-konstruzzjoni tiegħu bdiet fl-2004. F'Novembru 2004 sar ħlas ta' bil-quddiem ta' EUR 40 miljun. Sakemm jiġi ffirmat ir-rapport ta' approvazzjoni temporanja l-Parlament għandu l-jedd li jhalla pagamenti bil-quddiem addizzjonali u sal-31 Diċembru 2006 31 Diċembru 2006 tħallsu 253 miljun EUR, li jirriflettu x-xogħol li sar sa din id-data (fil-31 ta' Diċembru 2005 kienu tħallsu 196 miljun EUR).

Assi Fissi Tanġibbli

miljuni ta' EUR

	Art u bini	Impjanti u tagħmir	Għamara u vetturi	Hardware tal-kompjuter	Assi fissi tanġibbli oħrajn	Kiri finanzjarju u intitolamenti simili	Assi li qegħdin jinbnew	TOTAL
Ammont kontabbli gross fil-31 ta' Diċembru 2005	2 823	317	136	367	105	2 189	343	6 280
Żidiet matul is-sena	423	32	13	56	14	37	156	731
Tnaqqis	(2)	(14)	(7)	(35)	(2)	0	0	(60)
Trasferimenti bejn l-intestaturi	300	(2)	1	4	3	(300)	(1)	5
Bidliet oħra	36	(2)	38	35	(10)	0	(15)	82
Ammont kontabbli gross fil-31 ta' Diċembru 2006	3 580	331	181	427	110	1 926	483	7 038
Deprezzament akkumulat fil-31 ta' Diċembru 2005	1 150	256	92	258	64	319		2 139
Deprezzament għas-sena	124	26	14	62	13	70		309
Treġġigħ lura tad-deprezzament	0	(1)	0	(2)	0	0		(3)
Tnaqqis	(2)	(13)	(7)	(31)	(2)	0		(55)
Ħsara	0	0	0	0	0	0		0
Treġġigħ lura tad-deprezzament	0	0	0	0	0	0		0
Trasferimenti bejn l-intestaturi	77	(2)	1	1	2	(77)		2
Bidliet oħra	5	(1)	30	26	0	0		60
Deprezzament akkumulat fil-31 ta' Diċembru 2006	1 354	265	130	314	77	312		2 452
AMMONT KONTABBILI NETT FIL-31 ta' DIĊEMBR 2006	2 226	66	51	113	33	1 614	483	4 586

Spejjeż li għadhom iridu jitħallsu fir-rigward ta' kirjiet għas-spejjeż tas-sid u intitolamenti simili kif murija fil-passiv għat-tul u għal żmien qasir fil-karta tal-bilanċ. Dawn jinqasmu kif ġej:

Kirjiet Finanzjarji u Intitolamenti Simili

miljuni ta' EUR

Deskrizzjoni	Spejjeż kumulat- tivi (A)	Ammonti futuri li għandhom jitħallsu				Valur Totali A+B	Valur ta' l- akkwist tax-xogħol (C)	Valur ta' l- assi A+B+C	Deprezza- ment (E)	Ammont kontabbli nett =A+B +C+E
		< sena	> sena	> 5 snin	Obbligi totali (B)					
Art u bini	304	28	142	1 391	1 561	1 865	60	1 925	(312)	1 613
Assi fissi tanġibbli oħrajn	0	0	1	0	1	1	0	1	0	1
Total fil-31.12.2006	304	28	143	1 391	1 562	1 866	60	1 926	(312)	1 614

2.3 INVESTIMENTI

Din l-intestatura tkopri investimenti magħmula bil-ħsieb li jiġu stabbiliti konnessjonijiet permanenti u/jew li jidhru li jappoġġjaw l-attivitajiet tal-Komunitajiet Ewropej. Tinkludi wkoll l-assi netti tal-Fond ta' Garanzija.

Investimenti

miljuni ta' EUR

	Bilanċ fil- 31.12.2005	Bilanċ fil- 31.12.2005
Investiment f'Assoċjati EIF	208	186
Interess f'Impriżi konġunti: Galileo	62	141
Fond ta' Garanzija	1 371	1 309
Assi disponibbli għall-bejgħ	495	211
Assi miżmuma biex jiġu nnegożjati	21	27
Investimenti Totali	2 157	1 874

2.3.1 Investimenti f'assoċjati u interessi f'impriżi konġunti**Assoċjati u Impriżi konġunti**

miljuni ta' EUR

	Investimenti f'Assoċjati: EIF	Interessi f'Impriża Kon- ġunti: Galileo
Ammont fil- 31 ta' Diċembru 2005	186	141
Akkwisti	0	212
Tnaqqis u rtirar	0	(12)
Sehem mill-qligħ/(telf)	14	(279)
Aġġustament mit-tranżizzjoni għall-IFRS ta' l-EIF rikonoxxut fil-qligħ miżmum	7	0
Bidliet tal-valur ġust rikonoxxuti fil-kapital	6	0
Movimenti oħra ta' kapital (dividend)	(5)	0
Ammont fil-31 ta' Diċembru 2006	208	62

Il-Fond Ewropew għall-Investment (EIF)

L-EIF huwa l-istituzzjoni finanzjarja ta' l-Unjoni Ewropea li tispesjalizza fil-kapital tar-riskju u fil-garanziji għall-SMEs. Taħt id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 1994, il-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentati mill-Kummissjoni, issottoskrivew għal total ta' 600 miljun ECU mill-kapital ta' l-EIF, li huma 600 sehem. Dan jir-rappreżenta 30 % tal-kapital ta' l-EIF. Il-Kummissjoni ħallset il-kapital maħruġ kollu, li jammonta għal 20 %. Il-ħlasijiet pendenti fuq il-kapital li ma ntalex jammontaw għal 480 miljun EUR (80 %).

Taħt ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Bank Ewropew ta' l-Investment (EIB) iffirmat fl-2005, il-Kummissjoni **hija intitolata li tbigħ l-ishma tagħha fi kwalunkwe żmien lill-EIB bil-prezz li jikkorrispondi mal-valutazzjoni ta' l-EIF diviża bin-numru totali ta' ishma maħruġa. Il-valur tal-put option huwa kważi zero għalix il-formula użata biex tiddetermina l-prezz tal-bejgħ ta' l-ishma hija simili għal dik użata biex ikun determinat il-kapital nett ta' l-EIF.**

Il-metodu ta' l-ekwivalenza huwa użat sabiex jiġi vvalutat is-sehem tal-Komunitajiet fl-EIF, f'konformità mar-regoli tal-kontabilità. L-azzjonarjat huwa valutat 30 % tal-kapital proprju ta' l-EIF, li fil-31 ta' Diċembru 2006 jammonta għal 208 miljuni EUR (2005:186 miljun EUR), li minnhom 14-il miljun EUR jikkonċernaw ir-riżultat għall-2006. Fl-2006 ttihed dividend ta' 5 miljuni EUR li jikkonċernaw is-sena finanzjarja 2005.

L-EIF uża l-istandards IFRS fir-rappurtar tiegħu, b'karta tal-bilanċ tal-ftuħ fl-1.1.2005. L-impatt tat-tranżizzjoni ġie rikonossut mill-EIF fil-karta tal-bilanċ tal-ftuħ tiegħu permezz ta' qligħ miżmum. Il-Komunitajiet irrikonossaw is-sehem tagħhom f'dan l-ammont (EUR 7 miljuni) permezz ta' qligħ miżmum fil-31.12.2006. Il-bidliet tal-valur ġust rikonossuti fil-kapital jirrigwardaw il-portafoll AFS ta' l-EIF. Saret valutazzjoni taċ-ċaqliq bejn ir-regoli tal-kontabilità tal-KE u l-istandards tal-kontabilità preżenti ta' l-EIF. L-impatt huwa meqjus wieħed mhux materjali.

Il-programm Galileo

Għat-tweqqif tal-fażi ta' l-iżvilupp tal-programm Galileo, impriża konġunta fit-tifsira ta' l-Artikolu 171 tat-Trattat twaqqfet permezz tar-Regolament tal-Kunsill 876/2002 għal perjodu ta' 4 snin (2002 sa l-2006). Il-mira ta' din l-entità ġuridika hija li tiżgura l-unità ta' l-amministrazzjoni u l-kontroll finanzjarju tal-programm Galileo għall-iżvilupp tiegħu, u għal dan l-għan li timmobilizza l-fondi assenjati għal dak il-programm. Il-membri fundaturi huma l-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentati mill-Kummissjoni, u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA). Il-Kummissjoni, permezz ta' għotjiet mogħtija mill-baġit tan-netwerks tranż-Ewropej (TEN), tpoġġi għad-dispożizzjoni ta' l-impriża konġunta Galileo (GJU) l-fondi mitluba għall-kofinanzjament ta' l-attivitajiet relatati tal-fażi ta' l-iżvilupp.

Sal-31 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni ssottoskriviet u ħallset 650 miljun EUR tal-kapital ta' din l-entità. Ftit qabel tmiem is-sena il-Komunitajiet Ewropej ġew rimborżati bl-ammont ta' 12-il miljun EUR tal-kapital imħallas. Dan l-ammont kien parti minn trasferiment f'kontanti ta' 70 miljun EUR lill-aġenzija GNSS, parti mit-trasferiment ta' l-attivitajiet tal-GJU lil din l-aġenzija GNSS. Fl-1 ta' Jannar 2007, il-GJU tqiegħdet f'likwidazzjoni. Matul l-2007, l-assi u l-obbligi tal-GJU ser ikunu trasferiti lill-aġenzija GNSS, li ser tissokta bil-proġett.

Il-kontabilità għal Galileo ssir permezz tal-metodu tal-kapital (*equity method*). Għall-2006, is-sehem tal-Kummissjoni mit-telf ta' l-impriża konġunta kien ta' 279 miljun EUR. Għalhekk, il-valur ta' l-investment fil-31 ta' Diċembru 2006 kien ta' 62 miljun EUR li kienu l-investment ta' 637 miljun EUR bis-sehem akkumulat tat-telf, 575 miljun EUR, imnaqsa minnhom.

2.3.2 Il-Fond ta' Garanzija

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2728/94 tal-31 ta' Ottubru 1994 waqqaf Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni sabiex iħallas lura lill-kredituri tal-Komunitajiet f'każ ta' nuqqas ta' ħlas lura mill-benefiċjarji ta' self mogħti jew garantit mill-Komunitajiet. Din il-faċilità tkopri self garantit mill-Komunitajiet bħala riżultat ta' Deċizzjoni tal-Kunsill, b'mod partikolari l-operazzjonijiet ta' self tal-Bank Ewropew għall-Investment (EIB) barra mill-Unjoni Ewropea u self taħt l-għajnuna makrofinanzjarja (self MFA) u self tal-Euratom barra mill-Unjoni Ewropea.

F'konformità ma' l-Artikolu 6 tar-Regolament il-Kummissjoni fdat il-ġestjoni finanzjarja tal-Fond f'idejn l-EIB taħt ftehim iffirmat bejn il-Komunitajiet u l-EIB fit-23 ta' Novembru 1994 fi Brussell u fil-25 ta' Novembru 1994 fil-Lussemburgu.

Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2728/94 dwar il-Fond ta' Garanzija, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1149/1999 tal-25 ta' Mejju jgħid li b'effett mill-1 ta' Jannar 2000 il-Fond jieħu ħlasijiet mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet li huma ekwivalenti għal 9 % tal-valur kapitali ta' l-operazzjonijiet, il-qligħ mill-interessi fuq l-investimenti magħmula mill-assi tal-Fond, u somom irkuprati minn debituri li ma jħallsux li għalihom il-Fond kellu jattiva l-garanzija tiegħu. L-istess Regolament jistabbilixxi l-mira għal 9 %. F'konformità mar-Regolament, "Jekk, fl-aħħar tas-sena l-ammont ippanat jinqabeż, dak li jibqa' għandu jiġi mħallas lura għat-titolu speċjali fl-estratt tad-dħul fl-estimi ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej."

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-6 ta' Mejju 1999 dwar id-dixxiplina tal-baġit u t-titjib tal-proċedura tal-baġit stipula li l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għandu jinkludi riżerva ta' garanzija biex tkopri self lil pajjiżi terzi. Din ir-riżerva hija maħsuba biex tkopri l-ħtiġijiet tal-Fond ta' Garanzija u, fejn neċessarju, il-garanziji attivati li jaqzbu l-ammont disponibbli fil-Fond, sabiex dawn l-ammonti jkunu jistgħu jiġu ddebitati lill-baġit.

Din ir-riżerva ta' 1,253 miljun EUR tikkorrispondi mal-mira għall-Fond ta' Garanzija ⁽¹⁾ kkalkulata fuq il-bażi ta' l-ammont pendenti fil-31 ta' Diċembru 2006. L-entrata fuq in-naħa ta' l-assi tal-karta tal-bilanċ tal-Kummissjoni ta' 1,379 miljun EUR qabel l-eliminazzjoni taċ-ċertifikati tad-dejn ta' l-MFA tirrappreżenta l-assi netti tal-Fond fil-31 ta' Diċembru 2006. Id-differenza bejn l-ammont tal-Fond muri fuq in-naħa ta' l-assi u l-ammont tar-riżerva tikkorrispondi mal-bilanċ pożittiv li għandu jitħallas lura lill-baġit, jiġifieri 126 miljun EUR.

Assi netti tal-Fond ta' Garanzija

	<i>miljuni ta' EUR</i>	
	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil-31.12.2005
Assi kurrenti	1 380	1 325
Wara l-eliminazzjoni	1 372	1 310
Investimenti għal żmien qasir: Assi disponibbli għall-bejgħ	940	1 009
Wara l-eliminazzjoni	932	994
Kontanti u ekwivalenti għall-kontanti	440	316
Obbligi kurrenti	(1)	(1)
Assi netti	1 379	1 324
Wara l-eliminazzjoni	1 371	1 309

Il-Fond ta' Garanzija għandu tliet noti b'rata li tvarja maħruġa mill-Komunitajiet Ewropej għal ammont ta' 8 miljuni EUR, inklużi l-interessi akkumulati, fil-31.12.2006 (2005: 15-il miljun EUR) dawn il-bonds inħarġu mill-istrument mhux tal-baġit MFA. Mill-aspett tal-kontabilità, sew l-assi (GF) u kif ukoll l-obbligi (MFA) għandhom jiġu eliminati fil-livell tal-Komunitajiet. Fl-2006, il-bidliet fil-valur ġust tal-portafoll ta' titoli ta' debitu ta' l-AFS ġew rikonoxxuti fil-kapital bl-ammont ta' (32) miljun EUR. L-ammont rispettiv għall-2005 kien ta' (11)-il miljun EUR.

Il-politika tal-ġestjoni tar-riskju tal-Fond ta' Garanzija hija deskritta fin-nota E 6.

2.3.3 Investimenti oħrajn

2.3.3.1 Assi disponibbli għall-bejgħ

Din l-intestatura tinkludi sottoskrizzjonijiet u parteċipazzjonijiet mixtrija sabiex jgħinu lill-benefiċjarji jiżviluppaw l-attivitatijiet kummerċjali tagħhom.

Assi għat-tul disponibbli għall-bejgħ

	<i>miljuni ta' EUR</i>					
	EBRD	RCO	ETF Start up	EFSE	Oħrajn	Total
Ammonti fil- 31.12.2005	157	0	48	0	6	211
Trasferimenti	0	224	0	0	0	224
Akkwisti	0	15	24	46	1	86
Tneħħija/rtirar	0	(17)	(8)	0	(2)	(27)
Proporzjon tal-bilanċ pożittiv/(żbilanċ) tar-rivalutazzjoni mal-kapital	0	(4)	11	3	0	10
Telf minn deterjorament	0	(7)	(1)	0	(1)	(9)
Ammonti fil-31.12.2006	157	211	74	49	4	495

(¹) Il-mira tikkorrispondi għal 9 % ta' l-ammont pendenti.

Investiment tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (EBRD)

L-EBRD ingħata kapital inizjali ta' 10 biljuni EUR, li minnhom 3 % kienu sottoskritti mill-Komunitajiet. Il-proporzjon ta' dan il-kapital li fil-fatt inħareġ hija ta' 30 %. Fil-15 ta' April 1996, fil-laqgħa annwali tagħhom, il-gvernaturi tal-Bank iddeċidew li jirdupjaw l-ammont tal-kapital awtorizzat. Taħt din id-deċizzjoni, il-Komunitajiet issottoskrivew 30,000 sehem addizzjonali b'valur nominali ta' 10,000 EUR kull wieħed. Din l-operazzjoni tinvolti ishma maħruġa u li jistgħu jinħarġu fil-proporzjonijiet li ġejjin: 22,5 % ta' l-ishma sottoskritti jirrappreżentaw in-numru ta' ishma maħruġa u l-bqija se jkunu ishma li jistgħu jinħarġu.

Fid-data tal-karta tal-bilanċ, is-sottoskrizzjoni tal-Kummissjoni fil-kapital ta' l-EBRD tammonta għal 157 miljun EUR li minnhom 151 miljun EUR intalbu u ġew parzjalment imħallsa. Il-ħlasijiet pendenti fuq il-kapital mhux maħruġ (EUR 6 miljun) huma rreġistrati bħala obbligi għat-tul u huma rreġistrati bħala spejjeż amortizzati. Il-ħlasijiet pendenti fuq il-kapital mhux maħruġ jammontaw għal 443 miljun EUR u huma inklużi bħala obbligi kontinġenti barra mill-karta tal-bilanċ.

Ladarba l-EBRD m'hu kkwotat fuq l-ebda borża u minħabba r-restrizzjonijiet kuntrattwali inklużi fl-artikoli ta' l-inkorporazzjoni ta' l-EBRD dwar, fost l-oħrajn, il-bejgħ ta' interessi ta' parteċipazzjoni, li huwa limitat għall-prezz ta' l-akkwist u awtorizzat li jsir biss lill-azzjonisti eżistenti, is-sehem ta' 3 % tal-Komunitajiet Ewropej fl-EBRD huwa vvalutat daqs kemm sewa wara li jitnaqqas minn dan kull tnaqqis fil-valur kontabbli minħabba deterjorament ta' l-assi.

Operazzjonijiet ta' Kapital tar-Riskju (RCO)

Taħt l-operazzjonijiet ta' kapital tar-riskju l-ammonti jingħataw lil intermedjarji finanzjari għall-iffinanzjar ta' investimenti fil-kapital. Dawn il-kuntratti ta' ffinanzjar m'għandhomx il-karatteristiċi bażiċi u essenzjali ta' self għaliex m'hemmx skeda fissa ta' ħlas lura jew rata ta' imgħax garantita għall-kapital investit u għalhekk, huma assimilati ma' l-investimenti indiretti fil-kapital. Għalhekk, għall-kontijiet ta' l-2006 u dawk fil-ġejjieni, ġie deċiż li dawn għandhom ikunu ppreżentati bħala investimenti taħt din l-intestatura — qabel kienu jkunu ppreżentati bħala self, ara n-nota E 2.4.1 hawn taħt.

Huma miżmuma bi prezz storiku bi kwalunkwe proviżjonijiet għal deterjorament imnaqqsa minnhom, għaliex m'hemmx prezzijiet ikkwotati disponibbli f'suq attiv u l-valur ġust tagħhom ma jstax jitkejjel b'mod affidabbli u b'mod kurrenti. Il-proviżjonijiet għal deterjorament fid-data tal-karta tal-bilanċ huma bbażati fuq it-tnaqqis proviżorju jew definittiv kif ikkomunikat mill-kontropartijiet finanzjarji.

Il-faċilità ETF Start up

Il-programm Tkabbir u Impjegi u l-programm MAP, taħt it-trusteeship tal-Fond Ewropew għall-Investment, jagħti għajnuna fil-ħolqien u l-finanzjament ta' startup SMEs billi jinvesti f'fondi ta' kapital ta' riskju speċjalizzati.

Il-“metodu ta' valur ġust” ġie applikat għall-ewwel darba għall-investimenti tal-faċilità ETF Start up matul l-2006. Li kieku dan ġie applikat fil-31 ta' Diċembru 2005, il-bilanċ kien ikun jammonta għal 70 miljun EUR (minflok 48 miljun EUR). Iċ-ċaqliq fil-bilanċ pożittiv/(żbilanċ) tar-rivalutazzjoni mal-kapital fl-2006 jinkludi kemm l-aġġustament fil-valur u kemm iċ-ċaqliq fil-kambji barranin fir-riżerva tal-valur ġust.

Il-Fond Ewropew għax-Xlokk ta' l-Ewropa (EFSE)

Il-Fond Ewropew għax-Xlokk ta' l-Ewropa nħoloq fl-2005 b'kapital azzjonarju inizjali ta' 147 miljun EUR. Huwa strutturat bħala kumpannija ta' l-investment b'kapital azzjonarju varjabbli (SICAV). L-għan ġenerali ta' l-EFSE huwa li jseddaq l-iżvilupp ekonomiku u l-prosperità fix-Xlokk ta' l-Ewropa permezz ta' l-għoti sostenibbli ta' finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp, b'mod speċjali lis-settur ta' l-impriżi mikro u żgħar u lid-djar privati permezz ta' intermedjarji finanzjarji lokali.

Il-Komunitajiet Ewropej kisbu interess ta' 17,9 % (Drittijiet tal-Vot) fil-fond EFSE.

2.3.3.2 Assi miżmuma biex jiġu nnegożjati

Il-Komunitajiet Ewropej jużaw strumenti derivattivi fil-forma ta' **swaps ta' valuti u rati ta' l-interessi** jew skopijiet ta' kopertura tar-riskju (*hedging*). *Swaps* ta' valuti u rati ta' l-interessi huma impenji li bihom jiġi sostitwit sett wieħed ta' flussi ta' likwidità għal ieħor. L-*iswaps* jirriżultaw fi skambju ekonomiku ta' valuti jew rati ta' l-interessi (pereżempju, rati fissi għal rati flessibbli) jew taħlita ta' dawn kollha (jiġifieri *swaps* tar-rati ta' l-interessi li jinvolvu valuti differenti). *Swaps*, kif deskritt aktar 'l isfel, jintużaw sabiex jitqabblu l-flussi ta' likwidità ta' għoti b'self mal-flussi ta' likwidità ta' teħid b'self relatat.

Dawn l-istrumenti derivati jsiru favorevoli (assi) jew mhux favorevoli (obbligi) bħala riżultat ta' ċaqliq fir-rati ta' l-interessi jew ir-rati tal-kambju tas-suq f'relazzjoni mat-termini tagħhom. Il-grad sa fejn l-istrumenti jkunu favorevoli jew mhux favorevoli u għalhekk il-valuri ġusti ta' l-assi u l-obbligi finanzjarji derivattivi jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti minn żmien għal żmien.

Il-KEFA f'likwidazzjoni (KEFA) daħlet fi ftehim dwar swap tar-rata ta' l-interessi u ftehim dwar swap tar-rata ta' l-interessi u swap reċiproka tar-rata ta' l-interessi flimkien. Il-valur ġust ta' dawn l-iswaps tar-rati ta' l-interessi nkiseb billi ġew skontati l-flussi tal-likwidità netti fissi permezz ta' rati ta' swaps b'kupun ta' zero fid-data tal-karta tal-bilanċ. Dan il-valur ġust (inklużi l-interessi akkumulati) ta' dawn l-iswaps b'maturità finali ta' aktar minn sena wara d-data tal-karta tal-bilanċ huwa mogħti hawn taħt:

Assi miżmuma biex jiġu nnegożjati

miljuni ta' EUR

Derivattivi	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Swaps tal-KEFA f'likwidazzjoni:	21	27

2.4 GHOTJET B'SELF

Din l-intestatura tkopri ammonti ta' self dovuti lill-Komunitajiet Ewropej u li jimmatraw f'aktar minn sena.

2.4.1 Self mogħti mill-baġit tal-Komunitajiet Ewropej u l-KEFA f'likwidazzjoni

Din il-partita tkopri self b'kundizzjonijiet speċjali mogħti bħala parti mill-kooperazzjoni f'pajjiżi mhux membri flimkien ma' self residenzjali mogħti mill-KEFA f'likwidazzjoni mill-fondi proprji tagħha. L-ammonti kollha huma dovuti aktar minn 12-il xahar wara tmiem is-sena.

Self mogħti mill-baġit tal-Komunitajiet Ewropej u l-KEFA f'likwidazzjoni

miljuni ta' EUR

	Self b'kundizzjonijiet speċjali	Operazzjonijiet ta' Kapital tar-Riskju	KEFA f'likwidazzjoni	Total
Total 31.12.2005	170	224	44	438
Trasferimenti	0	(224)	0	(224)
Self ġdid	0	0	0	0
Ħlas lura	(26)	0	(8)	(34)
Differenzi tal-kambju	0	0	0	0
Bidliet fl-ammont kontabbli	17	0	3	20
Telf minn deterjorament	0	0	0	0
Total 31.12.2006	161	0	39	200

Self b'Kundizzjonijiet Speċjali

Self b'kundizzjonijiet speċjali huwa self mogħti b'rati preferenzjali. Ir-rati effettivi ta' l-interessi fuq dan is-self ivarjaw bejn 7,39 % u 12,36 %.

Operazzjonijiet ta' Kapital tar-Riskju

Dawn l-ammonti ġew trasferiti għall-intestatura ta' l-investimenti Disponibbli għall-Bejgħ — ara n-nota E 2.3.3.1 aktar 'il fuq.

Self residenzjali tal-KEFA f'likwidazzjoni (KEFA)

Self residenzjali huwa self mogħti mill-KEFA mill-fondi proprji tagħha skond l-artikoli 54 u 54.2 tat-Trattat tal-KEFA. Dan is-self jingħata bir-rata fissa ta' 1 % u għalhekk jitqies bħala self b'rati preferenzjali. Ir-rati effettivi ta' l-interessi fuq dan is-self ivarjaw bejn 2,806 % u 22,643 %.

2.4.2 Self mogħti minn fondi missellfa

Skond it-Trattati tal-Komunitajiet, il-Kunsill, li jkun qed jaġixxi unanimament, għandu l-poter li jadotta programmi ta' garanzija jew ta' teħid b'self jekk jikkunsidra li dan ikun neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Komunitajiet. Teħid b'self mill-Komunitajiet huwa impenn dirett mill-Komunitajiet infushom u mhux minn xi Stat Membru individwali. Din il-partita tinkludi self mogħti mill-Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA) u l-Euratom u l-KEFA f'likwidazzjoni.

F'konformità mal-politika tal-kontabilità deskritta fin-nota E 1.5.4, is-self huwa inizjalment rikonossut bil-valur ġust, u mbagħad wara jitkejjel bil-prezz amortizzat. Il-valur ġust ta' strument finanzjarju mar-rikonossiment inizjali tiegħu huwa normalment il-prezz tat-tranżazzjoni. Madankollu, jekk parti mill-kunsiderazzjoni mogħtija jew meħuda tkun għal xi ħaġa oħra għajr l-istrument finanzjarju, il-valur ġust ta' l-istrument finanzjarju huwa stmat permezz ta' teknika ta' valutazzjoni.

Self mogħti minn fondi missellfa

	<i>miljuni ta' EUR</i>			
	Għajnuna Makro-finanzjarja (MFA)	Self Euratom	KEFA f'likwidazzjoni	Total
Total 31.12.2005	1 086	389	508	1 983
Self ġdid	19	51	0	70
Ħlas lura	(130)	0	(2)	(132)
Differenzi tal-kambju	0	0	(4)	(4)
Bidliet fl-ammont kontabbli	2	2	(3)	1
Telf minn deterjorament	0	0	0	0
Total 31.12.2006	977	442	499	1 918
Ammont dovut < sena 1	20	0	75	95
Ammont dovut > sena 1	957	442	424	1 823

Self ta' Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA)

L-MFA huwa strument finanzjarju bbażat fuq l-oqsma ta' politika, ta' għajnuna mhux marbuta u ġenerali għall-bilanċ tal-pagamenti u/jew appoġġ għall-baġit għal pajjiżi terzi sħab ġeografikament qrib it-territorju ta' l-UE. Huwa jieħu l-forma ta' self jew għotjiet fit-tul/għal tul medju jew taħlita xierqa tat-tnejn u ġeneralment jikkumpliementa finanzjament approvdut fil-kuntest ta' programm ta' aġġustament u ta' riforma appoġġjat mill-IMF.

Fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità, il-metodu tar-rata ta' l-imgħax effettiva mhux applikat separatament għall-għoti u t-teħid b'self. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni huma rreġistrati direttament bħala spejjeż fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Self Euratom

Il-Euratom hija entità legali separata ta' l-Unjoni Ewropea rrappreżentata mill-Kummissjoni Ewropea. L-għan finanzjarju ta' din l-entità huwa li tagħti self lill-Istati Membri u Stati mhux Membri kif ġej:

- Self tal-Euratom lil Stati Membri jingħata għall-iskop ta' l-iffinanzjar ta' proġetti ta' investiment fl-Istati Membri dwar il-produzzjoni industrijali ta' l-elettriku fi stazzjonijiet ta' l-enerġija nukleari u f'installazzjonijiet industrijali fuel cycle.
- Self tal-Euratom lil Stati Membri jingħata għall-iskop ta' l-iffinanzjar ta' proġetti ta' investiment fl-Istati Membri dwar il-produzzjoni industrijali ta' l-elettriku fi stazzjonijiet ta' l-enerġija nukleari u f'installazzjonijiet industrijali fuel cycle.

Fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalità, il-metodu tar-rata ta' l-imgħax effettiva mhux applikat separatament għall-għoti u t-teħid b'self. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni huma rreġistrati direttament bħala spejjeż fil-kont tar-riżultat ekonomiku.

Għotjiet b'self tal-KEFA f'likwidazzjoni

Din il-partita tinkludi l-aktar self mogħti mill-KEFA f'likwidazzjoni fuq fondi missellfa skond l-artikoli 54 u 56 tat-Trattat tal-KEFA u kif ukoll żewġ titoli tad-dejn mhux kwotati maħruġa mill-Bank Ewropew għall-Investment (BEI) bħala sostitut għal debitur involventi. Dawn it-titoli tad-dejn jinżammu sal-maturità finali tagħhom (2017 u 2019) sabiex ikun kopert il-ħlas ta' l-imgħaxijiet fuq teħid b'self relatat.

Il-bidliet fl-ammont irreġistrat jikkorrispondu għall-bidliet fl-imgħaxijiet akkumulati flimkien ma' l-amortizzazzjoni tas-sena tal-primjums imħallsa u l-ispejjeż tat-tranżazzjoni li jseħħu fil-bidu, kkalkulati skond il-metodu tar-rata effettiva ta' l-imgħax. Ir-rati ta' mgħax effettivi (espressi bħala firxa ta' rati ta' mgħaxijiet) kienu kif ġej:

Rati ta' l-imgħax effettivi fuq self mogħti minn fondi missellfa

Teħid b'self	31.12.2006	31.12.2005
Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA)	3.222 % - 4.54 %	2.039 % - 4.54 %
Euratom	3.372 % - 5.76 %	2.224 % - 5.76 %
KEFA f'likwidazzjoni	3.064 % - 12.077 % (*)	2.241 % - 12.077 % (*)

(*) (*) il-valur ogħla marbut huwa relatat mas-self b'rata fissa kopert bl-iswap tar-rati ta' l-imgħaxijiet (ara l-punt 2.3.3.2).

2.5 PREFINANZJAMENT GĦAT-TUL

Prefinanzjament huwa ħlas maħsub biex jipprovi lill-benefiċjarju bi ħlas bil-quddiem ta' flus, jiġifieri somma żgħira għall-ispejjeż ta' kuljum. Huwa jista' jinqasam f'numru ta' ħlasijiet fuq perjodu definit fil-ftehim partikolari ta' prefinanzjament. Il-float jew avvanz jintuża jew għall-iskop li għalih ikun provdut matul il-perjodu definit fil-ftehim jew jitħallas lura — jekk il-benefiċjarju ma' jkollux spejjeż eliġibbli huwa jkollu l-obbligu li jagħti lura l-avvanz ta' prefinanzjament lill-Komunitajiet Ewropej. Għalhekk, il-prefinanzjament imħallas mhux spiża definittiva sakemm il-kundizzjonijiet kuntrattwali relevanti jkunu ġew issodisfati u għalhekk huwa rreġistrat ma' l-assi fil-karta tal-bilanċ meta jsir il-ħlas inizjali. L-ammont ta' l-ass tal-prefinanzjament jitnaqqas (kompletament jew parzjalment) billi jiġu aċċettati l-ispejjeż eliġibbli u l-ammonti mogħtija lura. Meta l-ammont tal-prefinanzjament ikun kompletament jew parzjalment aċċettat mill-Komunitajiet, wara analiżi ta' l-eliġibilità ta' pretensjoni ta' spiża riċevuta, l-ammont aċċettat tan-nefqa eliġibbli jitneħħa mill-karta tal-bilanċ u jittieħed bħala spiża fil-kont tar-riżultat ekonomiku. B'dan il-mod, il-ħlasijiet interim jew finali huma maħsuba għar-rimbors ta' l-infiq li jkun għamel il-benefiċjarju fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni ta' l-infiq. Dan jista' jiċċara l-ammont tal-prefinanzjament kompletament jew parzjalment.

Il-prefinanzjament huwa vvalutat skond l-ammont rekuperabbli stmat. Il-Komunitajiet jirvedu l-prefinanzjament għal "tnaqqis fil-valur" kull meta l-avvenimenti, bidliet fiċ-ċirkustanzi jew informazzjoni jindikaw li l-ammont kontabbli ta' l-ass jista' ma jkunx rekuperabbli. Din l-ewalwazzjoni tqis l-eżistenza ta' garanzija relatata marbuta mal-prefinanzjament. Il-prefinanzjament li jkun mistenni li mhux se jkun rekuperabbli, jew l-ammont li għalih l-irkupru ma jkunx għadu probabbli, huwa rikonoxxut bħala tnaqqis fil-valur jew fil-kont tar-riżultat ekonomiku. L-ammont li jikkorrispondi miegħu huwa rikonoxxut bħala tnaqqis fil-valur kontabbli tal-prefinanzjament fil-karta tal-bilanċ.

Fl-aħħar tas-sena, l-ammonti tal-prefinanzjament huma vvalutati bl-ammont(i) oriġinali, b'dawn li ġejjin imnaqqsa minnhom: ammonti mogħtija lura, ammonti eliġibbli mgħoddija, ammonti eliġibbli stmati li għadhom mhumiex mgħoddija sa l-aħħar tas-sena, u tnaqqis fil-valur. Garanziji relatati ma' l-ammonti tal-prefinanzjament huma żvelati barra mill-karta tal-bilanċ bħala assi kontinġenti.

L-imgħax ġeneralment jiddaħħal fuq il-prefinanzjament kollu li jitħallas, għajr għal ammonti mħallsa lill-Istati Membri jew bħala għajnuna għal qabel is-sħubija. Dan l-imgħax huwa rikonoxxut meta jiddaħħal f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim relevanti. Stima tad-dħul mill-imgħaxijiet akkumulati, fuq il-bażi ta' l-aktar informazzjoni reċenti, issir fl-aħħar tas-sena u hija inkluzja fil-karta tal-bilanċ. Dan l-imgħax jinqasam fiż-żewġ kategoriji tal-prefinanzjament eżistenti skond min ikun il-propjetarju tiegħu — il-Komunitajiet Ewropej jew Partijiet Terzi. Id-differenza bejn iż-żewġ kategoriji hija dik li l-imgħax iġġenerat mill-ammonti tal-prefinanzjament tal-"Komunitajiet Ewropej" jibqa' l-propjetà tal-Komunitajiet u għalhekk għandu jingħata lura lill-Komunitajiet, filwaqt li dak li jiddaħħal mill-prefinanzjament tal-"Partijiet Terzi" huwa l-propjetà tal-benefiċjarju.

Ammonti ta' prefinanzjament fit-tul

miljuni ta' EUR

Tip ta' ġestjoni	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Prefinanzjament tal-Komunitajiet Ewropej:	920	3
Ġestjoni ċentralizzata diretta	300	3
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	549	0
Ġestjoni deċentralizzata	50	0
Oħrajn	21	0

<i>miljuni ta' EUR</i>		
Tip ta' ġestjoni	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Prefinanzjament Partijiet terzi:	21 505	22 729
Ġestjoni ċentralizzata diretta	57	145
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	30	0
Ġestjoni deċentralizzata	224	106
Ġestjoni komuni	20 744	22 478
Ġestjoni konġunta	450	0
Ammonti totali ta' prefinanzjament fit-tul	22 425	22 732

L-ammonti ta' prefinanzjament fit-tul l-aktar sinifikanti jirrigwardaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Strutturali. Ladarba ħafna mill-proġetti huma għat-tul, huwa neċessarju li l-ħlas bil-quddiem relatat ikun disponibbli għal aktar minn sena. B'hekk dawn l-ammonti ta' prefinanzjament jintwerew bħala assi għat-tul. Il-Kummissjoni tħallas akkont rigward il-Fondi Strutturali ladarba l-programm jiġi adottat. Il-Kummissjoni mbagħad tagħmel ħlasijiet interim sabiex tirrimborża l-infiq attwali ċċertifikat mill-Istat Membru. Il-bilanċ ta' 5 % jitħallas fl-għeluq tal-programm ladarba d-dokumenti kollha meħtieġa jkunu ġew ippreżentati u approvati mill-Kummissjoni. Il-ħlasijiet huma indirizzati għall-ewwel impenn miftuħ. Fl-2005 l-qasma bejn l-ammonti ta' prefinanzjament fit-tul u dawk għal żmien qasir saret biss għall-Azzjonijiet Strutturali.

2.6 AMMONTI RIĊEVIBBLI GĦAT-TUL

Ammonti riċevibbli fit-tul

<i>miljuni ta' EUR</i>		
	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Kontribuzzjoni għall-bini	24	42
Dovuti mingħand l-Istati Membri	272	135
Self ta' l-istaff tal-KEFA	17	20
Sistemi tal-kreditu ta' l-EAR	10	40
Garanziji u depożiti	5	7
Total	328	244

Il-kontribuzzjoni għall-bini hija primarjament il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Istat Belġjan għax-xiri u l-armar tal-bini D3 għall-Parlament, li ammontat għal 176 miljun EUR u għandha titħallas fuq għaxar snin li jintemmu fl-2008. Fl-aħħar tas-sena 22 miljuni EUR huma dovuti wara aktar minn sena (2005:42 miljun EUR), filwaqt li 20 miljun EUR oħra (2005:21 miljun EUR) huma dovuti fi żmien sena.

Ammonti li għandhom jiġu rċevuti mill-Istati Membri jirreferu għal ammonti dovuti lill-KEFA f'likwidazzjoni minn dawk li kienu l-pajjiżi ta' l-adeżjoni. Il-kontribuzzjoni totali tammonta għal 170 miljun EUR u titħallas ferba' porzjonijiet fl-ewwel jum ta' xogħol ta' kull sena, mill-2006 l-quddiem, fl-ammonti li ġejjin: 15 %, 20 %, 30 % u 35 %. Il-valur preżenti nett ta' dawn il-kontribuzzjonijiet kien 138 miljun EUR fl-aħħar tas-sena (2005:159 miljun EUR), li jinqas bejn riċevibbli għat-tul, EUR 104 miljun EUR (2005:135 miljun EUR), u riċevibbli għal perjodu qasir, 34 miljun EUR (2005:24 miljun EUR).

L-ammonti dovuti mingħand l-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2006 jinkludu wkoll 168 miljun EUR relatati ma' deċizzjoni tal-Kummissjoni ta' l-2005 li tnaqqas l-għajjnuna mogħtija mill-ERDF lil Stat Membru wieħed. L-ammont dovut fil-31 ta' Diċembru 2005 ma kienx ġie inkluż fil-kontijiet ta' l-2005 u b'hekk din l-intestatura fdik id-data kellha ddikjarati 318-il miljun EUR inqas (ara wkoll in-noti **E2.10.2** u **E3.1.4**).

Taħt din l-intestatura huwa inkluż ukoll ammont ta' 17-il miljun EUR li jikkonċerna self mogħti mill-KEFA f'likwidazzjoni lil uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. Dan is-self huwa ffinanzjat mill-KEFA f'likwidazzjoni mill-fondi tagħha u huwa fil-preżent amministrat mill-Kummissjoni. Skemi ta' kreditu ta' l-EAR (l-Aġenzija Ewropea għar-Rekostruzzjoni u l-Iżvilupp) jirreferu l-aktar għal Fondi tal-Kontroparti u Skemi ta' Linji ta' Kreditu avvanzati.

II. ASSI KURRENTI

2.7 STOKKS

STOKKS

miljuni ta' EUR

Deskrizzjoni	Valur ta' l-akk-wist	Tnaqqis fil-valur	Valur kontabbli nett 31.12.2006	Valur kontabbli nett 31.12.2005
Tagħmir Xjentifiku:				
Materjal xjentifiku	11	0	11	11
Materjal fissili u heavy water	30	0	30	32
Materjal xjentifiku għal bejgħ mill-ġdid	60	0	60	64
Tilqim	7	0	7	7
Materjali għall-produzzjoni	7	0	7	7
Pubblikazzjonijiet u prodotti għal bejgħ mill-ġdid	16	(16)	0	5
TOTAL	131	(16)	115	126

Il-Kummissjoni żżomm stokk ta' materjal tal-produzzjoni, vvalutat għal 7 miljun EUR, li l-aktar jikkonsisti f'materjal tal-manutenzjoni tal-bini u spare parts użati miċ-Ċentri Konġunti tar-Riċerka. L-istokk ta' pubblikazzjonijiet miżmuma u/jew ġestiti mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet li għalihom jintalab ħlas (stokk bi ħlas) huwa mneħħija mill-kontijiet minħabba rotazzjoni baxxa. Pubblikazzjonijiet imqasma b'xejn ukoll mneħħew kompletament għaliex il-valur li jgħibu huwa aktar baxx minn kemm jiswew.

2.8 INVESTIMENTI GĦAL ŻMIEN QASIR

Investimenti għal żmien qasir jikkonsistu f'titoli disponibbli għall-bejgħ, li jinxtrow għar-rendiment tagħhom bħala investiment, jew jinżammu sabiex tiġi stabbilita struttura partikolari ta' l-assi jew sors sekondarju ta' likwidità u għalhekk jistgħu jinbiegħu bħala reazzjoni għal hteġa ta' likwidità jew bidliet fir-rati ta' l-interessi.

2.8.1 Assi għal żmien qasir li huma disponibbli għall-bejgħ

Assi għal żmien qasir li huma disponibbli għall-bejgħ

miljuni ta' EUR

	Faċilità ta' garanzija għall-SMEs	Faċilità ETF Start up	TEN — Kapital tar-riskju BEI	KEFA f'likwidazzjoni	Total
Ammonti fil- 31.12.2005	22	4	3	1 411	1 440
Akkwisti	0	0	0	521	521
Tnaqqis u rtirar	0	(4)	0	(490)	(494)
Aġġustament għal spejjeż amortizzati	0	0	0	(3)	(3)
Bidla fl-ammont kontabbli	0	0	0	1	1
Proporzjon tal-bilanċ pożittiv/ (żbilanċ) tar-rivalutazzjoni mal-kapital	0	0	0	(39)	(39)
Ammonti fil-31.12.2006	22	0	3	1 401	1 426

Faċilità ta' Garanzija ta' l-SME — ETF start-up Tkabbir u Impiegi

L-investimenti kollha huma bonds AAA b'rati varjabbli denominati f'EUR u kkwotati fi swieq attivi.

TEN — Kapital tar-riskju BEI

Investimenti li saru taħt il-Faċilità tal-Kapital tar-Riskju TEN (s'issa waħda biss li tammonta għal 3 miljuni EUR) isiru bit-twaqqif ta' entità konġunta għal skop speċjali (miżmuma b'mod konġunt mill-BEI u mill-Galaxy Fund, is-sieħeb TEN RCF), bl-isem ta' GALAXY — A28 għal proġetti tan-Netwerk Tranżewropew li jinvolvu investimenti fis-settur privat. Dan l-investiment jirrappreżenta sehem fil-kapital fl-entità b'għan speċjali.

KEFA flikwidazzjoni

L-investimenti kollha huma titoli ta' dejn denominati f'EUR u kkwotati f'suq attiv. Dettalji tal-portafoll ta' investimenti skond it-tip ta' min joħroġhom u skond il-klassifikazzjoni huma mogħtija fin-nota E.6. Fil-31 ta' Diċembru 2006, it-titoli tad-dejn (espressi bil-valur ġust tagħhom) li jimmatraw matul l-2007 jammon-taw għal 135 miljuni EUR (2005: 237 miljun EUR).

2.9 PREFINANZJAMENT GĦAL ŻMIEN QASIR

Il-qsim ta' l-ammonti pendenti bejn it-tipi ta' ġestjoni jirrifletti l-ħlasijiet fi prefinanzjament li saru mill-2005. L-ammonti ta' prefinanzjament mhux allokati huma dawk li kienu inklużi għall-ewwel darba fil-karta tal-bilanċ ta' l-2005 u qegħdin jintwerew separatament f'linja waħda għaliex ma hija disponibbli l-ebda informazzjoni dwar il-qasma skond it-tip ta' ġestjoni tal-baġit ta' qabel il-31.12.2004.

Tnaqqisiet akkumulati jirrappreżentaw l-ammont ta' spejjeż eliġibbli li kien stmat li intefqu mill-benefiċjarji ta' l-ammonti ta' prefinanzjament pendenti fl-aħħar tas-sena, iżda li kienu għadhom ma ġewx irrappurtati lill-Komunitajiet. Dawn l-ammonti huma meħuda bħala spejjeż fil-Kont tar-Riżultat Ekonomiku.

Ara wkoll in-nota 2.5 għal aktar spjegazzjonijiet dwar il-prefinanzjament għat-tul.

Inklużi bħala prefinanzjament taħt din l-intestatura hemm 206 miljuni EUR li jikkonċernaw ammonti mħallsa taħt il-Ftehim dwar il-Faċilità ta' Schengen. Fil-kontijiet ta' l-2005 dawn il-ħlasijiet tqiesu bħala nfiq operattiv fil-Kont tar-Riżultat Ekonomiku, iżda fl-2006 saret analiżi ulterjuri li wasslet għall-klassifikazzjoni mill-ġdid bħala prefinanzjament. Li kieku dawn tqiesu bl-istess mod fl-2005, il-bilanċ fil-31.12.2005 taħt dan il-ftehim kien ikun ta' 183 miljun EUR (ara wkoll in-nota E 3.3).

Ammonti ta' Prefinanzjament għal Żmien Qasir

		<i>miljuni ta' EUR</i>	
Tip ta' ġestjoni		Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Ammonti grossi ta' Prefinanzjament tal-Komunitajiet Ewropej:			
Ġestjoni ċentralizzata diretta	<i>Għotjiet għal azzjonijiet</i>	8 850	4 791
	<i>Għotjiet għall-funzjonament</i>	167	111
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	<i>Aġenziji nazżjonali</i>	778	620
	<i>Attivitajiet finanzjarji</i>	12	64
	<i>Oħrajn</i>	6	3
Ġestjoni deċentralizzata		381	195
Oħrajn		686	474
Prefinanzjament implimentat minn Istituzzjonijiet u Aġenziji oħra		8	7
Bilanċi ta' prefinanzjament mhux allokati		3 577	5 254
Ammonti totali grossi ta' prefinanzjament		14 465	11 519
Bl-ispejjeż dovuti mnaqqsqa:			
Ġestjoni ċentralizzata diretta		(8 189)	(5 892)
Ġestjoni ċentralizzata indiretta		(1 135)	(1 376)
Ġestjoni deċentralizzata		(232)	(123)
Oħrajn		(75)	(169)
Prefinanzjament totali tal-Komunitajiet Ewropej		4 834	3 959
Prefinanzjament Partijiet terzi:			
Ġestjoni ċentralizzata diretta	<i>Akkwisti pubbliċi</i>	545	260
	<i>Operattivi</i>	470	356
Ġestjoni ċentralizzata indiretta		3	0
Ġestjoni deċentralizzata		599	361
Ġestjoni komuni		937	391
Ġestjoni konġunta		578	317

Tip ta' ġestjoni	miljuni ta' EUR	
	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Prefinanzjament implimentat minn Istituzzjonijiet u Aġenziji oħra	177	143
Bilanċi ta' prefinanzjament mhux allokat	2 930	2 775
Ammonti totali grossi ta' prefinanzjament	6 239	4 603
Bl-ispejjeż dovuti mnaqqsa:		
Ġestjoni ċentralizzata diretta	(1 532)	(1 200)
Ġestjoni deċentralizzata	(468)	(383)
Ġestjoni komuni	(906)	(201)
Ġestjoni konġunta	(79)	(143)
Oħrajn	(33)	(2)
Prefinanzjament Partijiet terzi:	3 221	2 674
Ammonti totali ta' prefinanzjament għal żmien qasir	8 055	6 633

2.10 AMMONTI RIĊEVIBBLI FI ŻMIEN QASIR

Ammonti riċevibbli ta' skadenza qasira

	miljuni ta' EUR	
	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Riċevibbli għat-tul li huma dovuti f'inqas minn sena	119	46
Riċevibbli kurrenti	4 193	4 243
Riċevibbli varji	26	22
Dovuti u dħul pospost	5 458	2 927
Total	9 796	7 238

2.10.1 Riċevibbli għat-tul li huma dovuti f'inqas minn sena

Dawn l-ammonti jammontaw għal 119-il miljun EUR (2005: 46 miljun EUR) jirrappreżentaw l-aktar is-self li jonqoshom maturitajiet finali ta' anqas minn tnaħ-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ (95 miljun EUR ara n-nota 2.4 aktar 'il fuq għal aktar dettalji) u l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Istat Belġjan għax-xiri u l-armar tal-bini D3 għall-Parlament (ara n-nota 2.6 aktar 'il fuq.)

2.10.2 Riċevibbli kurrenti

Riċevibbli kurrenti

Grupp kontabbli	Fil- 31.12.2006			Fil- 31.12.2005		
	Ammont gross	Valur kontabbli mnaqqas	Valur Nett	Ammont gross	Valur kontabbli mnaqqas	Valur Nett
Klijenti	2 865	(169)	2 696	2 372	(150)	2 222
Stati Membri	2 724	(1 257)	1 467	3 252	(1 604)	1 648
EFTA	26	0	26	30	0	30
Pajjiżi terzi	4	0	4	126	(1)	125
Oħrajn	12	(12)	0	230	(12)	218
Total	5 631	(1 438)	4 193	6 010	(1 767)	4 243

2.10.2.1 Klijenti

Dawn huma **ordnijiet ta' rkupru** inklużi fil-kontijiet fil-31 ta' Diċembru 2006 bħala intitolamenti stabbiliti li għandhom jiġu rkuprati u li kienu għadhom mhumiex inklużi taħt intestaturi oħra fuq in-naħa ta' l-assi tal-karta tal-bilanċ.

L-akbar porzjon ta' dan il-bilanċ jirrigwarda multi maħruġa mill-Kummissjoni. Fir-rigward ta' **multi** imposti ta' 5,459 miljun EUR fil-31.12.2006, total ta' 2,772 miljun EUR inġabru proviżorjament. Il-bilanċ ta' 2,687 miljun EUR huma inklużi taħt din l-intestatura, li minnhom 1,783 miljun EUR kienu koperti b'garanziji tal-bank. Il-ħlasijiet proviżorji (u imgħax relatati) huma applikati kontra r-riċevibbli relatati u inklużi bħala likwidità ristretta taħt l-intestatura tal-likwidità. Il-garanziji bankarji huma inklużi bħala assi kontinġenti barra mill-karta tal-bilanċ. L-ammont muri barra mill-karta tal-bilanċ bħala obbligi kontinġenti jammonta għal 5,611 miljun EUR, li huma t-talbiet pendenti totali li qed jistennew il-ġudizzju flimkien ma' l-interessi maq-luġha fuq ħlasijiet irċevuti li qed jistennew il-ġudizzju finali.

Ammonti oħrajn jirrigwardaw primarjament l-irkupru ta' ammonti ta' prefinanzjament (34 miljun EUR) u l-irkupru ta' spejjeż (82 miljun EUR).

2.10.2.2 Ammonti Riċevibbli mill-Istati Membri

Riċevibbli tal-Garanzija EAGGF

Din il-partita tkopri l-ammonti dovuti mill-benefiċjarji tal-Garanzija EAGGF fil-31 ta' Diċembru 2006. Hija kkalkulata permezz ta' l-ammonti kif dikjarati u ċertifikati mill-Istati Membri u mdaħħla fil-ktieb tad-debituri fl-aħħar tas-sena (15 Ottubru 2006) f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2761/99 b'20 % ta' l-ammont imnaqqs, li l-Istati Membri jistgħu jżommu biex ikopru l-ispejjeż amministrattivi. Saret ukoll stima għall-ammonti riċevibbli li joħorġu wara din id-dikjarazzjoni u sal-31 ta' Diċembru. Din l-istima ma saritx fl-2005, fejn il-bilanċ riċevibbli kien jirrappreżenta l-pożizzjoni fil-15 ta' Ottubru 2005. L-Istati Membri huma meħtieġa jħallu l-ammonti disponibbli għall-Kummissjoni meta dawn jiġu rkuprati, jew nofs l-ammonti mhux irkuprati wara ċertu żmien.

F'konformità mal-prinċipju tal-prudenza, il-Kummissjoni Ewropea għandha tagħmel stima u tieħu nota tal-parti mill-ammonti dovuti mill-benefiċjarji tal-Garanzija ta' l-EAGGF li probabbilment ma tkunx se tiġi rkuprata. L-istima ta' dan it-tnaqqis hija ta' EUR 477 miljun EUR, li jirrapreżentaw 47 % ta' l-ammont totali li għandu jkun irkuprat fil-31 ta' Diċembru 2006. Il-fatt li dan l-aġġustament huwa mniżżel fil-kontijiet ma jfissirx li l-KE qed taċċetta li mhux se jkun hemm irkupru fil-futur ta' l-ammonti koperti mit-tnaqqis fil-valur kontabbli.

Riċevibbli mingħand l-Istati Membri

miljuni ta' EUR

	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Riċevibbli tal-Garanzija EAGGF		
Riċevibbli tal-Garanzija EAGGF	1 009	1 474
Korrezzjoni tal-valur	(477)	(874)
Subtotal	532	600
VAT imħallsa u rekuperabbli mill-Istati Membri		
VAT li għandha tiġi rkuprata	22	21
Korrezzjoni tal-valur	0	(2)
Subtotal	22	19
Riżorsi proprji		
Riżorsi proprji stabbiliti fil-kont A, kif stabbilit fl-Artikolu 6(3) tar-regolament tal-Kunsill 1150/2000, u li l-irkupru tagħhom għadu pendenti	79	45
Riżorsi proprji stabbiliti f'kont separat, kif stabbilit fl-Artikolu 6(3) tar-regolament tal-Kunsill 1150/2000, u li l-irkupru tagħhom għadu pendenti	1 347	1 411
Korrezzjoni tal-valur	(779)	(728)
Oħrajn	0	201
Subtotal	647	929
Riċevibbli oħra mill-Istati Membri		
Interessi tard	14	1
Oħrajn	253	99
Korrezzjoni tal-valur	(1)	0
Subtotal	266	100
Total	1 467	1 648

VAT

Din il-partita tkopri l-VAT imħallsa mill-Komunitajiet u rekuperabbli minn ċerti Stati Membri.

Riżorsi proprji

Il-kont separat jinkludi riżorsi proprji tradizzjonali li, skond l-Artikolu 6(3)(b) tar-Regolament Nru 1150/2000, ġew stabbiliti mill-Istati Membri iżda ma tpoġġewx għad-dispożizzjoni tal-Komunitajiet għaliex għadhom ma ġewx irkuprati jew garantiti, jew għaliex ġew kontestati. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2000/597/KE, Euratom tad-29 ta' Settembru 2000 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej tippermetti lill-Istati Membri li jżommu 25 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali sabiex ikopru l-ispejjeż tal-ġbir.

Kull Stat Membru jibgħat lill-Kummissjoni dikjarazzjoni kull tliet xhur ta' dawn il-kontijiet, bid-dettalji li ġejjin għal kull tip ta' riżors:

- il-bilanċ pendent tal-kwart ta' sena preċedenti,
- il-bilanċi rkuprati matul l-istess kwart ta' sena,
- aġġustamenti għall-bażi (korrezzjonijiet/kanċellazzjonijiet) matul l-istess kwart ta' sena,
- ammonti maqtugħa mill-kontijiet,
- il-bilanċi li għandhom jiġu rkuprati fit-tmiem ta' l-istess kwart ta' sena.

Meta r-riżorsi proprji tradizzjonali mill-kont separat ikunu rkuprati, huma jridu jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xahar wara x-xahar li matulu l-intitolament kien irkuprat.

Din il-figura tkabbar l-intitolamenti effettivi tal-Komunitajiet ladarba l-kont separat għar-riżorsi proprji tradizzjonali jikkonsisti l-aktar f'ammonti li l-irkupru effettiv tagħhom huwa improbabbli. It-tnaqqis ta' l-intitolamenti fil-kont separat huwa bbażat fuq stimi magħmula mill-Istati Membri nfushom skond l-Artikolu 6 (4)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 li jistipula: "Flinmien mad-dikjarazzjoni finali ta' kull kwart ta' sena għall-istess sena, l-Istati Membri se jippreżentaw l-ammont totali għall-intitolamenti inklużi fil-kont separat tal-31 ta' Diċembru ta' dik is-sena li l-irkupru tagħhom sar improbabbli."

Fuq il-bażi ta' l-istimi mibgħuta mill-Istati Membri, sar tnaqqis fil-valur kontabbli ta' 779 miljun EUR fuq il-partita għar-riċevibbli mill-Istati Membri fuq in-naħa ta' l-assi tal-karta tal-bilanċ. Madankollu, dan ma jfissirx li l-Kummissjoni qed taċċetta li mhux se jkun hemm irkupru fil-futur ta' l-ammonti koperti mill-aġġustament fil-valur kontabbli. Anki meta l-irkupru jkun jidher improbabbli ħafna, jekk mhux prattikament impossibbli, dan mhux bilfors ifisser li dawn l-ammonti jkunu mitlufa għall-baġit tal-Komunità bħala riżorsi proprji tradizzjonali. Dan għaliex intotalamenti mhux irkuprati huma mitlufa biss jekk l-Istat Membru jkun eżawruxxa l-modi kollha li hu marbut li juża sabiex iwettaq l-irkupru. Fejn l-Istat Membru ma jagħmilx dan, huwa miżmum finanzjarjament responsabbli u jkollu jħallas l-ammont lill-baġit tal-Komunità skond l-Artikolu 17 (2) tar-Regolament Nru 1150/2000.

Ammonti oħra ta' riżorsi proprji fil-31 ta' Diċembru 2005 jikkonċernaw ammonti dovuti mill-Portugall li ma kinux tħallsu meta kienu dovuti f'Diċembru 2005.

Riċevibbli oħra mill-Istati Membri

Ammonti oħrajn riċevibbli mill-Istati Membri jinkludu 44 miljun EUR (2005: 74 miljun EUR) ta' rkupru ta' spejjeż u ħlasijiet bil-quddiem ta' l-EAGGF ta' 19-il miljun EUR. Din l-intestatura tinkludi wkoll 150 miljun EUR relatati ma' deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-2005 li tnaqqas l-għajjuna mogħtija mill-ERDF lil Stat Membru wieħed. L-ammont dovut fil-31 ta' Diċembru 2005 ma kienx ġie inkluż fil-kontijiet ta' l-2005 u b'hekk din l-intestatura f'dik id-data kellha ddikjarati 100 miljun EUR inqas (ara wkoll in-noti **E2.6** u **E3.1.4**)

2.10.3 Riċevibbli varji

L-ammont ewlieni inkluż hawn jirrigwarda l-avvanzi mogħtija taħt il-programm MEDIA, 38 miljun EUR (2005: 37 miljun EUR). F'konformità mal-prinċipju tal-prudenza u fuq il-bażi tar-riskji u l-inċertezza involuta, tnaqqis fil-valur ta' 26 miljun EUR (2005: 25 miljun EUR) ġie applikat. L-ammonti dovuti mill-persunal jammontaw għal 4 miljun EUR (2005: 4 miljun EUR.)

2.10.4 Dħul dovut u spejjeż posposti

Id-dħul dovut fil-31 ta' Diċembru 2006 jammonta għal EUR 5.2 biljun (2005: EUR 2.6 biljun.) L-ammonti tad-dħul akkumulat l-aktar sinifikanti jirrappreżentaw dħul akkumulat li jirrigwarda r-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji agrikoli, levies fuq iz-zokkor u dazji tad-dwana). Fil-31 ta' Diċembru 2006 dawn kienu jammontaw għal EUR 3.8 biljuni meta mqabbla ma' EUR 2.3 biljuni s-sena ta' qabel, l-aktar minħabba l-inklużjoni għall-ewwel darba ta' levies agrikoli fuq iz-zokkor ta' 1.3 biljuni (ara n-nota E 3.1.3, dawn m'humiex relatati mar-riżorsi proprji). Ammonti sinifikanti oħrajn huma 512-il miljun EUR relatati ma' deċiżjonijiet ta' korrezzjoni tal-konformità ta' l-EAGGF mhux eżegwiti, 440 miljun EUR fi dħul agrikolu assenjat għal Novembru u Diċembru 2006 (l-aktar f'levies fuq il-ħalib), 172 miljun EUR fi dħul assenjat għall-korrezzjonijiet tal-konformità u irregolaritajiet ta' l-EAGGF u 136 miljun EUR relatati ma' rkupri prevedibbli ta' spejjeż mill-programm tal-Fond Strutturali dwar is-sajd 1994-1999. L-ammonti l-oħrajn inklużi bħala dħul dovut huma dħul ta' interessi tard, interessi bankarji dovuti u interessi dovuti fuq ammonti ta' prefinanzjament.

L-ispejjeż posposti fil-31 ta' Diċembru 2006 jammontaw għal 217-il miljun EUR (2005: 281 miljun EUR) li minnhom l-ammonti prinċipali huma ħlasijiet antiċipati ta' 37 miljun EUR (2005: 90 miljun EUR) għall-kumpens baġitarju lill-Istati Membri l-ġodda, kirjiet ta' l-uffiċċji mħallsa minn qabel ta' 34 miljun EUR (2005: 30 miljun EUR), 54 miljun EUR imħallsa għall-ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi dwar is-sajd (2005: 62 miljun EUR) u 17-il miljun EUR fi spejjeż imħallsa minn qabel li jikkonċernaw l-iskejjel Ewropej.

2.11 FLUS LIKWIDI U EKWIVALENTI

Flus likwidi u ekwivalenti

	miljuni ta' EUR	
	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Likwidità mingħajr irbit:	13 460	9 603
Kontijiet mat-Teżori u l-Banek Ċentrali	11 467	8 093
Kontijiet kurrenti	933	706
Kontijiet imprest	82	61
Trasferimenti (likwidità fi tranżitu)	3	0
Depożiti għal żmien qasir u ekwivalenti oħrajn għall-flus likwidi	975	743
Likwidità ristretta	2 924	2 251
Total	16 384	11 854

Il-likwidità mingħajr irbit tkopri l-fondi kollha li l-Komunitajiet iżommu fil-kontijiet tagħhom f'kull Stat Membru u pajjiż ta' l-EFTA (teżor jew bank ċentrali), kif ukoll f'kontijiet kurrenti, kontijiet ta' l-imprest, depożiti bankarji għal żmien qasir u ammonti żgħar ta' flus kontanti.

F'konformità mar-Regolamenti tal-Kunsill 2028/2004 u 1150/2000, il-fondi jinżammu l-aktar fit-Teżori u l-Banek Ċentrali. Dawn il-fondi ma jrendux interessi u jinżammu mingħajr irbit. Il-fondi tal-Kummissjoni li jinżammu f'dawn il-kontijiet jistgħu jinġibdu biss biex jintlaħqu ħtiġiet baġitarji. Il-fondi huma maqsuma bejn l-Istati Membri fi proporzjon mad-dħul baġitarju smat minn kull wieħed minnhom. Jinżammu f'banek kummerċjali biss fondi għal ħlas immedjat, flimkien ma' "likwidità ristretta" relatata ma' multi maħruġa mill-Kummissjoni li l-każ tagħhom ikun għadu miftuħ. Fil-kuntest tal-KEFA f'likwidazzjoni u strumenti finanzjarji oħrajn jiġu applikati regoli speċjali. Iż-żieda fil-bilanċ mat-Teżori u l-Banek Ċentrali tirriżulta mill-fatt li wara r-rettifikkazzjoni tal-baġit fl-aħħar tas-sena, kellhom jitħallsu lura EUR 7.4 biljuni lill-Istati Membri, u dan sar fl-ewwel jum ta' xogħol ta' l-2007 (2005: EUR 3.8 biljun.) L-obbligu relatat huwa muri taħt l-ammonti pagabbli kurrenti — ara wkoll in-nota 2.18.2 aktar 'l isfel.

Likwidità ristretta tirreferi għal ammonti riċevuti fir-rigward ta' multi maħruġa mill-Kummissjoni li għalihom il-każ ikun għadu miftuħ. Dawn jammontaw għal EUR 2.9 biljuni u jinżammu f'kontijiet ta' depożitu speċifiċi li mhumiex użati għal attivitajiet oħra.

Likwidità u ekwivalenti tinkludi dan li ġej għall-fini tar-rendikont tal-flussi tal-likwidità:

	<i>miljuni ta' EUR</i>	
	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Flus likwidi u ekwivalenti	16 384	11 854
Flus likwidi u ekwivalenti — Fond ta' Garanzija (ara n-nota 2.3.2)	440	316
Total	16 824	12 170

III. OBBLIGI MHUX KURRENTI

2.12 BENEFIĊĠI TA' L-IMPJEGATI

Benefiċċji ta' l-impjegati

	<i>miljuni ta' EUR</i>			
	Ammont fil- 31.12.2005	Tibdil fil-proviżjon	Ammonti użati	Ammont fil-31.12.2006
Benefiċċji ta' l-impjegati	33 156	(108)	(848)	32 200

Pensjonijiet

Fil-31 ta' Diċembru 2006, ir-regoli dwar l-iskema tal-Pensjonijiet ta' l-Uffiċjali Ewropej (PSEO) ġew definiti mill-verżjoni l-ġdida tar-Regoli ta' l-Istaff għall-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (fis-seħħ mill-1 ta' Mejju 2004). Ir-regoli dwar il-pensjonijiet ta' l-Istaff huma applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha. L-arranġament ikopri d-diversi tipi ta' pensjonijiet u benefiċċji (dawk ta' l-età, l-invalidità u tas-superstiti).

Skond l-Artikolu 83 tar-Regolamenti ta' l-Istaff, il-benefiċċji mħallsa skond l-iskema tal-pensjonijiet jiġu debitati lill-baġit tal-Komunitajiet. Il-ħlas ta' dawn il-benefiċċji mhux finanzjat, iżda l-Istati Membri jiggarrantixxu l-ħlas tagħhom b'mod kollettiv skond l-iskala stabbilita għall-iffinanzjar ta dan l-infiq. L-uffiċjali jikkontribwixxu terz għall-iffinanzjar fit-tul ta' l-iskema permezz ta' kontribuzzjoni obbligatorja.

L-obbligi tal-PSEO ġew valutati skond il-popolazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2006 u skond ir-regoli applikabbli fl-istatut f'dik id-data. Din il-valutazzjoni tkopri l-benefiċċji assoċjati ma' l-età, l-invalidità u tas-superstiti (tipi differenti ta' pensjonijiet kif ukoll *allowance* minħabba invalidità). Din twettqet skond il-metodoloġija ta' l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabilità 19 (IAS 19). Dan l-istandard ta' kontabilità jirrikjedi li dak li jhad-dem jiddetermina l-impenji attwarji tiegħu fuq bażi kontinwa, filwaqt li jjeħu f'kunsiderazzjoni sew il-benefiċċji mwiegħda matul il-ħajja attiva ta' l-impjegati kif ukoll iż-żidiet prevedibbli fil-pagi.

Il-metodu ta' valutazzjoni attwarja użat sabiex jiġi kkalkulat dan l-obbligu huwa magħruf bħala l-metodu ta' l-intitolamenti akkumulati (unit credit method). Il-presuppożizzjonijiet attwarji prinċipali użati fid-data tal-valutazzjoni kienu kif ġej:

1. Ir-rata ta' skont nominali kienet ibbażata fuq il-bonds tal-gvern fiż-żona ta' l-Euro għal tul li huwa qrib għal dak ta' l-iskema (19-il sena), bħala stima tal-kurva tar-rendiment tal-kupun żero f'Diċembru 2006 għall-istess tul, li hija 4.0 %. Skond l-IAS 19, ir-rata ta' l-inflazzjoni għandha tkun ir-rata ta' l-inflazzjoni mistennija matul il-perjodu ta' żmien ta' l-iskema: għandha mbagħad tiġi stabbilita b'mod prospettiv, ibbażata fuq valuri prospettivi kif espressi mill-bond marbuta ma' l-infiq fuq is-swieq finanzjarji Ewropej. Ir-rata ta' inflazzjoni mistennija fit-tul kienet ta' 2.1 % (l-istess bħal ma kienet fil-valutazzjoni ta' l-2005) u għalhekk ir-rata ta' skont reali użata kienet ta' 1.9 %.
2. It-tabelli tal-Ħajja u l-Invalidità huma l-istess bħal dawk użati fil-valutazzjoni ta' l-obbligi mill-2004. ("it-tabella Ħajja EU-2004" u t-"tabella Invalidità EU-2004").
3. It-tkabbir ġenerali tal-pagi (GSG), li huwa ugwali għar-rivalutazzjoni ġenerali tal-pensjonijiet, kien ibbażat fuq statistika tar-rivalutazzjoni tal-pagi u l-pensjonijiet fuq medja li tinbidel ta' 12-il sena matul il-perjodu 1994 — 2006, li kienet ta' 0.5 %; Il-progressjoni individwali fil-pagi (ISP) lil hinn mir-rata tal-GSG kienet ibbażata fuq it-tabella ISP użata fil-valutazzjoni fil-31/12/2005 u strutturata skond l-skala l-ġdida tal-pagi fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2006. Din it-tabella tipprovi dettalji dwar ir-rata ISP skond il-grad u l-iskala u s-sena ta' l-irtirar mistennija mill-2007 sa l-2050.

4. Il-koeffiċjenti taż-żwiġijiet għal uffiċjali attivi fiż-żmien meta jirtiraw kienu bbażati fuq statistika tal-popolazzjoni ta' uffiċjali li kienet ta' 90 % għall-irġiel u 60 % għan-nisa — għall-ex-uffiċjali (pensjonanti u invalidi) ttieħdet is-sitwazzjoni attwali taż-żwiġijiet;
5. L-irtirar jitqies li jseħħ fiż-żmien meta l-uffiċjal jibbenefika mid-drittijiet sħaħ tiegħu, filwaqt li jitqies it-tnaqqis għall-irtirar kmieni u l-Inizjattiva ta' Barcellona għall-irtirar tard, l-aktar sa 65 sena.

L-obbligi jkopru d-drittijiet definiti aktar 'il fuq għall-persuni li ġejjin:

1. Persunal f'impjeg attiv fil-31 ta' Diċembru 2006 fl-Istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha inklużi fil-PSEO;
2. Persunal f'sitwazzjoni differita, jiġifieri li temporanjament jew definittivament telqu l-Istituzzjonijiet u ħallew id-drittijiet tagħhom tal-pensjoni fil-PSEO;
3. Ex-uffiċjali u impjegati oħra li qed jibbenefikaw minn pensjoni ta' l-irtirar;
4. Ex-uffiċjali u impjegati oħra li qed jibbenefikaw minn pensjoni ta' l-invalidità;
5. Ex-uffiċjali u impjegati oħra li qed jibbenefikaw minn benefiċċju ta' l-invalidità;
6. Dawk li qed jirċievu pensjoni minħabba l-mewt ta' uffiċjal (romol, orfni, dipendenti).

Il-popolazzjoni tal-PSEO fil-31 ta' Diċembru 2006 ttieħdet mid-*database* tal-Kummissjoni. Ir-riżultati miksuba fil-qafas ta' dan l-istudju tqabblu ma' l-estimi bbażati fuq il-valutazzjoni attwarja preċedenti tal-31 ta' Diċembru 2005.

Il-fatti ewlenin huma:

- L-obbligi attwarji gross kienu vvalutati għal EUR 33.3 biljuni fil-31 ta' Diċembru 2006.
- L-effett ta' l-applikazzjoni tal-koeffiċjenti ta' korrezzjoni bbażati fuq is-salarji u l-pensjonijiet bażiċi ġie smat għal EUR 1.3 biljuni (inkluż l-ammont t'hawn fuq).
- Ir-rata reali ta' skont inbidlet minn 1.5 % fl-2005 għal 1.9 % fl-2006; meta jitqies ukoll l-effett tat-tkabir tas-salarju ġenerali (0.3 % fl-2005 u 0.5 % fl-2006), ir-rata ta' skont nett inbidlet minn 1.2 % fl-2005 għal 1.4 % fl-2006. Din hija waħda mir-raġunijiet ewlenin wara l-ftit moviment fl-obbligi ġenerali.
- Il-popolazzjoni tal-membri ta' l-iskema tal-pensjonijiet żdiedet b'4,893 individwu, li fosthom hemm membri kontributuri ġodda b'rata ta' akumulazzjoni annwali għall-pensjonijiet aktar baxxa (1.9 % min-flok 2 %).
- Il-kalkolu tal-pensjonijiet grossi u l-benefiċċji tal-familja huma bbażati fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-Istaff.
- It-taxxi pagabbli mill-benefiċjarji jitnaqqsu mill-obbligi gross biex jirriżultaw l-obbligi nett li jiġu inklużi fil-karta tal-bilanċ tal-Kummissjoni fir-rigward ta' dawn il-pagamenti futuri (għaliex it-taxxa titnaqqas fuq il-ħlas tal-pensjonijiet u tiġi kkreditata mad-dħul tal-Komunitajiet fis-sena tal-ħlas).

Inkluż ukoll fl-ammont imsemmi hawn fuq huwa l-obbligu relatat mal-pensjonijiet tal-membri u l-ex-membri tal-Kummissjoni, l-Istituzzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja (u l-Qorti tal-Prim'Instanza), il-Qorti ta' l-Awdituri, l-Ombudsman, il-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data, it-Tribunal tas-Servizz Ċivili ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll ammonti li għandhom jitħallsu lil staff li jirtira kmieni. L-ammonti użati fl-2006 jirrappreżentaw l-ammonti tal-pensjonijiet imħallsa, mill-baġit ta' l-2006, lil persunal li jkun irtira (romol, orfni, eċċ.) matul is-sena.

Bid-dħul fis-seħħ ta' l-Istatut il-ġdid għall-Membri tal-Parlament, l-arranġamenti tal-pensjoni għall-Membri stabbiliti fl-Anness III tar-Regoli dwar il-ħlas ta' spejjeż u benefiċċji ser jitwaqqfu. Il-Bureau tal-Parlament Ewropew ħatar grupp ta' ħidma biex jissottometti proposti dwar l-Istatut il-ġdid għall-Membri. Minħabba li dan il-grupp ta' ħidma għadu ma ffinalizzax il-proposti tiegħu dwar l-arranġamenti tal-pensjoni li għandhom japplikaw wara l-elezzjonijiet ta' l-2009, hemm inċertezza dwar l-ammont ta' l-allokazzjoni li għandha ssir, għaliex dan jiddependi mill-eżitu tad-deċiżjoni finali. Ladarba din l-interċeżza tissolva, tkun tista' tiġi kkalkulata allokazzjoni fuq bażi affidabbli u din tkun inkluża fil-karta tal-bilanċ kemm tal-Parlament kif ukoll tal-Komunitajiet. Madankollu, fil-31 ta' Diċembru 2006 ma kien inkluż l-ebda obbligu tali fuq il-karti tal-bilanċ.

L-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta kontra l-Mard

Isir ukoll kalkolu ta' l-obbligi stmati li l-Kummissjoni ser ikollha rigward il-kontribuzzjonijiet tagħha fl-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta kontra l-Mard għal persunal irtirat. Fil-31 ta' Diċembru 2006 dawn il-kontribuzzjonijiet kienu jammontaw għal EUR 2.8 biljun.

2.13 PROVIŻJONIJET FIT-TUL GĦAL RISKJI U SPEJJEŻ

PROVIŻJONIJET FIT-TUL GĦAL RISKJI U SPEJJEŻ

miljuni ta' EUR

	Ammont fil-31.12.2005	Dispożizzjonijiet addizzjonali	Ammonti mhux użati mogħtija lura	Ammonti użati	Trasferiment għal proviżjonijiet għal perjodu qasir	Skontar għall-valur preżenti	Ammont fil-31.12.2006
Każijiet legali	100	36	(40)	(21)	0	0	75
Tneħħija ta' siti nukleari	884	0	0	0	(38)	(40)	806
Finanzi	113	30	0	0	(39)	1	105
Oħrajn	0	3	0	0	0	0	3
Total	1 097	69	(40)	(21)	(77)	(39)	989

Kawżi legali

Din hija l-istima ta' ammonti li huwa probabbli li jitħallsu wara l-2007 fir-rigward ta' numru ta' kawżi legali li jinsabu għaddejnin. L-akbar porzjon (70 miljun EUR) jirrigwarda l-istima ta' l-ammonti li probabbilment ikollhom jitħallsu għal kawżi fil-qorti pendenti fil-31 ta' Diċembru 2006 fir-rigward tal-korrezzjonijiet finanzjarji għan-nefqa tal-Garanzija ta' l-EAGGF u kawżi tal-qorti oħrajn dwar in-nefqa agrikola.

It-tneħħija tal-faċilitajiet nukleari tal-JRC

Fl-2002 konsorzju ta' esperti indipendenti wettaq studju dwar l-ispejjeż stmati taż-żarmar tal-faċilitajiet nukleari u l-programm tal-ġestjoni ta' l-iskart tal-JRC. L-istima tagħhom ta' 1,145 miljun EUR (inklużi 76 miljun EUR bħala stima ta' l-ispiża meħtieġa għall-għażla "green field", jiġifieri d-distruzzjoni totali tal-bini kollu) hija meħuda bħala l-bażi tal-proviżjoni li għandha tiġi inkluża fil-kontijiet. Sabiex ikunu applikati kompletament ir-regoli tal-Komunitajiet, din il-proviżjoni hija indikjata għall-inflazzjoni (b'rata fissa ta' 2.5 %) u mbaġhad skontata sal-valur preżenti nett tagħha (bil-kurva ta' l-iswaps tal-kupun żero ta' l-Euro). Fil-31 ta' Diċembru 2006, dan irriżulta f'ammont għall-proviżjoni ta' 978 miljun EUR, bl-ispiża li ntefget s'issa ta' 108 miljun EUR imnaqqsa minnu, li jwassal għall-figura ta' 870 miljun EUR maqsuma bejn ammonti li hu mistenni li jintużaw fl-2006 (64 miljun EUR) u wara (806 miljun EUR).

Minħabba t-tul stmat ta' dan il-programm (madwar 30 sena), ta' min jinnota li hemm xi ftit inċertezza dwar din l-istima, u l-ispiża finali tista' tkun differenti mill-ammonti ndaħhla fil-preżent.

Dispożizzjonijiet Finanzjarji

Taħt il-Faċilità ta' Garanzija ta' l-SME 1998 implimentata bħala parti mill-Inizjattiva għat-Tkabbir u l-Impjiegi ta' l-Unjoni Ewropea u l-Faċilità ta' Garanzija 2001 implimentati bħala parti mill-Programm Multi-annwali għall-intrapriżi u l-intraprenditorija (MAP), il-Fond Ewropew għall-Investment (EIF) huwa awtorizzat li joh-roġ garanziji f'ismu iżda mhux f'isem il-Kummissjoni u għar-riskju tagħha. Ir-riskju finanzjarju marbut mal-garanziji użati u mhux użati huwa limitat.

Fid-data tal-karta tal-bilanċ, id-dispożizzjonijiet finanzjarji taż-żewġ faċilitajiet jikkorrispondu ma' l-obbligi tal-ħlas lill-intermedjarji finanzjarji wara li jkunu tnaqqsu l-pretensjonijiet netti ta' ħlasijiet magħmula sa dik id-data. Minħabba l-valur fiż-żmien tal-flus, proviżjonijiet finanzjarji għat-tul huma skontati sal-valur nett preżenti tagħhom (bl-użu tal-kurva ta' l-iswaps tal-kupun żero ta' l-Euro).

Il-proviżjonijiet finanzjarji huma aġġustati annwalment fid-dawl ta' kull varjazzjoni fl-użu ta' garanziji jew ta' kull bidla fil-pretensjonijiet netti ta' ħlas magħmula mill-intermedjarji finanzjarji. Iż-żieda totali fid-dispożizzjonijiet finanzjarji (fit-tul u għal żmien qasir) fl-2006 hija ta' 11-il miljun EUR, maqsuma fil-proviżjoni addizzjonali effettiva ta' 36 miljun EUR wara li jkunu tnaqqsu minnha l-ħlasijiet magħmula għas-sejħiet ta' garanzija li jammontaw għal 27 miljun EUR, u żieda fil-proviżjoni minħabba l-effett taż-żmien ta' 2 miljun EUR.

2.14 OBBLIGI FINANZJARJI

2.14.1 *Teħid b'self*

Din l-intestatura tinkludi ammonti ta' self dovuti mill-Komunitajiet Ewropej u li jimmatraw faktar minn sena. Il-movimenti dettaljati ta' teħid b'self fl-2006 huma kif ġej:

Teħid b'self

miljuni ta' EUR

Isem	Bilanċ fil-31.12.2005	Teħid b'self ġdid	Ħlas lura	Differenzi tal-kambju	Bidla fl-ammont kontabbli	Bilanċ fil-31.12.2006
MFA	1 086	19	(130)	0	3	978
Wara l-eliminazzjoni	1 071	19	(123)	0	2	969
EURATOM	389	51	0	0	2	442
KEFA f'likwidazzjoni	468	0	(2)	(3)	0	463
Total	1 943	70	(132)	(3)	5	1 883
Wara l-eliminazzjoni	1 928	70	(125)	(3)	4	1 874

Kif jinqasam it-teħid b'self bejn dak għat-tul u dak għal żmien qasir

miljuni ta' EUR

	Maturità < sena 1	Maturità > sena 1	Total fil-31.12.2006
Teħid b'self			
MFA	20	958	978
Wara l-eliminazzjoni	18	951	969
EURATOM	0	442	442
KEFA f'likwidazzjoni	2	461	463
Total qabel l-eliminazzjoni	22	1 861	1 883
Total wara l-eliminazzjoni	20	1 854	1 874

Teħid b'self inklużi djun ippruvati b'ċertifikati li jammontaw (wara l-eliminazzjoni) għal 1,502 miljun EUR (2005: 1,281 miljun EUR). Il-bidliet fl-ammont kontabbli jikkorrispondu għall-bidliet fl-imgħaxijiet akkumulati flimkien ma', fil-każ tat-teħid b'self tal-KEFA f'likwidazzjoni, l-amortizzazzjoni tas-sena ta' l-ispejjeż materjali tat-tranżazzjoni li jseħħu fil-bidu, ikkalkulati skond il-metodu tar-rata effettiva ta' l-imgħax.

Ir-rati ta' mgħax effettivi (espressi bħala firxa ta' rati ta' mgħaxijiet) kienu kif ġej:

Rati ta' l-imgħaxijiet effettivi fuq it-teħid b'self

Teħid b'self	31.12.2006	31.12.2005
Għajnuna Makrofinanzjarja (MFA)	3.222 % - 4.54 %	2.039 % - 4.54 %
Euratom	3.292 % - 5.6775 %	2.144 % - 5.6775 %
KEFA f'likwidazzjoni	3.0 % - 11.875 % (*)	1.625 % - 11.875 % (*)

(*) (*) il-valur ogħla marbut huwa relatat mas-self b'rata fissa kopert bl-iswap tar-rati ta' l-imgħaxijiet (ara l-punt 2.3.3.2)

2.14.2 Obbligi miżmuma biex jiġu nnegożjati

Ara l-assi miżmuma biex jiġu nnegożjati, fin-nota **2.3.3.2** aktar 'il fuq, għal aktar dettalji.

Obbligi miżmuma biex jiġu nnegożjati

<i>miljuni ta' EUR</i>		
Derivattivi	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Swaps tal-KEFA f'likwidazzjoni	8	14

2.15 OBBLIGI OĦRA GĦAT-TUL

Din il-partita tkopri obbligi ta' kiri dovuti f'aktar minn sena (ara n-nota **2.2** aktar 'il fuq) u ħlasijiet li għadhom iridu jsiru min-naħa tal-kapital ta' l-EBRD sottoskritt mill-Kummissjoni li diġà ntabab.

Inkluż taħt "Oħrajn" hawn taħt hemm ammont ta' 189 miljuni EUR relatati ma' żewġ binjiet tal-Kummissjoni li ntraw matul l-2006 — għalkemm il-prezz tax-xiri ser jitħallas f'pagamenti kull sena, dan m'huwex kuntratt ta' kiri fit-tul għaliex it-titolu għadda immedjatament għand il-Kummissjoni. Inklużi taħt "Oħrajn" hemm ukoll l-ammonti ta' **21** miljuni EUR u **12**-il miljuni EUR li jirrigwardaw rispettivament il-fond tal-pensjonijiet għal aġenti lokali li qed jaħdmu fid-delegazzjonijiet u l-fond tal-qgħad għall-aġenti temporanji. Huwa inkluż ukoll l-ammont ta' **22** miljuni EUR (2005: 42 miljuni EUR) fir-rigward ta' ħlas lura ta' spejjeż ta' investiment magħmul mill-Parlament dwar il-bini tiegħu fi Brussell.

Obbligi fit-tul oħrajn

<i>miljuni ta' EUR</i>		
	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Djun ta' kiri finanzjarju	1 534	1 773
Sottoskrizzjonijiet ta' l-EBRD	6	10
Oħrajn	480	70
Total	2 020	1 853

IV. OBBLIGI KURRENTI**2.16 PROVIŻJONIJET GĦAL ŻMIEN QASIR GĦAL RISKJI U SPEJJEŻ**

Din l-intestatura tinkludi l-porzjon ta' dispożizzjonijiet li l-ħlas tagħhom ikun dovut f'anqas minn sena.

Proviżjonijiet għal żmien qasir għal riskji u spejjeż

<i>miljuni ta' EUR</i>							
	Ammont fil- 31.12.2005	Dispożizzjonijiet addizzjonali	Ammonti mhux użati mogħtija lura	Ammonti użati	Trasferiment minn obbligi fit-tul	Skontar għall-valur preżenti	Ammont fil- 31.12.2006
Kawżi legali	16	68	0	(12)	0	0	72
Tneħħija ta' siti nukleari	51	0	0	(27)	38	2	64
Fond Veterinarju ta' Emerġenza	35	7	(3)	(4)	0	0	35
Dispożizzjonijiet Finanzjarji	154	6	0	(27)	39	1	173
Oħrajn	19	19	(2)	(1)	0	0	35
Total	275	100	(5)	(71)	77	3	379

Kawżi legali

Din hija l-istima ta' ammonti li huwa probabbli li jitħallsu wara l-2007 fir-rigward ta' numru ta' każijiet legali li jinsabu għaddejnin, flimkien ma' l-ispejjeż legali assoċjati.

Tneħħija tal-faċilitajiet nukleari tal-JRC — ara n-nota 2.13

Proviżjoni tal-Fond Veterinarju ta' Emerġenza

Din il-proviżjoni tikkonċerna l-estimi tal-kontributi tal-Komunitajiet lil diversi Stati Membri taħt il-Fond Veterinarju ta' Emerġenza għal ċerti epidemiji ta' mard ta' l-annimali, li jammontaw għal 35 miljun EUR (2005: 35 miljun EUR). L-ammont ta' 9 miljun EURi li diġà huwa miftiehem li jitħallsu huma inklużi bħala dejn dovut lill-Istati Membri.

Proviżjonijiet finanzjarji — ara n-nota 2.13

Proviżjonijiet oħrajn — Dawn jirrigwardaw il-proviżjonijiet għal vaganzi mhux meħuda mill-istaff f'diversi aġenziji u istituzzjonijiet.

2.17 OBBLIGI FINANZJARJI GĦAL ŻMIEN QASIR

Din l-intestatura tinkludi teħid b'self u obbligi finanzjarji oħra ta' 20 miljun EUR li jimmuturaw matul it-12-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċ (ara t-test u t-tabelli aktar 'il fuq, nota 2.14).

2.18 KONTIJET PAGABBLI

Kontijiet pagabbli

	<i>miljuni ta' EUR</i>	
	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Obbligi għat-tul dovuti f'inqas minn sena	60	51
Pagabbli kurrenti	24 723	15 220
Pagabbli varji	220	109
Spejjeż dovuti u dħul pospost	69 077	67 148
Total	94 080	82 528

2.18.1 *Obbligi għat-tul li huma dovuti f'inqas minn sena*

Din l-intestatura tinkludi ammonti li l-ħlas tagħhom huwa dovut f'inqas minn sena, l-aktar djun tal-kiri għat-tul dovuti f'inqas minn sena (28 miljun EUR). Tinkludi wkoll 21.9 miljun EUR (2005: 21.4 miljun EUR) li jirrigwardaw rimborsi ta' spejjeż ta' investiment magħmul mill-Parlament dwar il-bini tiegħu fi Brussell.

Obbligi għat-tul li huma dovuti f'inqas minn sena

	<i>miljuni ta' EUR</i>	
	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Djun ta' kiri finanzjarju	28	30
Oħrajn	32	21
Total	60	51

2.18.2 *Pagabbli kurrenti*

Pagabbli kurrenti

	<i>miljuni ta' EUR</i>	
Tip	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Stati Membri	22 943	15 335
EFTA	9	9
Stati Terzi	151	175
Fornituri u oħrajn	2 728	1 351
Fejn l-eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata	(1 108)	(1 650)
Total	24 723	15 220

Il-pagabbli kurrenti jikkonċernaw l-aktar dikjarazzjonijiet ta' spejjeż riċevuti mill-Komunitajiet fil-qafas ta' l-attivitatiet ta' għoti. Huma kkreditati għall-ammont pretiż mill-mument li tkun riċevuta l-pretensjoni. Jekk il-kontroparti jkun Stat Membru, ikunu kklassifikati bħala tali. L-istess proċedura tintuża għall-fatturi u noti ta' kreditu riċevuti f'attivitatiet ta' akkwist.

L-għoti ta' għotjiet taħt l-oqsma differenti ta' politika hija l-attività ewlenija tal-Komunitajiet Ewropej. Iċ-ċiklu normal ta' l-implimentazzjoni ta' għotja jista' jitqassar kif ġej: tittieħed deċiżjoni ta' ffinanzjar, segwita minn impenn baġitarju (riżerva ta' fondi fil-baġit), segwita mill-iffirmar tal-kuntratt bejn il-Komunitajiet u l-benefiċjarju (għalkemm is-sekwenza tista' tvarja pereżempju fil-każ tal-fondi strutturali). Imbagħad jista' jsir ħlas ta' prefinanzjament, maħsub sabiex jipprovdil lill-benefiċjarju bi float.

Il-ħlasijiet li imiss (interim jew finali) huma maħsuba biex jirrimborsaw l-infiq li jkun għamel il-benefiċjarju fuq il-bażi tad-dikjarazzjoni ta' l-infiq meta l-azzjoni tkun għadha għaddeja. In-nefqa tista' tiċċara l-ammont tal-prefinanzjament kompletament jew parzjalment.

Dikjarazzjonijiet ta' spejjeż jintbagħtu mill-benefiċjarji, li l-Komunitajiet għandhom janalizzaw, meta jħarsu lejn l-eliġibilità ta' l-ispejjeż, flimkien ma' l-ikklerjar possibbli ta' l-ammont tal-prefinanzjament. Ir-ritmu ta' dawn il-pretensjonijiet ta' spejjeż matul is-sena huwa varjabbli u jiddependi fuq it-tip ta' azzjoni li tkun qed tiġi ffinanzjata u l-kundizzjonijiet kuntrattwali, u mhux neċessarjament jiġu riċevuti fl-aħħar tas-sena. Id-dikjarazzjonijiet ta' l-infiq riċevuti għandhom ikunu reġistrati immedjatament bħala pagabbli kurrenti filwaqt li l-entrata tal-kontroparti tkun "L-eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata".

Il-kriterji ta' l-eliġibilità jstgħu jiġu definiti fl-att bażiku, fis-sejħiet għall-proposti, f'dokumenti oħra ta' informazzjoni għall-benefiċjarji ta' l-għotjiet u/jew fil-klawsoli kuntrattwali tal-ftehimiet ta' għotja. Wara l-analiżi, l-ispejjeż eliġibbli jitpoġġew ma' l-ispejjeż u l-benefiċjarju jiġi infurmat dwar kull ammonti mhux eliġibbli. Ammonti li għalihom "l-eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata" għalhekk jirrappreżentaw pretensjonijiet ta' spejjeż li għalihom l-eliġibilità ma tkunx għadha ġiet ikkonfermata u għalhekk fejn l-avveniment li jwassal għar-realizzazzjoni tagħhom bħala spiża jkun għadu ma ntlaħaqx.

Il-pretensjonijiet ta' spejjeż ikkonċertati ittieħdu f'kunsiderazzjoni fil-proċeduri ta' l-għeluq fl-aħħar tas-sena (ara n-nota aktar **2.18.4** aktar 'l isfel). Wara dawn l-entrati finali, ammonti eliġibbli stmati għalhekk ġew irreġistrati bħala spejjeż akkumulati, filwaqt li l-partijiet mhux eliġibbli jibqgħu miftuħa fil-kontijiet fejn "l-eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata". Sabiex ma tingħatax stima għolja żżejjed ta' l-assi u l-obbligi, ġie deċiż li jiġi ppreżentat l-ammont nett li għandu jitħallas taħt l-obbligi kurrenti.

Ta' min jinnota li taħt l-intestatura ta' l-infiq operattiv fl-2006 hemm inklużi aġġustamenti li jammontaw għal 206 miljun EUR li saru rigward l-ammonti pagabbli ta' l-2005 li kienu ġew dikjarati żejda għal Direttorat Ġenerali partikolari. Dawn l-aġġustamenti ma setgħux isiru fil-kontijiet ta' l-2005 għaliex l-ammonti ma kinux kwantifikabbli dak iż-żmien (ara wkoll in-nota **E3.3**).

Stati Membri

L-ammonti primarji hawn kienu jirrigwardaw pretensjonijiet ta' spejjeż mhux imħallsa għal azzjonijiet tal-fond strutturali u wkoll EUR 7.4 biljun dovuti lura lill-Istati Membri wara l-baġit ta' korrezzjoni (6) li sar fl-aħħar ta' l-2006 (2005: EUR 3.8 biljun.) Iż-żieda mis-sena l-oħra tista' tiġi spjegata bi tnaqqis fl-appropriazzjonijiet għall-ħlas ta' EUR 4.7 biljun, żieda fid-dħul varju ta' EUR 1.05 biljun (partikolarment il-multi), u wkoll id-dħul fil-baġit tal-bilanċi fil-VAT/DGN ta' EUR 1.5 biljun.

Pajjiżi ta' l-EFTA

Ammonti dovuti lill-pajjiżi ta' l-EFTA, li jinkludu l-figuri tar-riżultat tat-tweittiq tal-baġit tas-sena kurrenti u tas-snin ta' qabel iżda l-aktar il-bilanċ fuq il-kont kurrenti ta' l-EFTA.

Fornituri u oħrajn

Minbarra l-ammonti li jirrigwardaw l-attivitatiet ta' għotjiet, huma inklużi wkoll taħt din l-intestatura ammonti dovuti lill-attivitatiet ta' akkwisti li ġejjin. Din l-intestatura tkopri wkoll ammonti pagabbli li diversi entitajiet pubbliċi (universitajiet, istituti, kmamar tal-kummerċ, in-Nazzjonijiet Uniti, il-BĊE, eċċ) u entitajiet mhux konsolidati, inkluż l-EDF.

Fejn l-eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata

Wara d-dovuti ta' l-aħħar tas-sena, jibqa' EUR 1.1 biljun miftuħa bħala li "l-eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata" fuq pretensjonijiet ta' spejjeż fil-qasam ta' attivita' ta' għotja. L-ammonti l-aktar importanti jirrigwardaw id-DG REGIO (566 miljun EUR), id-DG EMPL (210 miljun EUR), id-DG AGRI (118-il miljun EUR), id-DG INFSO (89 miljun EUR) u id-DG EAC/EACEA (55 miljun EUR). Dawn l-ammonti u l-bilanċ li jibqa' "fejn l-eliġibilità għadha trid tiġi kkonfermata" (62 miljun EUR) jirrigwardaw parti mit-talbiet għal rimborż li saru u li tqiesu mhux eliġibbli.

Jibqa' miftuħ bilanċ ta' 8 miljun EUR bħala "fatturi li għadhom iridu jiġu kkontrollati" l-aktar fil-qafas ta' l-attivitajiet ta' appalt. Dawn jikkonċernaw fatturi rċevuti u talbiet għal rimborż, li l-fattura tagħhom għadha trid tiġi titqabbal mal-prodotti kkonsejati jew is-servizzi mogħtija, u talbiet għal prefinanzjament.

2.18.3 Pagabbli varji

L-ammont ta' 9 miljun EUR (2005: 6 miljun EUR) li għandhom jitħallsu lil Stati Membri varji inkluż taħt din l-intestatura jirrigwarda pretensjonijiet għal rimborż ta' ċerti spejjeż fir-rigward ta' l-eradikazzjoni tal-mard. Huma inklużi wkoll ammonti ta' kofinanzjament ta' 32 miljun EUR (2005: 30 miljun EUR) riċevuti mill-Istati Membri għall-parteċipazzjoni tagħhom f'xi proġetti ta' żvilupp. L-ammonti li jikkorrispondu huma inklużi wkoll taħt flus likwidi u ekwivalenti. Din is-sena hemm inklużi wkoll ammont ta' 37 miljun EUR relatati ma' ħlasijiet lura kmieni li saru minn żewġ benefiċjarji ta' self MFA.

2.18.4 Spejjeż dovuti u dħul pospost

Spejjeż dovuti u dħul pospost

	<i>miljuni ta' EUR</i>	
	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Spejjeż akkumulati	68 937	66 685
Dħul pospost	26	79
Oħrajn	114	384
Total	69 077	67 148

L-aktar ammonti sinifikanti ta' spejjeż akkumulati jirrappreżentaw spejjeż akkumulati li jirrigwardaw in-nefqa ta' l-EAGGF-Garanzija. Fil-31 ta' Diċembru 2006 dawn kienu jammontaw għal EUR 45.2 biljuni meta mqabbla ma' EUR 49.1 biljuni s-sena ta' qabel: EUR 26.6 biljun (EUR 25.1 biljun fl-2005) ikopru spejjeż li saru bejn is-16 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru 2006 li kienu ddikjarati mill-Istati Membri u mħallsa f'Janar u Frar 2007, EUR 16.7 biljun (EUR 23.5 biljun fl-2005) ikopru miżuri tas-suq li jinkludu għajjuna diretta (din tikkonsisti f'intitolamenti li saru fl-2006 b'konsegwenzi finanzjarji fl-2007) l-iżvilupp rurali (dan jikkonsisti f'infiq eliġibbli li sar mill-operaturi jew mill-awtoritajiet tal-ħlas sal-31 ta' Diċembru 2006, li tkun għadha ma saritx talba ta' ħlas għalih lill-Kummissjoni), EUR 0.6 biljun (EUR 0.5 biljun fl-2005) jirrappreżentaw intervent fil-kapital.

Ammont sinifikanti ieħor jirrappreżenta spejjeż akkumulati għall-fondi strutturali: fil-31 ta' Diċembru 2006 EUR 12.2 biljun għall-FEDER 2000-2006, ISPA, azzjonijiet innovattivi (EUR 7.9 biljun fl-2005), EUR 5.6 biljun għall-FSE (EUR 5.1 biljun fl-2005). L-ammont li baqa' ta' EUR 5.8 biljun (EUR 4.5 biljun fl-2005) ikopru spejjeż akkumulati għal linji ta' politika oħrajn, li l-aktar waħda sinifikanti fosthom hija ż-żona ta' Riċerka li bejn wieħed u ieħor tammonta għal EUR 1.7 biljun fl-2006.

Taħt l-intestatura ta' l-infiq operattiv fl-2006 hemm inklużi aġġustamenti li jammontaw għal EUR 313-il miljun EUR li saru rigward l-ispejjeż akkumulati sal-31 ta' Diċembru 2005 li kienu ġew dikjarati żejda għal Direttorat Ġenerali partikolari. Dawn l-aġġustamenti ma setgħux isiru fil-kontijiet ta' l-2005 għaliex l-ammonti ma kinux kwantifikabbli dak iż-żmien (ara wkoll in-nota E3.3).

It-tnaqqis fid-dħul pospost huwa riżultat ta' sitwazzjoni speċifika fl-aħħar tas-sena li għadha li tikkonċerna Direttorat Ġenerali wieħed u li ma reġġhetx ivverifikat ruħha.

V. ASSI NETTI

2.19 RIŻERVI

Riżervi

	<i>miljuni ta' EUR</i>	
	Bilanċ fil- 31.12.2006	Bilanċ fil- 31.12.2005
Riżerva tal-valur ġust	4	81
Riżervi oħra:	2 851	2 727
Fond ta' garanzija	1 253	1 231
Riżerva ta' rivalutazzjoni	57	57
Attivitajiet ta' għoti u teħid b'self	1 459	1 439
Oħrajn	82	0
Total	2 855	2 808

2.19.1 *Riżerva tal-valur ġust*

F'konformità mar-regoli tal-kontabilità, l-aġġustament għall-valur ġust ta' assi disponibbli għall-bejgħ huma rreġistrati fir-riżerva tal-valur ġust.

2.19.2 *Riżervi oħrajn***Fond ta' garanzija**

Ara wkoll in-nota 2.3.2 dwar l-operat tal-Fond ta' Garanzija. Din ir-riżerva tirrifletti il-mira ta' 9 % mill-ammonti pendenti garantiti mill-Fond li għandhom jinżammu bħala assi. Kif dikjarat qabel, kull bilanċ ta' l-assi tal-Fond aktar minn dan l-ammont immirat ta' 9 % jitħallsu lura fil-baġit.

Riżerva ta' rivalutazzjoni

Ir-riżerva tar-rivalutazzjoni tinkludi r-rivalutazzjonijiet ta' l-assi fissi tanġibbli u intanġibbli. Il-bilanċ fl-aħħar tas-sena ta' 57.1 miljun EUR jirrigwarda r-rivalutazzjoni ta' l-art u l-bini tal-Kummissjoni, li kienet diġà seħet qabel it-tranżizzjoni għar-regoli l-ġodda ta' kontabilità.

Riżerva ta' l-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self

Dawn l-ammonti jinkludu r-riżervi li jirrigwardaw l-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self tal-Komunitajiet. L-ammont prinċipali jirrigwarda primarjament ir-riżervi tal-KEFA f'likwidazzjoni.

Oħrajn

Din ir-riżerva tikkonċerna żewġ aġenziji, li waħda minnhom ġiet ikkonsolidata għall-ewwel darba fl-2006.

2.20 **AMMONTI LI GĦANDHOM JINĠABRU MILL-ISTATI MEMBRI**

Dan l-ammont jirrappreżenta l-ispejjeż żejda li diġà għamlu l-Komunitajiet sal-31 ta' Diċembru 2006 li jridu jitħallsu minn baġits futuri. Huwa rriżulta mill-applikazzjoni tal-metodi ta' kontabilità bbażata fuq id-dovuti, li saret għall-ewwel darba fl-2005, li huma differenti mir-regoli tal-kontabilità bbażata fuq il-ħlasijiet użata fit-tħejija tal-kontijiet tal-baġit. Il-kontabilità bbażata fuq id-dovuti tirrikonoxxi spejjeż fil-perjodu li għalih jirrelataw indipendentement minn jekk il-ħlas fil-fatt ikunx sar, filwaqt li l-metodu tal-kontabilità bbażata fuq il-ħlasijiet tirreġistra t-tranżazzjoni biss meta jsir il-ħlas. Fuq il-bażi ta' dawn ir-regoli, il-Komunitajiet għandhom jevalwaw u jirrikonoxxu fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom l-infiq li għandu jiġi ffinanzjat mill-baġit ġenerali iżda li jkun għadu ma ġiex iddikjarat sa l-aħħar tas-sena. B'hekk bosta spejjeż jiġu rikonoxxuti skond ir-regoli tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti fis-sena N għalkemm dawn fil-fatt jistgħu jitħallsu fis-sena N+1 permezz tal-baġit tas-sena N +1. Madankollu, il-Komunitajiet huma intitolati li jiġbru riżorsi biss mill-Istati Membri meta jkun jenħtieġu l-flus sabiex iħallsu ammont dovut, sabiex jagħtu lill-Istati Membri l-akbar flessibilità possibbli fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tagħhom. Din l-inklużjoni fil-kontijiet ta' l-obbligi tal-Komunitajiet flimkien mal-fatt li l-ammonti li jikkorrispondu magħhom huma ffinanzjati minn baġits futuri wasslet biex ikun hemm ħafna aktar obbligi milli assi fl-aħħar tas-sena.

L-eżistenza ta' assi netti negattivi tenfasizza d-differenza bejn il-kontabilità bbażata fuq il-ħlasijiet u l-kontabilità bbażata fuq id-dovuti għal entità li tkun iffinanzjata skond il-ħtiġijiet tal-flussi tal-likwidità tagħha. Dan ma jhux f'kunsiderazzjoni l-obbligu ta' l-Istati Membri sabiex jipprovdi r-riżorsi neċessarji fil-futur sabiex jitħallsu l-ispejjeż li jkunu saru meta jkunu dovuti. Wieħed għandu jiftakar li l-Komunitajiet ma jistgħux jagħmlu ħlas sakemm dan ma kienx previst fil-baġit u n-nefqa kollha tal-baġit hija koperta minn dħul ibbaġittjat mill-Istati Membri.

L-aktar ammonti sinifikanti li għandhom jiġu enfasizzati huma l-attivitajiet ta' l-EAGGF-Garanzija. L-ammont tal-ħlasijiet dovuti lill-Istati Membri għall-perjodu mis-16 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2006 kien ta' EUR 26.6 biljun. Din hija spiża skond ir-regoli tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti fis-sena 2006 u għalhekk kienet rikonoxxuta taħt l-ispejjeż dovuti bħala tali. Madankollu, dan l-ammont huwa kopert mill-baġit ta' l-2007 u fil-fatt tħallas f'Janar u Frar 2007, ġie rikonoxxut fil-kontijiet baġitarji bħala ħlas għall-2007 (l-ebda entrata fil-kontijiet tal-baġit ma kienet saret fis-sena 2006).

Għandu wkoll impatt fuq din iċ-ċifra l-ammont ta' l-obbligu tal-pensjoni tal-Kummissjoni fir-rigward ta' l-istaff tagħha — fil-31 ta' Diċembru 2006, dan l-ammont kien smat li huwa EUR 32.2 biljun. Dan l-ammont mhux se jitħallas kollu f'sena waħda, iżda l-ħlasijiet tal-pensjonijiet jingħataw b'mod regolari lill-istaff meta dawn ikun imisshom kull xahar. Dawn il-ħlasijiet huma għalhekk koperti mill-baġit futur tas-sena li fiha jitħallsu.

Il-biċċa l-kbira ta' l-ammonti li għandhom jingħabru fil-fatt jitħallsu mill-Istati Membri fanqas minn 12-il xahar wara t-tmiem tas-sena finanzjarja kkonċernata bħala parti mill-baġit tas-sena ta' wara. Essenzjalment huwa biss l-ammont tal-pensjonijiet li jitħallas fuq perjodu itwal, permezz tal-kontribuzzjoni annwali ta' l-Istati Membri fil-baġit. Il-qsim ta' l-ammonti li għandhom jingħabru mill-Istati Membri fil-futur huwa kif ġej:

<i>miljuni ta' EUR</i>	
	Bilanċ
Ammonti li għandhom jingħabru fis-snin li ġejjin mill-Istati Membri fil-31/12/2005	64 953
Ritorn tal-bilanċ tal-baġit 2005 lill-Istati Membri	2 410
Moviment fir-Riżerva ta' Garanzija	22
Movimenti oħra fir-riżervi	(145)
KEFA f'likwidazzjoni: allokazzjoni tar-riżultat ta' l-2005	30
Riżultat ekonomiku (bilanċ) għas-sena	(197)
Ammonti totali li għandhom jingħabru mill-Istati Membri fil-31/12/2006	67 073

Ta' min jinnota wkoll li dan ta' hawn fuq m'għandu l-ebda effett fuq ir-riżultat tal-baġit — id-dħul tal-baġit għandu dejjem ikun daqs in-nefqa tal-baġit ladarba kwalunkwe dħul żejjed jingħataw lura lill-Istati Membri.

3. NOTI GĦALL-KONT TAR-RIŻULTAT EKONOMIKU

3.1 DĦUL OPERATTIV

Id-dħul operattiv tal-Komunitajiet Ewropej jista' jinqasam f'żewġ kategoriji: riżorsi proprji u dħul ieħor. Il-parti ewlenija tan-nefqa hija ffinanzjata minn riżorsi proprji, dħul ieħor jirrappreżenta biss parti żgħira mill-finanzjament totali.

DĦUL OPERATTIV

<i>EUR miljuni</i>			
	Note	2006	2005
DĦUL OPERATTIV	3.1.1	102 588	101 144
Riżorsi tad-DGN		70 134	70 861
Riżorsi tal-VAT		17 207	16 018
Ir-riżorsi proprji tradizzjonali:			
Dazji agrikoli		1 300	1 311
Dazji doganali		13 764	12 252
Imposti fuq iz-zokkor		183	702

	Note	2006	2005
EUR miljuni			
AĠĠUSTAMENTI TAL-BAĠIT	3.1.2	2 395	2 606
KONTRIBUZZJONIJIET TA' PAJJIŻI TERZI (INKLUŻI PAJJIŻI TA' L-EFTA)		135	214
MULTI		2 217	719
IMPOSTI AGRIKOLI	3.1.3	1 695	447
IRKUPRU TA' SPEJJEŻ	3.1.4	1 296	939
Ġestjoni ċentralizzata diretta		50	59
Ġestjoni ċentralizzata indiretta		(22)	41
Il-ġestjoni deċentralizzata		8	(4)
Ġestjoni maqsuma		1 244	843
Ġestjoni konġunta		16	0
DĦUL MINN OPERAZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI	3.1.5	982	895
Il-Persunal		856	779
Dħul relatat ma' assi fissi		23	43
Dħul ieħor amministrattiv		103	73
DĦUL OPERATTIV IEĦOR	3.1.6	2 178	926
Aġġustamenti/ proviżjonijiet		43	4
Profitti mill-kambju		111	414
Oħrajn		2 024	508
TOTAL		113 486	107 890

3.1.1 Dħul mir-riżorsi proprji

Hemm tliet kategoriji ta' riżorsi proprji: riżorsi proprji tradizzjonali, ir-riżorsa tal-VAT u r-riżorsa tal-GNI. Riżorsi proprji tradizzjonali, fihom infishom jinkludu d-dazji agrikoli, l-imposti fuq iz-zokkor u d-dazji doganali. Mekkaniżmu ta' korrezzjoni fir-rigward ta' żbilanċi baġitarji (ir-Rifużjoni tar-RU) huwa wkoll parti mis-sistema tar-riżorsi proprji. L-Istati Membri għandhom iżommu, bħala spejjeż tal-ġbir, 25 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali.

Riżorsi proprji tal-VAT jiġu mill-applikazzjoni ta' rata uniformi, għall-pajjiżi kollha, mal-bażi armonizzata tal-VAT, bażi li ma tistax taqbeż il-50 % tal-GNI għall-Istati Membri kollha. Ir-riżorsa tal-GNI hija riżorsa varjabbli maħsuba sabiex tforni d-dħul meħtieġ, f'kull sena, sabiex tiġi koperta n-nefqa li taqbeż l-ammont miġbur mir-riżorsi proprji tradizzjonali, riżorsi tal-VAT u dħul mixxellanju. Id-dħul jiġi mill-applikazzjoni ta' rata uniformi mal-GNI aggregat ta' l-Istati Membri kollha.

Għandu jkun innutat li l-korrezzjonijiet magħmula fl-2006 li jirrigwardaw il-perjodu 1995-2005 għar-riżorsi tad-DGN kienu ta' 1,530 miljun EUR. Min-naħa l-oħra, il-korrezzjonijiet li jirrigwardaw il-perjodu 1991-2005 għar-Riżorsi tal-VAT kienu ta' EUR -13.6 miljun EUR. Dawn il-korrezzjonijiet għandhom l-istess impatt fil-kontijiet tal-baġit.

3.1.2 Aġġustamenti tal-baġit

L-aġġustamenti tal-baġit jinkludu l-bilanċi pożittivi tal-baġit mill-2005 (EUR 2.41 biljun) li jiġi rifuż indirettament lill-Istati Membri permezz ta' tnaqqis ta' l-ammonti li huma għandhom jittrasferixxu lill-Komunità fis-sena ta' wara — għaldaqstant dan huwa dħul għall-2006.

Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2000/597 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit jingħata korrezzjoni fir-rigward ta' l-iżbilanċi baġitarji. Ladarba dan l-ammont huwa ffinanzjat mill-Istati Membri l-oħra m'għandu jkun hemm l-ebda effett nett fuq ir-riżultat ekonomiku jew ir-riżultat ta' l-eżekuzzjoni tal-baġit. Madankollu, ammont negattiv ta' (15-il miljun EUR) ġie rreġistrat taħt din l-intestatura. Dan l-ammont huwa spjegat permezz tad-differenzi fir-rata ta' l-Euro użati għall-fini tal-baġit (ara l-Artikolu 10 (3) tar-Regolament Nru 1150/2000) u r-rati fis-seħħ fiż-żmien meta daww l-Istati Membri li ma jiffurmaxw parti mill-EMU effettivament għamli l-ħlas tagħhom.

3.1.3 *Imposti agrikoli*

Dawn l-ammonti jirrigwardaw l-imposti tal-ħalib ta' 436 miljun EUR (2005: 447 miljun EUR) u l-imposti taz-zokkor ta' 1,259 miljun EUR. L-ammont ta' 447 miljun EUR dwar l-imposti tal-ħalib ta' l-2005 oriġinarjament kien ġie kklassifikat taħt l-intestatura "irkupru ta' l-ispejjeż" fil-kontijiet ta' l-2005.

Għandu jkun innutat li l-"imposti taz-zokkor" hawnhekk huma dħul speċifiku li jirrigwarda r-ristrutturar tas-settur taz-zokkor, li huwa separat mill-imposti taz-zokkor trattati bħala dħul minn riżorsa proprja aktar 'il fuq. Fil-qafas ta' l-istabbiliment tal-baġit tal-KE ta' l-2007, ammont ta' 1,259 miljun EUR ittieħdu in kusiderazzjoni għall-partita assenjata tad-dħul "ammonti temporanji ta' ristrutturar". Id-dħul assenjat jiġi awtomatikament trasferit 'il quddiem matul is-sena ta' wara skond l-Artikolu 10 tar-Regolament Finanzjarju u jintefaq matul is-snin ta' wara skond ir-Regolament (KE) nru 320/2006. L-intitolament għall-ħlas mill-FEAGA nħoloq fl-2006 permezz tar-Regolament (KE) nru 320/2006 imsemmi aktar 'il fuq, u l-ammont totali tad-dħul assenjat (ammonti temporanji ta' ristrutturar miġbura) se jintefqu fuq ir-ristrutturar tas-settur taz-zokkor.

3.1.4 *Rkupru ta' spejjeż*

L-eġibiltà ta' nfiq attribwit għall-baġit tal-Kummissjoni hija vverifikata mis-servizzi tal-Kummissjoni, jew fil-każ tal-ġestjoni kondiviża, mis-servizzi ta' l-Istati Membri, fuq il-bażi tad-dokumenti ta' appoġġ stipulati fir-regoli applikabbli jew il-kundizzjonijiet ta' kull għotja. Bil-għan ta' l-ottimizzazzjoni tar-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji tas-sistemi ta' kontroll, kontrolli tad-dokumenti ta' appoġġ għat-talbiet finali għandhom it-tendenza li jkunu aktar intensivi minn dawk fuq talbiet proviżorji, u jistgħu jidentifikaw żbalji fi ħlasijiet proviżorji li jkunu korretti mill-aġġustament fil-ħlas finali. Minbarra dan, il-Kummissjoni u/jew l-Istat Membru għandhom id-dritt li jivverifikaw il-korrettezza tad-dokumenti ta' appoġġ billi jagħmlu kontrolli fl-uffiċċji ta' dawk li jagħmlu t-talbiet, matul l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni ffinanzjata u/jew ex-post. Żbalji misjuba matul il-perjodu ta' implimentazzjoni jistgħu jiġu korretti permezz ta' aġġustament tat-talbiet sussegwenti, kif permess taħt l-Artikolu 20 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 14 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni. Żbalji misjuba ex-post se jkunu suġġetti għal ordni ta' rkupru.

Din l-intestatura fil-kontijiet tirrappreżenta l-ordnijiet ta' rkupru maħruġa u rreġistrati fil-kotba tal-Kummissjoni għall-irkupru ta' ammonti li kienu mħallsa qabel mill-baġit ġenerali, abbażi ta' kontrolli, verifiki magħluqa jew analiżi ta' l-eliġibilità, flimkien ma ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Istati Membri lill-benefiċjarji ta' l-infiq ta' l-EAGGF Garanzija. Hija ma turix għal kolloxx l-irkupri magħmula fuq infiq tal-KE, partikolarment għall-oqsma ta' nfiq sinifikanti ta' l-Agricoltura u l-Azzjonijiet Strutturali, fejn hemm mekkaniżmi speċifiċi maħsuba biex jiżguraw ir-ritorn ta' flus li ma kienux hemm eliġibilità għalihom, li l-biċċa l-kbira minnhom ma jinvolvux il-ħruġ ta' ordni ta' rkupru. Minbarra dan, għall-Fondi Strutturali, l-irkupri ma sarux biss mill-Kummissjoni iżda wkoll mill-Istati Membri nfushom li qed jimplementaw l-infiq ikkonċernat — f'dan il-każ l-irkupru m'għandux impatt fuq il-kontijiet tal-Komunitajiet.

Is-sistemi ta' kontroll applikati għall-infiq tal-Kummissjoni huma tali li korrezzjonijiet jistgħu u qed isiru fil-futur għal ammonti mħallsa mill-Kummissjoni Ewropea f'kull sena tal-baġit. Dawn il-korrezzjonijiet jid-daħħlu fil-kontijiet jekk l-ammont ta' nefqa eliġibbli, kif definit minn kontrolli jew verifiki li jsiru wara, huwa anqas mill-ammont ta' nfiq eliġibbli akkumulat rikonnoxxut fil-bidu mill-Kummissjoni.

L-iskemi eteroġenji ta' għajjnuna tal-Kummissjoni jagħmlu l-preżentazzjoni ta' l-istampa globali ta' l-irkupru ta' l-ispejjeż diffiċli. L-irkupru ta' l-ispejjeż u l-proċedura relatata ta' kontabilità huma differenti skond it-tip ta' azzjoni jew ta' ġestjoni.

Għal operazzjonijiet li jwasslu għal ħlas lura lill-Kummissjoni mill-benefiċjarju finali, pajjiż terz jew Stat Membru, l-ordnijiet ta' rkupru ġew stabbiliti u kkontabilizzati. Dawn l-ammonti, li huwa mistenni li jiġu rkuprati fl-aħħar tas-sena, ibbażati l-aktar fuq verifiki magħluqa, verifiki ta' l-eliġibilità jew żbalji aċċettati, jirrigwardaw jew:

- irkupru ta' prefinanzjament (229 miljun EUR) — f'dan il-każ l-ammont huwa inkluż taħt l-intestatura tal-prefinanzjament; jew
- irkupru ta' spejjeż (723 miljun EUR). Għal dawn it-tipi ta' rkupri u skond ir-regoli tal-kontabilità tal-KE, jekk l-ordni ta' rkupru ssir qabel il-ħlas ta' l-aħħar pagament ta' l-għotja, hija tirriżulta friċevibbli mir-riċipjent bi tnaqqis li jikkorrispondi magħha fl-ispejjeż għal dik is-sena. Jekk, madankollu, l-ordni ta' rkupru tinħareġ wara l-aħħar pagament, hija tirriżulta friċevibbli u l-entrata li tikkorrispondi magħha tkun dħul fil-kont tar-riżultat ekonomiku (taħt l-intestatura "irkupru ta' spejjeż" għal dik is-sena).

Meta l-proċedura mal-pajjiż terz ma tkunx tlestiet, tinħareġ previżjoni tad-dħul bl-aħjar stima ta' l-ammont li għandu jiġi rkuprat, għalkemm dan m'għandux impatt fuq ir-rekords ġenerali tal-kontabilità (ara l-assi kontinġenti **E 5.4**).

Dan li ġej huwa ħarsa globali lejn l-irkupri matul l-2006 ta' fondi maħruġa qabel mill-baġit tal-Komunitajiet:

Miljuni ta' EUR

Deskrizzjoni	Total ta' ordnijiet ta' rkupru maħruġa fl-2006	Ordnijiet ta' rkupru fuq irkupru ta' spejjeż		Ordnijiet ta' rkupru fuq prefinanzjamenti	Ammonti totali rkuprati fl-2006	Ammonti totali rkuprati fl-2006 spejjeż	Ammonti totali rkuprati fl-2006 prefinanzjamenti
		Registrati bħala dħul	Registrati bħala spejjeż				
Azzjonijiet strutturali	695	560	65	70	394	344	50
Politika interna	85	16	2	67	106	39	67
Azzjonijiet Esterni	172	50	30	92	192	102	90
TOTAL	952	(*) 626	97	229	692	485	207
		723					

(*) * Dan l-ammont huwa inkluż fl-intestatura Irkupru ta' l-Ispejjeż fil-Kont tar-Riżultat Ekonomiku

Rkupru ta' l-ispejjeż: Ġestjoni maqsuma

It-total ta' 1,244 miljun EUR inklużi taħt din is-sotto-intestatura jikkonsisti f'684 miljun EUR li jirrigwardaw il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (EAGGF) u 560 miljun EUR għall-Azzjonijiet tal-Fond Strutturali.

(a) EAGGF

Fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni, l-ammonti kkontabilizzati bħala dħul għas-sena taħt din l-intestatura jirrigwardaw infiq negattiv matul is-sena u dħul dovut. B'kolloxx, id-dħul ta' l-EAGGF inkluż taħt din l-intestatura ammonta għal 684 miljun EUR, maqsuma kif ġej:

- Dħul dovut għal ammont ta' 512 miljun EUR li jirrigwarda l-EAGGF ġie kkontabilizzat hawn bħala korrezzjoni ta' konformità, li huma deċiżjonijiet ta' konformità li ma jkunux għadhom ġew eżegwiti fi tmiem is-sena.
- 89 miljun EUR ta' dħul ta' l-EAGGF li jirrigwardaw ħlas lura dovut għal frodi u irregolaritajiet u rkupri minn korrezzjonijiet ta' konformità għal Novembru u Diċembru 2006.
- Dħul dovut ieħor fi tmiem is-sena minn dħul assenjat minn frodi u irregolaritajiet u korrezzjonijiet ta' konformità li jammonta għal 172 miljun EUR (Baġit N + 1).
- Infiq negattiv matul is-sena li jammonta għal 376 miljun EUR, l-aktar ammonti riċevuti minn frodi u irregolaritajiet u rkupri wara verifiki.
- Il-bilanċ huwa madankollu mnaqqas b'465 miljun EUR li huma t-tnaqqis fl-ammonti pendenti fi tmiem is-sena li huma stmati li jiġu riċevuti fir-rigward ta' frodi u irregolaritajiet; 1,009 miljun EUR imqabbla ma' 1,474 miljun EUR fi tmiem l-2005 — ara n-nota **E 2.10.2.2**.

Fil-31 ta' Diċembru 2006, l-ammont ta' nfiq ta' l-EAGGF Garanzija suġġett għal korrezzjonijiet futuri wara verifiki li ma kinux għadhom finalizzati huwa ta' EUR 1.25 biljun. Dan l-ammont huwa meqjus bħala ass kontinġenti barra mill-karta tal-bilanċ (ara n-nota **E 5.4**).

(b) Azzjonijiet tal-Fond Strutturali

B'kolloxx, id-dħul tal-Fond Strutturali mill-irkupru ta' l-ispejjeż inkluż taħt din l-intestatura ammonta għal 560 miljun EUR. Minn dan it-total, 418 miljun EUR jirrigwardaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-2005 li tnaqqas l-assistenza mogħtija mill-ERDF lil Stat Membru wieħed. Dan kelli jiġi inkluż fil-kontijiet ta' l-2005 bħala rkupru ta' spejjeż, iżda ma ġiex — u għalhekk l-istess intestatura fil-kontijiet ta' l-2005 kellha dan l-ammont nieqes (ara wkoll in-noti **E2.6** u **E2.10.2**).

L-ordnijiet ta' rkupru jinħarġu mill-Kummissjoni, u l-ħlas lura jiġi muri fil-kontijiet biss fil-każijiet li ġejjin:

- deċiżjonijiet formali ta' korrezzjoni finanzjarja wara li tkun ġiet identifikata nefqa irregolari fl-ammonti mitluba mill-Istati Membri (tnaqqis tal-kontribuzzjoni ta' l-UE għal programm taħt l-Artikolu 24(2) tar-Regolament 4253/88 jew l-Artikolu 39(3) tar-Regolament 1260/1999);

- aġġustamenti fl-għeluq ta' programm li jwasslu għal tnaqqis fil-kontribuzzjoni ta' l-UE fejn Stat Membru ma ddikjarax nefqa eliġibbli suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-ħlasijiet totali tal-prefinanzjament u dawk proviżorji li jkunu diġà saru; dawn l-operazzjonijiet jistgħu jkunu mingħajr deċiżjoni formali tal-Kummissjoni jekk ikunu aċċettati mill-Istat Membru;
- ħlas lura ta' ammonti rkuprati wara l-għeluq wara l-konklużjoni ta' proċedimenti legali li kienu pendenti fiż-żmien ta' l-għeluq.

F'konformità mar-regoli tal-kontabilità tal-KE, l-irkupri tal-Fondi Strutturali effettwati qabel l-għeluq ta' programm jew meta jsir dan l-għeluq huma rreġistrati kontra l-infiq. l-irkupri maħruġa wara l-għeluq biss sistematikament iżidu l-ammonti riċevibbli u din l-intestatura ta' dħul.

Bosta korrezzjonijiet finanzjarji oħra ma jirriżultawx fi ħlas lura lill-Kummissjoni iżda huma riallokati għal proġetti oħra fil-programm ta' l-Istat Membru u għalhekk ma jintwerewx bħala dħul fil-kontijiet tal-Komunitajiet:

- korrezzjonijiet finanzjarji proposti mill-Kummissjoni u aċċettati mill-Istat Membru mingħajr deċiżjoni formali tal-Kummissjoni wara li jinstab infiq irregolari fi programm li jkun għadu qed jiġi implimentat, u mnaqqa mill-ħlasijiet sussegwenti;
- aġġustamenti ma' l-għeluq li ma jwasslux għal tnaqqis fil-kontribuzzjoni tal-KE taħt l-ammont diġà mħallas lill-Istat Membru u dan jaċċetta l-korrezzjoni;
- korrezzjonijiet finanzjarji fl-għeluq jew wara l-għeluq għal infiq irregolari li ma jeċċedix limitu ta' materjalità fejn l-Istat Membru jkun iddikjara aktar infiq milli neċessarju sabiex jiġġustifika l-ħlas sħiħ dovut (l-infiq irregolari huwa kkompensat bl-infiq addizzjonali ddikjarat mingħajr ma jiġi affettwat l-ammont tal-ħlas dovut);
- korrezzjonijiet finanzjarji (kanċellazzjonijiet u/jew irkupru tal-kontribuzzjoni ta' l-UE jew parti minnha għal operazzjoni) magħmula mill-Istati Membri wara li jinstab infiq irregolari matul l-implimentazzjoni tal-programm u qabel is-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni finali ta' l-infiq (l-Istati Membri jistgħu jissostitwixxu dan l-infiq matul l-implimentazzjoni tal-programm; fl-għeluq huma jnaqqsu dan l-infiq mid-dikjarazzjoni finali, li twassal għal tnaqqis mill-Kummissjoni tal-ħlas dovut iżda mhux għal ħlas lura).

L-ammonti rkuprati mill-Istati Membri minn applikanti mhux neċessarjament imorru għand il-Kummissjoni. L-Istati Membri jamministraw il-ħlas ta' dawn il-fondi, u żbalji nnutati fit-talbiet proviżorji dwar l-ispejjeż huma korretti permezz ta' tnaqqis mit-talba sussegwenti għall-ispejjeż, u għalhekk l-irkupru m'hux viżibbli fil-kontijiet tal-Kummissjoni.

L-Istati Membri huma obbligati li jressqu rapporti regolari lill-Kummissjoni dwar it-taħsir jew l-irkupru ta' kontribuzzjonijiet tal-Komunità, u dwar l-ammonti rekuperabbli. Sabiex tittejjeb il-komunikazzjoni ta' din id-data, il-Kummissjoni mmodifikat ir-Regolament 448/ 2001 u ħarġet nota ta' gwida dwar l-informazzjoni meħtieġa dwar l-irkupri dwar il-korrezzjonijiet magħmula u l-ammonti li jridu jiġu rkuprat mill-Istati Membri. Tagħrif aktar sħiħ dwar il-korrezzjonijiet magħmula u l-ammonti li għandhom jiġabru mill-Istati Membri għandu għalhekk ikun disponibbli aktar 'il quddiem.

Il-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula għall-programmi fis-snin 2004, 2005 u 2006, li rriżultaw minn xogħol ta' verifika mill-Kummissjoni, xogħol ta' verifika mill-Qorti ta' l-Awdituri u l-proċess ta' għeluq huma murija hawn isfel:

KORREZZJONIJIET FINANZJARJI TOTALI LI JIRRIĠWARDAW L-2000-2006

PROGRAMMI/PROĠETTI

EUR miljuni

	Korrezzjoni Fin. Fondi Strutturali Mingħajr Deċiżjoni tal-Kummissjoni	Korrezzjoni Fin. Fondi Strutturali b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni	Korrezzjoni Fin. Fondi ta' Koeżjoni b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni jew Mingħajrha	Total ta' korrezzjonijiet finanzjarji	Total ta' korrezzjonijiet fl-2006
Fond ta' Koeżjoni	0	0	100	100	93
ERDF	857	518	0	1 375	262
ESF	433	6	0	439	165
FIFG	0	0	0	0	0
EAGGF Gwida	0	1	0	1	1
TOTAL	1 290	525	100	1 915	521

KORREZZJONIJIET FINANZJARJI TOTALI LI JIRRIĠWARDAW L-1994-99

PROGRAMMI/PROĠETTI

EUR miljuni

	Korrezzjoni Fin. Fondi Strutturali Mingħajr Deċiż- joni tal-Kum- missjoni	Korrezzjoni Fin. Fondi Strutturali b'Deċiżjoni tal- Kummissjoni	Korrezzjoni Fin. Fondi ta' Koeż- joni b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni jew Mingħajrha	Total ta' korrez- zjonijiet finan- zarji	Total ta' korrez- zjonijiet fl-2006
Fond ta' Koeżjoni	0	0	260	260	77
ERDF	951	93	0	1 044	277
ESF	0	330	0	330	125
FIFG	13	0	0	13	12
EAGGF Gwida	20	10	0	30	11
TOTAL	984	433	260	1 677	502

L-azzjonijiet tal-Fondi Strutturali ma jinkludux ċifri ta' l-EUSF u ISPA. Għall-ERDF u l-Fond ta' Koeżjoni, iċ-ċifri jinkludu ammonti mbassra stabbiliti fl-ittri inizjali lill-Istati Membri li varaw proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja. L-ammonti jistgħu jinbidlu sussegwentement matul il-proċedura, għalhekk huma rreġstrarati bħala tbassir tad-dħul sakemm id-deċiżjoni tiġi adottata. Minbarra dan, għat-tabelli ta' l-ERDF għall-perjodu 1994-99, parti mill-ammont żvelat hija mbassra, abbażi tar-rata tal-kontribuzzjoni ta' l-ERDF għall-programm ikkonċernat. Iċ-ċifri jinkludu korrezzjonijiet li huma kkompensati bi nfiq eliġibbli ieħor u għalhekk ma jwasslux għal ħlas lura lill-Kummissjoni. Iċ-ċifri ta' l-ESF għall-1994-1999 jinkludu biss korrezzjonijiet finanzjarji magħmula b'deċiżjoni formali tal-Kummissjoni.

Rkupru ta' spejjeż: Tipi oħra ta' ġestjoni

Għall-attività normali ta' għotjiet, ordni ta' rkupru għandu jiġi indirizzat lill-benefiċjarju ta' l-għotja. Jekk dan isir qabel l-aħħar pagament ta' l-għotja, jirriżulta fir-reġistrazzjoni ta' ammont riċevibbli mid-destinatarju bi tnaqqis li jikkorrispondi miegħu fl-ispiża tas-sena. Madankollu, jekk l-ordni ta' l-irkupru tinħareġ wara l-aħħar pagament, tirriżulta f'ammont riċevibbli dovut mingħand il-benefiċjarju ta' l-għotja bl-entrata fil-kontijiet li tikkorrispondi miegħu tkun dħul fil-kont tar-riżultat ekonomiku tas-sena taħt l-intestatura "irkupru ta' spejjeż".

3.1.5 Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi

Dan id-dħul jirriżulta minn tnaqqis mill-pagi tal-persunal u huwa magħmul primarjament minn żewġ ammonti — kontribuzzjonijiet għall-pensjonijiet u taxxi fuq id-dħul.

3.1.6 Dħul operattiv ieħor

Ammont ta' 358 miljun EUR (2005: 276 miljun EUR) jirriġwarda l-ammonti riċevuti mill-pajjiżi ta' l-adeżjoni. Madankollu, waħda mir-raġunijiet ewlenin għaż-żieda minbarra d-dħul operattiv meta mqabbel mas-sena l-oħra hija dovuta għal tnaqqis ta' 397 miljun EUR fit-tnaqqis tal-valur għall-ammonti riċevibbli ta' l-FEOGA fil-31/ 12/ 2006, li l-kontroparti tiegħu tidher taħt din l-intestatura — ara n-nota E 2.10.2.2.

Aktar importanti minn hekk, matul l-2006 kien hemm 832 miljun EUR f'ammonti ta' prefinanzjament inklużi fil-karta tal-bilanċ għall-ewwel darba, li l-kontroparti tagħhom tidher ukoll taħt din l-intestatura — l-akbar ammont, 652 miljun EUR jirriġwarda l-flus imħallsa taħt il-Faċilità ta' Schengen. Il-Faċilità ta' Schengen inħolqot direttament mill-Artikolu 35 tat-Trattat ta' l-Adeżjoni, li kien jipprevedi li l-ammont li jitpoġġa għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri jkun fil-forma ta' "hłasijiet ta' darba mhux rifondibbli". L-artikolu jgħid ukoll li "il-hłasijiet ta' darba mhux rifondibbli huma użati fi żmien tliet snin mid-data ta' l-ewwel pagament u kull ammont mhux użat jew użat b'mod mhux ġustifikabbli" għandu jiġu rkuprat mill-Kummissjoni. Minbarra dan, ammont ta' 338 miljun EUR jirriġwarda d-dħul minn miżati mħallsa lil 4 aġenziji.

Qligħ mill-kambju, minbarra fuq attivitajiet finanzjarji diskussi fin-nota 3.5 ta' hawn taħt, huwa wkoll inkluż taħt din l-intestatura. Dan jirriżulta mill-attivitajiet ta' kuljum u tranżazzjonijiet relatati li jsiru f'muniti oħra barra l-Euro, u kif ukoll ir-rivalutazzjoni ta' l-aħħar tas-sena meħtieġa sabiex jiġu ppreparati l-kontijiet. Dan jinkludi qligħ sew irrealizzat u kif ukoll mhux irrealizzati.

3.2 SPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI

Dawn huma spejjeż amministrattivi li ntefqu bħala parti mill-attivitajiet tal-Kummissjoni u jinkludu spejjeż tal-persunal u spejjeż relatati ma' l-assi fissi (bħad-deprezzament).

Spejjeż ta' art u bini li jinkludu spejjeż ta' kera u spejjeż ta' kirjiet operattivi huma inklużi taħt "spejjeż amministrattivi oħra", kif ukoll l-spejjeż tal-pubblikazzjoni u tal-provvista interna ta' oġġetti.

3.3 SPEJJEŻ OPERATTIVI

In-nefqa operattiva tal-Komunitajiet Ewropej tkopri l-intestaturi differenti tal-perspettiva finanzjarja u tieħu forom differenti, li jiddependu fuq kif jitħallsu u kif jiġu ġestiti l-flus. Skond ir-Regolament Finanzjarju, il-Komunitajiet jimplementaw il-baġit ġenerali permezz ta' l-użu tal-metodi li ġejjin:

Ġestjoni diretta ċentralizzata: din hija fejn l-implimentazzjoni tal-baġit issir direttament mill-korp jew l-Istituzzjoni Komunitarja illi hija responsabbli.

Ġestjoni indiretta ċentralizzata: din tirreferi għall-każijiet fejn il-Komunitajiet jafdaw l-inkarigu ta' ġestjoni ta' parti mill-baġit lil korp tal-Komunitajiet jew ta' Stat Membru.

Ġestjoni deċentralizzata: dawn huma l-każijiet fejn il-Komunitajiet jiddelegaw ċerti inkarigi għall-implimentazzjoni tal-baġit lill-pajjiżi terzi.

Ġestjoni maqsuma: b'mod simili, taħt dan il-metodu ta' ġestjoni, il-Komunitajiet jiddelegaw ċerti inkarigi għall-implimentazzjoni tal-baġit lill-Istati Membri.

Ġestjoni konġunta: taħt dan il-metodu, il-Komunitajiet jafdaw l-implimentazzjoni ta' ċerti inkarigi lill-organizzazzjoni internazzjonali.

Il-biċċa l-kbira tan-nefqa EUR 91 biljun (2005: EUR 87 biljun) taqa' taħt l-intestatura "Ġestjoni Maqsuma" li tinvolvi d-delegazzjoni ta' inkarigi lill-Istati Membri, li jkopru oqsma bħall-infiq ta' l-EAGGF u l-Azzjonijiet Strutturali.

Inklużi taħt l-intestatura ta' l-ispejjeż operattivi fl-2006 kien hemm aġġustamenti li jammontaw għal eċċess ta' 519 miljun EUR għad-dovuti ta' tmiem is-sena fil-kontijiet ta' l-2005 għal Direttorat-Ġenerali wieħed. Dawn l-aġġustamenti ma setgħux isiru fil-kontijiet ta' l-2005 ladarba l-ammonti ma kinux kwantifikabbli dak iż-żmien (ara wkoll in-noti **E2.18.2** & **E2.18.4**). Minbarra dan, wara aktar analiżi matul l-2006, ammonti mħallsa taħt il-Ftehim tal-Faċilità ta' Schengen, li qabel kienu trattati bħala spejjeż operattivi taħt din l-intestatura, kienu riklassifikati bħala prefinanzjament fil-karta tal-bilanċ fil-31.12.2006. L-effett ta' din il-bidla fit-trattament fil-kontijiet hija li l-ispejjeż operattivi fl-2006 huma rreġistrati b'206 miljun EUR anqas (ara wkoll in-nota **E2.9**).

3.4 SPEJJEŻ OPERATTIVI OĦRA

Movimenti dwar dispożizzjonijiet għal riskji u tnaqqis jintwerew taħt din l-intestatura. Skond ir-regoli ta' kontabilità tal-Komunitajiet, dispożizzjonijiet rikonnoxxuti fuq il-karta tal-bilanċ iridu jerġgħu jiġu eżaminati mill-ġdid minn ta' lanqas fl-aħħar ta' kull sena u aġġustati fejn meħtieġ sabiex jirreflettu is-sitwazzjoni sottostanti kurrenti ta' l-isfond. Tnaqqis fil-valur fuq ammonti riċevuti huma wkoll inklużi.

Telf mill-kambju, minbarra fuq attivitajiet finanzjarji li titkellem dwarhom in-nota **3.6** ta' hawn taħt, iseħħ fl-attivitajiet ta' kuljum u transazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu li jsiru f'muniti li mhumiex l-Euro, kif ukoll il-valutazzjoni mill-ġdid ta' l-aħħar tas-sena meħtieġa sabiex jiġu ppreparati l-kontijiet — dawn huma kemm realizzati kif ukoll mhux realizzati.

Ammonti oħra huma oġhla din is-sena għax hemm total ta' 339 miljun EUR imnaqqsa/mitlufa mar-realizzar fir-rigward ta' debitori tal-Kummissjoni (2005: 42 miljun EUR). L-akbar ammonti hawn, li jammontaw għal 226 miljun EUR, jirrigwardaw ammonti riċevibbli fir-rigward ta' multi tal-kompetizzjoni li ġew ċeduti, pereżempju meta l-parti suġġetta għall-multa rebħet fl-appell. Ammont ieħor ta' 139 miljun EUR jirrigwarda korrezzjonijiet tal-prefinanzjament.

Inkluż ukoll huwa ammont ta' 248 miljun EUR fir-rigward ta' aġenzija kkonsolidata — dan jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-programm CARDS fil-Kosovo, is-Serbja u l-Montenegro. Minbarra dan, hemm l-ammont ta' 62 miljun EUR inklużi minn aġenzija oħra, li huma miżati mħallsa għal valutazzjonijiet xjentifiċi magħmula minn diversi awtoritajiet kompetenti nazzjonali.

SPEJJEŻ OPERATTIVI OĦRA

	<i>EUR miljuni</i>	
	2006	2005
Aġġustamenti/ proviżjonijiet	116	139
Telf mill-kambju	126	376
Oħrajn	940	417
TOTAL	1 182	932

3.5 DĦUL MINN OPERAZZJONIJIET FINANZJARJI

Id-dħul finanzjarju tal-Komunitajiet jikkonsisti prinċipalment minn dħul ta' interessi derivanti minn self, jew mogħti mill-baġit ġenerali jew minn fondi mislufa, kif ukoll minn titoli li jassiguraw il-ħlas tad-dejn u strumenti derivattivi. Hemm ukoll interessi fuq ammonti miżmuma f'kontijiet bankarji u depożiti bankarji ta' żmien qasir. Ammonti oħra jinkludu 78 miljun EUR li jirrigwardaw korrezzjoni storika fl-assi finanzjarji — li 46 miljun EUR minnhom jirrigwardaw l-investiment fl-EFSE (ara n-nota E 2.3.3) — u 20 miljun EUR jirrigwardaw it-tħassir ta' impenji fil-baġit tal-likwidazzjonijiet tal-KEFA.

DĦUL MINN OPERAZZJONIJIET FINANZJARJI

	<i>EUR miljuni</i>	
	2006	2005
DĦUL MINN DIVIDENDI	6	7
Minn Fondi ta' Kapital ta' Riskju	6	7
DĦUL MINN INTERESSI	440	343
Fuq prefinanzjament	43	20
Fuq ħlasijiet tard	65	35
Fuq swaps	20	20
Fuq assi disponibbli għall-bejgħ	92	48
Fuq self	96	92
Fuq flus likwidi u ekwivalenti	123	78
Oħrajn	1	50
DĦUL FINANZJARJU IEĦOR	131	39
Qligħ realizzat fuq bejgħ ta' assi finanzjarji	25	5
Treġġiġh lura ta' telf minħabba tnaqqis fil-valur ta' assi finanzjarji	2	4
Oħrajn	104	30
AĠĠUSTAMENT TAL-VALUR PREŻENTI	43	5
QLIGĦ MILL-KAMBJU	1	5
TOTAL	621	399

3.6 SPEJJEŻ TA' L-OPERAZZJONIJIET FINANZJARJI

L-ispiża finanzjarja prinċipali tal-Komunitajiet Ewropej tikkonsisti f'interessi fuq kuntratti ta' kirjiet finanzjarji, kif ukoll fuq ammonti meħudin b'self maħsuba sabiex jiffinanzjaw attivitajiet ta' self u strumenti derivattivi. Barra minn telf fuq il-bejgħ u t-tnaqqis fil-valur ta' assi finanzjarji, infiq finanzjarju ieħor jinkludi wkoll l-aġġustamenti li jsiru għal dispożizzjonijiet finanzjarji u d-drittijiet tal-ġestjoni mħallsa lill-fiduċjarji.

INFIQ OPERATTIV FINANZJARJU

EUR miljuni

	2006	2005
SPEJJEŻ TA' INTERESSI	200	215
Kiri (<i>leasing</i>)	102	104
Fuq <i>swaps</i>	16	15
Fuq fondi meħuda b'self	81	72
Oħrajn	1	24
SPEJJEŻ FINANZJARJI OĦRA	126	152
Aġġustamenti għad-dispożizzjonijiet finanzjarji	38	55
Spejjeż finanzjarji fuq strumenti baġitarji	55	43
Telf realizzat fuq bejgħ ta' assi finanzjarji	0	2
Telf minħabba tnaqqis fil-valur ta' assi finanzjarji	10	2
Oħrajn	23	50
TELF MILL-KAMBJU	5	2
TOTAL	331	369

3.7 SEHEM MILL-EĊĊESS/(DEFIĊIT) NETT, ASSOĊJATI & IMPRIŻI KONĠUNTI

Skond il-metodu ta' ekwità ta' kontabilità, il-Komunitajiet jinkludu fil-kont tar-riżultat ekonomiku tagħhom is-sehem tagħhom mill-qligħ nett ta' l-assoċjat tagħhom, l-EIF, u s-sehem tagħhom mid-defiċit nett ta' l-impriża konġunta tagħhom, Galileo (ara wkoll nota E 2.3.1).

4. NOTI GĦAT-TABELLA TAL-FLUSS TAL-LIKWIDITA**4.1 GĦAN U PREPARAZZJONI TAT-TABELLA TAL-FLUSS TAL-LIKWIDITA**

Informazzjoni dwar il-likwidità hija użata sabiex tippovdi bażi għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-Komunitajiet sabiex joħlqu kontanti u strumenti ekwivalenti għall-kontanti, u l-bżonnijiet tagħhom li jużaw dik il-likwidità.

It-tabella tal-fluss tal-likwidità tiġi ppreparata permezz tal-metodu indirett. Dan ifisser illi l-qligħ jew defiċit nett għas-sena finanzjarja jiġi aġġustat skond l-effetti ta' transazzjonijiet ta' natura mhux ta' kontanti, kull posponiment jew kumulat ta' dħul jew pagamenti ta' kontanti operattivi kemm passati kif ukoll futuri, u oġġetti ta' dħul jew infiq assoċjati ma' l-investment tal-likwidità.

Likwidità li tiġi minn transazzjonijiet f'munita barranija hija reġistrata fil-munita tal-Komunitajiet Ewropej li biha jsir ir-rapport (l-euro), billi tiġi applikata fuq l-ammont tal-munita barranija r-rata tal-kambju bejn l-euro u l-munita barranija fid-data tal-likwidità.

It-tabella tal-fluss tal-likwidità murija hawn fuq tirraporta likwidità matul il-perjodu klassifikat permezz ta' attivitajiet operattivi, ta' investment u ta' finanzjar. Jekk ikun hemm likwidità assoċjata ma' oġġetti straordinarji, din tiġi kklassifikata bħala li ġeja minn attivitajiet operattivi, ta' investment jew ta' finanzjar kif xieraq, u jingħata tagħrif dwarhom separatament.

4.2 ATTIVITAJIET OPERATTIVI

Attivitajiet operattivi huma l-attivitajiet tal-Komunitajiet li mhumiex attivitajiet ta' investment. Dawn huma l-maġġoranza ta' l-attivitajiet li jsiru. Self mogħti lill-benefiċjarji (u s-self relat meta applikabbli) mhumiex ikkunsidrati bħala attivitajiet ta' investment (jew finanzjament) peress illi huma parti mill-oġġettivi ġenerali u għallhekk huma operazzjonijiet ta' kuljum tal-Komunitajiet. Attivitajiet operattivi jinkludu wkoll investimenti bħall-EIF, Galileo, l-EBRD u l-fondi tal-kapital ta' riskju. Tabilħaqq, l-oġġettiv ta' dawn l-attivitajiet huwa li jkun hemm parteċipazzjoni fil-kisba tar-riżultati immirati mill-politika.

4.3 ATTIVITAJIET TA' INVESTIMENT

Attivitajiet ta' investment huma l-akkwist u l-bejgħ ta' assi fissi mhux tanġibbli u tanġibbli u ta' investimenti oħrajn mhux operattivi li mhumiex inklużi fl-ekwivalenti għall-flus likwidi. Attivitajiet ta' investment ma jinkludux self mogħti lil benefiċjarji. L-oġġettiv huwa li jintwerew l-investimenti reali li jsiru mill-Komunitajiet.

Għandu jiġi nnutat li EUR 2.9 biljun ta' kontanti u bilanċi ta' strumenti ekwivalenti għall-kontanti miżmuma mill-Komunitajiet mhumiex disponibbli għall-użu mill-Komunitajiet. Dawn huma l-kontanti li jiġu riċevuti bħala pagament ta' multi imposti, fejn il-parti l-oħra qiegħda tappella mill-impożizzjoni tal- multa. Dawn l-ammonti huma żvelati b'mod ċar bħala "kontanti ristretti" taħt in-nota 2.11 ta' hawn fuq.

5. PARTITI U NOTI BARRA MILL-KARTA TAL-BILANĊ

ASSI KONTINĠENTI

		EUR miljuni	
	Nota	31.12.2006	31.12.2005
Garanziji riċevuti	5.1	3 919	3 352
Garanziji riċevuti fir-rigward ta' prefinanzjament	5.1.1	1 182	1 138
Garanziji riċevuti fir-rigward ta' każi pendenti ta' multi	5.1.2	1 783	1 466
Garanziji oħra riċevuti	5.1.3	954	748
Ftehimiet iffirmati ta' self	5.2	0	0
Assi kontinġenti li għandhom x'jaqsmu ma' każijiet ta' frodi u irregolaritajiet fir-rigward ta' azzjonijiet strutturali	5.3	1 477	1 245
Assi kontinġenti oħra	5.4	1 274	1 235
Assi Kontinġenti Totali		6 670	5 832

L-OBBLIGAZZJONIJET KONTINĠENTI U L-IMPENJI GĦALL-GĦOTI TA' FONDI FIL-FUTUR

		EUR miljuni	
Obbligazzjonijiet Kontinġenti	Nota	31.12.2006	31.12.2005
Garanziji mogħtija	5.5	14 792	15 788
Garanziji mogħtija għal self ta' l-EIB	5.5.1	14 792	15 055
Garanziji iffirmati mill-EIF	5.5.2	0	732
Garanziji oħra mogħtija		0	1
Multi — Appelli fil-Qorti tal-Ġustizzja	5.6	5 611	4 428
EAGGF Garanzija — sentenzi tal-qorti pendenti	5.7	1 255	465
Ammonti li għandhom x'jaqsmu ma' każijiet legali u tilwimiet oħrajn	5.8	2 429	2 491
Obbligazzjonijiet kontinġenti oħra	5.9	574	709
Obbligazzjonijiet Kontinġenti Totali		24 661	23 881

Impenji għal finanzjament futur	Note	31.12.2006	31.12.2005
Impenji li ma ġewx użati	5.10	256	332
Impenji kontra approprjazzjonijiet li ma ġewx ikkonsmati	5.11	90 040	88 824
Impenji legali li għadhom ma sarux impenji tal-baġit għalihom	5.12	597	48 184
Operazzjonijiet strutturali (għajnuna ppjanata imma mhux impenjata għall-perjodu 2000-2006)	5.12.1	0	39 015
Fond ta' koeżjoni	5.12.2	0	6 001
ISPA	5.12.3	0	515
TRDI	5.12.4	0	2 096
Protokollu ma' Pajjiżi Meditteranji	5.12.5	260	259
Relazzjonijiet esterni — KEDO	5.12.6	0	57
Ftehimiet tas-sajd	5.12.7	337	241
Kontribuzzjonijiet lil organizzazzjonijiet relatati	5.13	923	947
Sehem ta' kapital mhux imsejjaħ EBRD	5.13.1	443	443
Sehem ta' kapital mhux imsejjaħ EIF	5.13.2	480	480
Sehem ta' kapital mhux imsejjaħ tal-programm Galileo (aġġustat)	5.13.3	0	24
Impenji ta' kirjiet operattivi	5.14	1 660	1 415
Impenji Totali għall-għoti ta' fondi fil-futur		93 476	139 702

Il-passiv u l-impenji kollha kontinġenti jiġu ffinanzjati, meta jkunu dovuti, mill-baġit tal-Komunitajiet fis-snin li ġejjin. Il-baġit tal-Komunitajiet huwa ffinanzjat mill-Istati Membri.

ASSI KONTINĠENTI

5.1 GARANZIJI RIĊEVUTI

5.1.1 *Garanziji rċevuti fir-rigward ta' prefinanzjament*

Dawn huma garanziji li l-Komunitajiet Ewropej jitolbu mingħand il-benefiċjarji meta jħallsu pagamenti bil-quddiem (prefinanzjament). Fxi każijiet dawn huma mitluba mir-Regolament Finanzjarju. Hemm żewġ valuri li għandhom jiġu żvelati għal dan it-tip ta' garanzija, il-valuri "nominali" u dik "kurrenti". Għall-valur "nominali", l-avveniment ġenerattiv huwa marbut ma' l-eżistenza tal-garanzija. Il-valur nominali huwa żvelat bħala ass kontinġenti. Għall-valur "kurrenti", l-avveniment ġenerattiv tal-garanzija huwa l-ħlas tal-prefinanzjament u/jew l-ikklerjar sussegwenti. Il-valur "kurrenti" huwa żvelat fin-noti għar-rendikonti finanzjarji.

Fil-31 ta' Diċembru 2006, il-valur "nominali" tal-garanziji rċevuti mingħand il-Kummissjoni fir-rigward ta' l-ammonti ta' prefinanzjament 1,077 miljun EUR imqabbla ma' 891 miljun EUR għall-valur "kurrenti". Ara wkoll in-noti E 2.5 u E 2.9 għal aktar dettalji dwar il-prefinanzjament għal perjodu qasir jew twil.

5.1.2 *Garanziji rċevuti fir-rigward ta' każi pendenti ta' multi*

Dawn huma garanziji rċevuti mid-destinatarju ta' multa tal-Komunitajiet li jkun ixtieq jappella minn din il-multa. Garanzija bankarja tista' tingħata għall-ammont (u interessi) in kwistjoni minflok ma jsir pagament provviżorju.

5.1.3 **Garanziji oħra rċevuti****Garanziji oħra rċevuti**

EUR miljuni

	31.12.2006	31.12.2005
Self Euratom: Garanziji minn terzi pajjiżi	436	385
Garanziji għal dewmien fil-pagament	402	254
Garanziji rċevuti bħala parti minn tenders	5	4
Garanziji għal dewmien fil-pagament	18	4
Oħrajn	93	101
Total	954	748

Il-Kummissjoni rċeviet garanziji minn garanti illi huma terzi persuni fir-rigward ta' self mogħti permezz ta' Euratom. Il-Kummissjoni ma rċevietx garanziji minn terzi persuni għall-self mogħti taħt l-iskema ta' assistenza finanzjarja (MFA). Madanakollu, dan is-self huwa garantit mill-Fond tal-Garanzija.

Garanziji ta' prestazzjoni minn xi drabi jintalbu sabiex jiżguraw li benefiċjarji ta' l-għoti ta' fondi tal-Komunitajiet jilhqqu l-obbligazzjonijiet tal-kuntratti tagħhom mal-Komunitajiet. Hawnhekk hawn inkluża garanzija bankarja ta' 230 miljun EUR (2005: 128 miljun EUR) rċevuta mill-Kunsill fir-rigward ta' pagamenti avvanzati mogħtija għall-kostruzzjoni tal-bini LEX.

Garanziji oħra jinkludu 83 miljun EUR fil-31 ta' Diċembru 2006 (2005: 93 miljun EUR) fir-rigward ta' garanziji rċevuti mill-KEFA f'likwidazzjoni għall-garanziji mogħtija (kif speċifikati fil-kuntratti relatati.)

5.2 **FTEHIMIET TA' TEĦID B'SELF IFFIRMATI**

Dawn huma ftehimiet ta' teħid b'self li għamlu l-Komunitajiet iżda li għadhom ma nġibdux il-fondi tagħhom qabel l-aħħar tas-sena — ma kien hemm l-ebda wieħed minn dawn fil-31 ta' Diċembru 2006 jew 2005.

5.3 **FRODI U IRREGULARITAJIET — AZZJONIJIET STRUTTURALI**

It-tabella ta' hawn taħt hija bbażata fuq rapporti formali sottomessi mill-Istati Membri skond ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1681/ 94, bl-ammonti mqassma skond l-Istati Membri. It-tabelli juru d-differenza bejn ammonti identifikati mill-Istati Membri li għad għandhom jinġabru (ikkalkulati fuq il-bażi ta' intitolament jew stimi stabbiliti) u ammonti li diġà nġabru jew iddikjarati li ma jistgħux jinġabru.

Assi kontinġenti: każijiet ta' frodi u irregolaritajiet

EUR miljuni

Stat Membru	31.12.2006	31.12.2005
Il-Belġju	15	14
Id-Danimarka	12	10
Il-Ġermanja	580	568
Il-Greċja	65	96
Spanja	157	52
Franza	13	14
L-Irlanda	2	2
L-Italja	412	345
L-Olanda	12	8
L-Awstrija	15	9
Il-Polonja	1	0
Il-Portugall	73	48
Il-Finlandja	3	2
L-Iżvezja	1	1
Ir-Renju Unit	115	76
Is-Slovenja	1	0
TOTAL	1 477	1 245

Il-figuri mogħtija f'din it-tabella jirrappreżentaw massimu teoretiku minflok l-ammonti li fil-fatt ser ikunu disponibbli għall-baġit tal-Komunitajiet, għar-raġunijiet li ġejjin:

- L-Istati Membri ma jirrapurtawx dejjem ir-riżultati ta' l-operazzjonijiet ta' rkupru tagħhom.
- Minkejja li l-Istati Membri huma marbuta li jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-probabilità ta' l-irkupru, huwa impossibbli li jiġi stabbilit eżatt liema proporzjon ta' l-ammonti li għadhom iridu jiġu rkupruati fil-fatt se jiġu rkuprati. Liġijiet nazzjonali minn xi drabi jipprovdu għall-perjodu ta' limitazzjoni ta' 30 sena, li jistgħu tabilħaqq iwasslu lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex idewmu t-tneħħija formali tad-debitu anke jekk il-possibbiltajiet ta' rkupru huma biss teoretiċi. Għal operazzjonijiet strutturali, l-Istati Membri jridu issa jibagħtu lill-Kummissjoni ta' darba f'sena prospett ta' l-ammonti li qegħdin jistennew rkupru (Artikolu 8 ta' Regolament Nru 438/2001) sabiex jagħtu stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni attwali.
- Anki jekk l-Istat Membru kkonċernat ivara proċeduri ta' rkupru fil-ħin, mhux dejjem huwa garantit riżultat pożittiv. Dan huwa partikolarment il-każ fejn l-ordnijiet ta' rkupru jiġu kkontestati fil-qrati.
- Proġetti individwali huma kofinanzjati bħala parti mill-programmi multiannwali. Sakemm programm multi-annwali ma jiġix magħluq, huwa impossibbli li titqiegħed figura eżatta fuq l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għaliex is-somom involuti fl-irregolaritajiet jistgħu, f'xi ċirkustanzi, jiġu allokati mill-ġdid għal proġetti oħrajn leġittimi u għaliex pagamenti bin-nifs, b'mod partikolari, pagamenti finali, jistgħu minn xi drabi jiġu użati bħala mezz ta' aġġustament tan-nefqa. Il-figuri f'dawn it-tabelli huma figuri provviżorji bbażati fuq ir-rapporti rċevuti u pproċessati sa l-aħħar ta' Frar 2007. Dawn il-figuri jistgħu għalhekk jinbidlu skond rapporti oħra li jidħlu tard.

Il-prospetti ta' rkupru f'każijiet individwali ma jistgħux jiġu valutati bi preċiżjoni biżżejjed mill-informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri. Il-movimenti prinċipali sa mill-2005 jirrigwardaw żidiet li jikkonċernaw: Każijiet tal-Fond Soċjali Ewropew (Spanja 70 miljun EUR, Italja 25 miljun EUR); Każijiet tal-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp u Reġjonali (ir-Renju Unit EUR 36 mijun, l-Italja 11 miljun EUR u l-Ġermanja 14 miljun EUR); u każijiet tal-Fond ta' Koeżjoni (Spanja: 30 miljun EUR).

5.4 ASSI KONTINĠENTI OĦRA

Ħafna min-nefqa tal-KE hija min-natura tagħha provviżorja ladarba, għal raġunijiet ta' kontroll u ġestjoni finanzjarja tajba, il-Kummissjoni żżomm id-dritt li tivverifika/tikkontrolla/tawtorizza fondi mħallsa qabel ma tiddikjarahom bħala finali. Għalhekk, sakemm ammont/ proġett/ programm speċifiku jkun ġie ddikjarat eliġibbli f'konformità mal-kuntratt u jew regolament relevanti, tibqa' l-possibilità li l-fondi jiġu rkuprati mill-benefiċjarji, jew li ħlasijiet futuri jkun mnaqqsa. Minbarra dan, il-Kummissjoni għandha d-dritt fuq perjodu definit fl-artikolu 39 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni, li tagħmel kontrolli wara l-pagament finali, u jekk meh-tieġ tirkupra ammonti li ma kellhomx jitħallsu.

5.4.1 Ammonti kwantifikati:

Għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, l-ammonti ddikjarati mill-Istati Membri jibqgħu provviżorji sakemm il-kontijiet annwali jiġu approvati, fil-prinċipju sat-30 ta' April N+1 abbażi taċ-ċertifikazzjoni annwali u valutazzjoni mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' wkoll tagħmel korrezzjonijiet finanzjarji taħt "deċiżjonijiet ta' konformità" iżda biss għal perjodu limitat għall-24 xahar qabel issir verifika fuq qasam speċifiku ta' nfiq iddikjarat minn Stat Membru speċifiku. L-iktar partita sinifikanti, u dik inkluża hawn bħala ass kontinġenti, tirrigwarda ammonti stmati ta' EUR 1.25 biljun li għandhom jiġu riċevuti taħt id-deċiżjonijiet tal-korrezzjonijiet finanzjarji tal-konformità agrikola għall-verifika li jkopru ċertu nfiq iddikjarat fil-perjodu 2001-2006. Dawn l-ammonti ma ġewx rikonoxxuti fuq il-karta tal-bilanċ minħabba li dawn għadhom mhux definittivi.

5.4.2 Rkupru ta' spejjeż

Għar-raġunijiet imsemmija fin-nota E 3.1.4 aktar 'il fuq, l-ammonti murija bħala rkupru ta' spejjeż fil-Kont tar-Riżultat Ekonomiku ma jurux għal kollox l-irkupri magħmula fuq in-nefqa tal-KE.

Azzjonijiet Strutturali:

Il-ħlasijiet provviżorji kollha huma suġġetti għal proċedura ta' għeluq kif stabbilita fil-bażijiet legali ta' kull perjodu ta' programmar. Dan ifisser huwa probabbli li xi tranżazzjonijiet jiġu kkoreġuti aktar tard mid-dipar-timenti tal-Kummissjoni jew mill-Istati Membri.

L-Istati Membri huma obbligati li jippreżentaw rapporti regolari lill-Kummissjoni dwar it-tħassir ta' kontribuzzjonijiet tal-Komunità u aġġustamenti għas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u dwar l-ammonti rekuperabbli. Sabiex ittejjeb il-komunikazzjoni ta' din id-data, il-Kummissjoni mmodifikat ir-Regolament 448/ 2001 dwar il-korrezzjonijiet magħmula u l-ammonti li jridu jiġu rkuprati mill-Istati Membri.

L-ammonti ta' l-irregolaritajiet iddikjarati lill-OLAF jagħtu wkoll indikazzjoni tar-riżultati tal-kontrolli ta' l-Istati Membri. Madankollu, biss ftit mill-irregolaritajiet li jiġu rrapurtati lill-OLAF jispiċċaw bħala spiża għall-baġit tal-KE ladarba l-proġetti kkonċernati jkunu rritrati mill-Istati Membri mit-talbiet għall-ħlas, jew rifjutati meta t-talba finali tiġi mressqa lill-Kummissjoni.

Oqsma oħra ta' politika

Fir-rigward tal-proġetti l-oħra ffinanzjati taħt ġestjoni oħra, kull ħlas provviżorju huwa suġġett għal korrezzjoni fi kwalunkwe żmien sakemm jiġi awtorizzat il-ħlas finali. L-ammonti li qabel kienu mħallsa mill-baġit ġenerali u li huwa smat li jiġu rkuprati fl-aħħar tas-sena, primarjament abbażi ta' verifiki magħluqa li għalihom previżjonijiet ta' dħul ġew stabbiliti, huma:

Previżjonijiet tad-dħul — ammonti miftuħa

<i>EUR miljuni</i>	
Rkupru previst ta' spejjeż	31.12.2006
Azzjonijiet strutturali	473
Politika Interna	65
Politika esterna	163
Total	701

5.4.3 Ammonti oħra mhux kwantifikati:

Fir-Rapport Annwali ta' l-Attività (AAR) kull uffiċjal ta' l-awtorizzazzjoni jirraporta fuq riżultati ta' politika u fuq l-assigurazzjoni raġonevoli li huwa/hija għandhom li r-riżorsi assenjati lill-attivitajiet deskritti fir-rapport tiegħu/tagħha ġew użati għall-għan maħsub tagħhom u skond il-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, u l-proċeduri ta' kontroll fis-seħħ jagħtu l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

Għall-2005, u meta tittieħed veduta ġenerali, il-Kummissjoni tikkunsidra fir-rapport fil-qosor illi s-sistema ta' kontroll interna fis-seħħ, bil-limitazzjonijiet deskritti fl-AAR ta' l-2006, tipprovdi assicurazzjoni raġonevoli dwar il-legalità u r-regolarità ta' l-operazzjonijiet, li għalihom il-Kummissjoni hija responsabbli taħt l-artikolu 274 KE. Xi Diretturi-Ġenerali għamlu riżervi u kkwantifikaw meta possibbli l-impatt globali ta' dawn ir-riżervi. Spjegazzjonijiet dettaljati huma inklużi fir-Rapport Annwali ta' Attività ta' kull DG u fir-rapport fil-qosor ta' l-2006.

OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI

5.5 GARANZIJI MOGĦTIJA

5.5.1 Fuq self mogħti mill-Fond Ewropew għall-Investment (EIB) lil pajjiżi terzi mir-riżorsi tiegħu stess.

Kif ifformulata, il-garanzija legalment tkopri s-self iffirmit mill-EIB fil-31 ta' Diċembru 2006 (inkluż self mogħti lill-Istati Membri qabel l-adeżjoni). Madanakollu, il-garanzija tal-Komunità hija limitata għal persentaġġ tal-massimu tal-linji ta' kreditu awtorizzati. 65 %, 70 %, 75 % jew 100 %. Fejn il-massimu ma jintlaħaqx, il-garanzija tal-Komunitajiet tkopri l-ammont kollu.

Nhar il-31 ta' Diċembru 2006 l-ammont dovut laħaq 14,792 miljun EUR (2005: 15,055 miljun EUR) u dan, għalhekk, huwa r-riskju massimu ffaċċat mill-Komunitajiet.

Għal self kopert mill-garanziji tal-baġit tal-Komunitajiet, l-EIB jikseb ukoll garanziji minn terzi (Stati, istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi jew privati); f'dawn il-każijiet il-Kummissjoni hija garanti sekondarja. Il-garanzija tal-baġit tal-Komunitajiet tkopri biss r-riskju politiku tal-garanziji pprovduti taħt it-titolu ta' "risk-sharing". Ir-riskji l-oħra huma koperti mill-EIB jekk il-garanti primarju ma jonorax l-obbligi tiegħu.

Għall-garanziji pprovduti taħt it-titolu ta' "non-risk sharing", ir-riskji kollha huma koperti mill-baġit tal-Komunitajiet jekk il-garanti primarju ma jonorax l-obbligi tiegħu. Jekk il-garanti primarju huwa awtorità pubblika dawn ir-riskji huma bħala regola limitati għar-riskju politiku, iżda meta l-garanziji huma pprovduti minn istituzzjoni jew kumpanija privata, il-baġit tal-Komunità jista' jkollu jkopri wkoll ir-riskju kummerċjali.

Is-self mogħti mill-EIB mir-riżorsi tiegħu stess lil terzi pajjiżi u kopert mill-garanzija tal-baġit tal-Komunità huwa kif ġej:

Self ta' l-EIB garantit mill-Komunitajiet

EUR miljuni

	"Qsim tar-Riskju" 31.12.2006	Miljuni EUR 31.12.2006		Total pendenti 31.12.2006	Pendenti 31.12.2005
		Awtorità pubblika	Kumpanija privata		
65 % garantit	1 469	5 416	1 155	8 040	7 098
70 % garantit	313	3 120	314	3 747	4 180
75 % garantit		1 318	169	1 487	1 949
100 % garantit		1 116	402	1 518	1 828
Total	1 782	10 970	2 040	14 792	15 055

5.5.2 Garanziji ffirmati mill-Fond Ewropew ta' l-Investment (EIF)

Fil-31 ta' Diċembru 2005, il-bilanċ taħt din l-intestatura rrappreżenta s-sehem tal-Kummissjoni mill-garanziji ta' l-EIF pendenti f'dik id-data. Il-kontijiet ta' l-2006 ta' l-EIF, madankollu, huma bbażati fuq regoli u *policies* ġodda tal-kontabilità, li impatt wieħed tagħhom huwa t-tneħħija ta' l-obbligazzjoni kontinġenti fir-rigward ta' garanziji maħruġa minn barra l-karta tal-bilanċ tagħha. Il-garanziji finanzjarji issa huma rikonoxxuti fuq il-karta tal-bilanċ ta' l-EIF bħala obbligazzjonijiet finanzjarji. Meta titqies din il-bidla, flimkien mal-fatt li l-Kummissjoni tikkonsolida l-EIF bil-metodu ta' l-ekwità, m'hemm l-ebda ammont li għandu jidher barra mill-karta tal-bilanċ tal-Kummissjoni. Għal aktar informazzjoni dwar il-bidla fil-politika tal-kontabilità fl-EIF ara n-nota **2.3.1** aktar 'il fuq.

Il-proporzjon tal-kapital sottoskritt mill-Komunitajiet Ewropej li ma ġiex imsejjaħ (80 %) huwa inkluż barra mill-karta tal-bilanċ bħala obbligazzjoni kontinġenti (ara n-nota **5.13.2**).

5.6 MULTI

Għal multi imposti mill-Kummissjoni għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni fejn l-ammont ikun diġà tħalla provviżorjament (u għalhekk inkluż fil-karta tal-bilanċ tal-Kummissjoni), ġie deċiż li sew il-multi li dwarhom sar appell⁽¹⁾ u dawk fejn mhux magħruf jekk hux se jsir appell għandhom jiġu Inklużi bħala obbligazzjoni kontinġenti fl-impenji ta' barra mill-karta tal-bilanċ sakemm tittieħed deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja. Din l-obbligazzjoni kontinġenti ser tinżamm sakemm id-deċiżjoni tkun finali.

Ġaladarba jkunu nnotifikati, id-debituri li ma jaċċettawx id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkundannahom iħallsu multi huma intitolati li jagħmlu appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, l-ammont kapitali tal-multa għandu jitħallas fit-terminu preskritt, peress illi taħt l-Artikolu 242 tat-Trattat tal-KE l-appelli ma għandhomx effett ta' sospensjoni. Għalhekk, debituri għandhom żewġ għażliet: huma jistgħu jipprovdur garanzija bankarja (li tidher taħt l-attiv kontinġenti) jew jagħmlu pagament provviżorju (li jidher taħt kontanti u strumenti ekwivalenti għal kontanti fil-karta tal-bilanċ).

Huwa biss meta tingħata s-sentenza finali, li l-Uffiċjal tal-Kontijiet jew jagħti rifużjoni totali jew parzjali ta' l-ammont ta' pagament provviżorju u l-interessi jew irrevokabbilment jiġbor l-ammont totali (jew parzjali) tal-multa, kif stabbilit mid-deċiżjoni ġudizzjarja finali.

Interessi miksuba fuq pagamenti provviżorji (169 miljun EUR) huma nklużi fir-riżultat ekonomiku għas-sena u kif ukoll bħala passiv kontinġenti sabiex jirrifletti l-inċertezza ta' l-ammonti.

5.7 EAGGF GARANZIJA — SENTENZA TAL-QORT PENDENTI

Dawn huma obbligazzjonijiet kontinġenti lejn l-Istati Membri konnessi mad-deċiżjonijiet ta' konformità ta' l-EAGGF, sakemm ikun hemm sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Id-determinazzjoni ta' l-ammont finali ta' l-obbligazzjoni u s-sena li fiha l-effett ta' appell li jirnexxi jkun attribwit lill-baġit jiddependu fuq it-tul tal-proċeduri quddiem il-Qorti. Stima ta' l-ammonti probabbli li għandhom jitħallsu (61 miljun EUR) ġiet inkluż bħala provviżjoni għat-tul fil-karta tal-bilanċ — ara n-nota **E 2.13**.

(¹) Anki jekk l-appell kontra l-multi imposti fl-2006 sar fl-2007 qabel l-għeluq tal-kontijiet.

5.8 AMMONTI RELATATI MA' KAŻIJJET LEGALI U TILWIM IEĦOR

Din l-intestatura għandha x'taqsam ma' azzjonijiet għad-danni li fil-preżent qed jinġiebu kontra l-Komunitajiet, tilwimiet legali oħra u l-ispejjeż legali smati. L-ammonti l-aktar sinifikanti huma mqassra hawn taħt:

- Azzjoni li nġiebet kontra f'Ġunju 2003 fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni. It-talba hija għal 735 miljun EUR. Il-Kummissjoni issottomettiet il-kontro-replika tagħha fi Frar 2005.
- Azzjonijiet għad-danni miġjuba f'Ottubru 2003, ukoll fir-rigward ta' deċiżjoni magħmula mill-Kummissjoni. It-talba hija għal ammont ta' 1,664 miljun EUR. Il-Qorti tal-Prim'Istanza tat sentenza dwar dan il-każ f'Lulju 2007 fejn ikkundannat lill-Kummissjoni sabiex tħallas danni lill-parti terza. L-ammont ta' dawn id-danni irid jiġi kkalkulat minn espert indipendenti fix-xhur ta' wara d-deċiżjoni — u għal din ir-raġuni mhux possibbli, f'daż-żmien, li tiġi inkluża previżjoni affidabbli ta' l-ammont li għandu jitħallas fil-kontijiet ta' l-2006. Għandu jiġi nnutat ukoll li ż-żewġ partijiet għandhom id-dritt li jappellaw din is-sentenza. L-obbligazzjoni kontinġenti għalhekk qed tinżamm fl-ammont eżistenti.
- Ammonti oħra huma relatati ma' tilwimiet li jinvolvu fornituri, kuntratturi u eks-membri tal-persunal.

Għandu jiġi nnutat illi f'azzjoni għad-danni taħt Artikolu 288 KE l-applikant għandu juri ksur serju biżżejjed, mill-istituzzjoni, tar-regola tal-liġi maħsuba sabiex tagħti drittijiet lill-individwi, dannu reali li sofra l-applikant, u ness ta' kawża u effett bejn l-att illegali u d-dannu.

5.9 OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI OĦRA

Inkluża hawn hija l-obbligazzjoni kuntrattwali pendenti ta' 96 miljun EUR li tirrigwarda kuntratti relatati mal-bini tal-Kunsill, kif ukoll 73 miljun EUR li jirrigwardaw kuntratti ta' bini tal-Parlament. L-ammont l-ieħor sinifikanti inkluż huwa 337 miljun EUR li għandu x'jaqsam ma' l-estensjoni tal-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Lussemburgu.

Hija inkluża wkoll taħt din l-intestatura l-obbligazzjoni possibbli, vvalutata li hi ta' 4 miljun EURi, li tirrigwarda ċerti spejjeż ta' qirda tal-mard li jistgħu jinġarru mill-baġit tal-Kummissjoni.

IMPENJI GĦAL FINANZJAMENT FUTUR

5.10 IMPENJI LI MA ĠEWX UŻATI

Dawn huma ftehimiet ta' self u ta' investimenti f'ekwità li tagħhom huma parti l-Kummissjoni u l-KEFA f'likwidazzjoni (mhux koperti mill-RAL) iżda li ma nġibdux kollha mill-parti l-oħra qabel l-aħħar tas-sena.

5.11 IMPENJI KONTRA APPROPRIJAZZJONIJIET LI GĦADHOM MHUMIEX IKKUNSMATI

L-RAL tal-baġit huwa ammont li jirrappreżenta l-impenji miftuħa li għalihom għadhom ma sarux il-ħlasijiet u/ jew diżimpenji. Fil-31 ta' Diċembru 2006, l-RAL tal-baġit kien jammonta għal EUR 131.7 biljun. L-ammont li ġie indikat bħala impenn futur li għandu jiġi ffinanzjat huwa dan l-RAL tal-baġit li minnu jitnaqqsu l-ammonti li għandhom x'jaqsmu li ġew inklużi bħala spejjeż fil-Kont tar-Riżultat Ekonomiku li jagħti total ta' EUR 90 biljun.

L-RAL hija konsegwenza normali ta' l-eżistenza ta' programmi multi-annwali. Sabiex ikun hemm vista aktar preċiża dwar kif inhu magħmul dan l-ammont, ġie deċiż li jiġu identifikati separatament l-eqdem impenji jew dawk li fir-rigward tagħhom l-ebda ċaqliq ma ġie nnutat. Għalhekk, il-kunċett ta' "RAL Potenzjalment Anormali" (PAR) ġie definit. Huwa magħmul minn dawk l-impenji li jwieġbu waħda miż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

- Impenn ta' aktar minn ħames snin.
- Impenji li għalihom ebda transazzjoni ta' kontabilità (pagament jew ħelsien mill-impenji) ma ġiet innutata matul l-aħħar sentejn.

Bħala riżultat tad-dikjarazzjonijiet konġunti ta' Novembru 2002 u 2003, il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill emfasizzaw il-bżonn li gradwalment jitneħħa dan l-RAL potenzjalment anormali. Għalhekk fil-bidu ta' kull sena finanzjarja l-impenji li jilhqg din id-definizzjoni huma identifikati u huma s-suġġett ta' eżaminazzjoni individwali. L-impenji li jibqa' huma kklassifikati fi 8 kategoriji separati skond il-każ ipotetiku identifikat. Din l-analiżi regolari twassal għal tnaqqis kontinwu ta' din il-parti ta' l-RAL u tevita ż-żamma fil-kontijiet ta' ammonti li ma jikkorrispondux aktar ma' impenji legali.

Għalhekk matul is-sena finanzjarja 2006, l-RAL potenzjalment anormali ġie mnaqqas bi 43 %. It-tabella li ġejja tagħti s-sitwazzjoni skond l-intestatura tal-perspettiva finanzjarja.

RAL Potenzjalment Anormali (PAR)

EUR miljuni

	PAR nhar il-01.01.2006 (*)	Ħlasijiet matul l-2006	Movimenti oħra matul l-2006	PAR nhar il-31.12.2006
Agrikoltura	2	0	(2)	0
Azzjonijiet strutturali	4 744	(1 867)	(491)	2 386
Politika interna	1 194	(376)	(151)	667
Politika esterna	1 975	(695)	(76)	1 204
Amministrazzjoni	7	0	(3)	4
Preadeżjoni	1 698	(353)	(83)	1 262
Oħrajn	21	(13)	0	8
Total	9 641	(3 304)	(806)	5 531

(*) Il-bilanċ fl-1/1/2006 ma jikkorrispondix mal-bilanċ fil-31/12/2005 ladarba, taħt id-definizzjoni tal-PAR, ammonti ġodda għandhom jiġu miżjuda hekk kif wieħed jibda sena ġdida, filwaqt li ammonti oħra jitneħħew.

5.12 IMPENJI LEGALI LI GĦALIHOM GĦADHOM MA SARUX IMPENJI TAL-BAĠIT

Dawn l-impenji oriġinaw minħabba li l-Kummissjoni ddeċidiet li tidħol f'impenji legali fir-rigward ta' ammonti li ma kenux koperti minn approprazzjonijiet ta' impenji fil-baġit.

Taħt il-Ftehim Inter-istituzzjonali u, b'mod aktar ġenerali, ir-regoli li għandhom x'jaqsmu mal-baġit, in-nefqa li ġejja għandha tiġi reġistrata bħala impenji li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ minħabba l-volum ta' l-impenji finanzjarji li jirriżultaw:

- **5.12.1 & 5.12.2:** Il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni jirrappreżentaw il-miri ta' nefqa u l-allokkazzjoni kollha li tidher fil-perspettiva finanzjarja hija maħsuba li tiġi milħuqa bid-deċizzjonijiet. Ladarba l-perjodu tal-Perspettiva Finanzjarja l-ġdida jibda fl-2007 (u għalhekk dak preċedenti spiċċa fi tmiem l-2006) m'hemmx ammonti li għandhom jiġu żvelati hawn ladarba l-ebda impenn ma kien pendent fil-31/ 12/ 2006.

Impenji Legali mingħajr impenji tal-baġit — Operazzjonijiet Strutturali

Biljun EUR

	31.12.2006	31.12.2005
Objettiv 1	0	28.46
Objettiv 2	0	3.44
Objettiv 3	0	4.29
FIFG (barra minn objettiv 1)	0	0.25
Inizjattivi tal-Komunitajiet	0	2.58
Total	0	39.02

- **5.12.3:** ISPA: Fih innifsu, ir-Regolament ISPA ma jwassalx għall-impenji barra mill-karta tal-bilanċ peress li ma jipprovdix għal allokkazzjoni annwali u lanqas ma jipprovdix għal allokkazzjoni totali. Dan jiġi determinat kull sena permezz ta' l-awtorità tal-baġit skond il-perspettiva finanzjarja. Il-limiti massimi fl-intestatura 7 (preadeżjoni) mhumiex miri ta' l-infiq u l-Ftehim Interistituzzjonali jħalli grad ta' flessibilità bejn id-diversi strumenti ta' qabel l-adeżjoni. Min-naħa l-oħra, l-ISPA tiġġenera obbligazzjonijiet kontinġenti fir-rigward tal-proġetti individwali peress illi huma jinvolvu numru ta' partijiet annwali li minnhom l-ewwel waħda biss hija koperta minn impenn tal-baġit meta d-deċizzjoni hija adottata.

- **5.12.4:** L-Istrument Temporanju ta' l-Iżvilupp Rurali (TRDI) għall-Istati Membri l-ġodda huwa ffinanzjat taħt l-EAGGF Garanzija u jkopri l-perjodu 2004 sa 2006. Huwa ffinanzjat taħt approprazzjonijiet iddivrenzjati u impenji annwali jsiru awtomatikament matul kull sena fuq il-bażi tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm. L-ebda deċiżjoni annwali addizzjonali mhija meħtieġa. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tirrappreżenta l-mira tan-nefqa u l-allokkazzjoni kollha hija intiża sabiex tintlaħaq minn deċiżjonijiet.
- **5.12.5:** L-impenji magħmula taħt protokollu finanzjarji ma' pajjiżi tal-Mediterran li mhumiex membri: l-ammont inkluż hawnhekk huwa d-differenza bejn l-ammont totali tal-protokollu ffirmati u l-ammont ta' l-impenji tal-baġit li ddaħħlu fil-kontijiet. Dawn il-Protokollu huma trattati internazzjonali li ma jistgħux jitħassru mingħajr ftehim taż-żewġ partijiet, għalkemm il-proċess (ta' l-għeluq tagħhom) huwa kontinwu.
- **5.12.6 & 5.12.7:** Impenji li saru ma' terzi partijiet speċifikati għal operazzjonijiet oħra taħt azzjonijiet esterni u dwar is-sajd, fir-rigward ta' ammonti speċifiċi matul perjodu fiss.

Il-programmi l-oħra multiannwali ma fihom l-ebda impenji li għandhom jiġu inklużi taħt il-passiv kontinġenti: in-nefqa fis-snin futuri hija kkundizzjonata mid-deċiżjonijiet annwali ta' l-awtorità tal-baġit jew minn bidliet fir-regoli kkonċernati.

5.13 KONTRIBUZZJONIJIET GĦAL ORGANIZZAZZJONIJIET RELATATI

Din is-somma tirrappreżenta ħlasijiet pendenti fuq kapital li mhux imsejjaħ sottoskritt mill-Kummissjoni.

5.13.1 Kapital ta' ishma mhux imsejjaħ: EBRD

EUR miljuni

EBRD	Kapital totali EBRD	Sottoskrizzjoni tal-Kummissjoni
Kapital	19 794	600
Imħallsa	- 5 198	- 157
Mhux Imsejjaħ	14 596	443

5.13.2 Kapital ta' ishma mhux imsejjaħ: EIF

EUR miljuni

EIF	Total kapital EIF	Sottoskrizzjoni tal-Kummissjoni
Kapital	2 000	600
Imħallsa	- 400	- 120
Mhux Imsejjaħ	1 600	480

5.13.3 Kapital ta' ishma mhux imsejjaħ: impriża konġunta Galileo

Il-kapital kollu (650 miljun EUR) tħallas mill-Kummissjoni. L-Impriża Konġunta Galileo hija f'likwidazzjoni sa mill-1 ta' Jannar 2007, kif kien previst. L-attivitajiet tagħha qed jiġu trasferiti lill-aġenzija GNSS. Fir-rigward ta' din il-likwidazzjoni, 70 miljun EUR ġew trasferiti għall-aġenzija GNSS fid-29 ta' Diċembru 2006. Dan it-trasferiment ta' flus likwidi kkonstitua parzjalment fi ħlas lura ta' kapital ta' 12-il miljun EUR.

5.14 IMPENJI TA' KIRJIET OPERATTIVI

Din l-intestatura tkopri bini u tagħmir ieħor mikri taħt kuntratti ta' kirjiet operattivi li ma jilhqax il-kundizzjonijiet għad-dħul fl-assi tal-karta tal-bilanċ. L-ammonti indikati jikkorrispondu ma' impenji li għadhom iridu jitħallsu matul it-terminu tal-kuntratti.

IMPENJI TA' KIRJIET OPERATTIVI

EUR miljuni

Deskrizzjoni	Imniżżla bħala spejjeż matul is-sena	Ammonti futuri li għandhom jitħallsu			
		< 1 sena	1 — 5 snin	> 5 snin	Total
Bini	219	203	684	755	1 642
Materjali ta' l-IT u tagħmir ieħor	12	10	8	0	18
Total	231	213	692	755	1 660

6. ĠESTJONI TAR-RISKJU FINANZJARJU

KUMMISSJONI EWROPEA U FOND TA' GARANZIJA

l-iżvelar li ġej jirrigwarda l-attivitajiet ta' għoti u teħid b'self tal-Kummissjoni Ewropea permezz ta' l-Assistenza Makrofinanzjarja (MFA) u Euratom, flimkien mal-Fond ta' Garanzija.

6.1 POLITIKA TA' ĠESTJONI TAR-RISKJU U ATTIVITAJIET TA' HEDGING

MFA & Euratom:

It-tranżazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self, flimkien mal-ġestjoni relatata tat-teżor, jitwettqu mill-Komunitajiet skond id-Deċiżjonijiet rispettivi tal-Kunsill tal-Euratom (⁽¹⁾), jekk applikabbli, u l-linji gwida interni.

Manwali ta' proċedura bil-miktub li jkopru oqsma bħall-għoti u teħid tas-self u ġestjoni tat-teżor ġew żviluppati u huma użati mill-unitajiet rilevanti operattivi. Riskji finanzjarji u operazzjonali huma identifikati u valutati u l-qbil mal-linji ta' gwida u proċeduri interni huma verifikati regolament.

Bħala regola ġenerali, ma jsiru l-ebda attivitajiet ta' hedging ladarba l-operazzjonijiet ta' għoti b'self huma ffinanzjati minn operazzjonijiet "back to back" u għaliex ma teżisti l-ebda pożizzjoni miftuħa ta' muniti.

Fond ta' Garanzija:

Ir-regoli u l-prinċipji tal-ġestjoni ta' l-assi tal-Fond tal-Garanzija (ara t-Taqsima E 2.3.2) huma stipulati fil-Konvenzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew ta' l-Investment (EIB) datata 25 ta' Novembru 1994 u l-emendi sussegwenti datati 17/ 23 ta' Settembru 1996 u 8 ta' Mejju 2002.

Il-prinċipji ewlenin, kif jirriżultaw b'mod dirett mill-Konvenzjoni, huma s-segwenti:

- Il-Fond ta' Garanzija jopera f'munita waħda: l-EURO. L-investment għandu jsir biss f'din il-munita sabiex jiġi evitat kull riskju tar-rata tal-kambju.
- Il-ġestjoni ta' l-assi tkun ibbażata fuq ir-regoli tradizzjonali tal-prudenza li jiġu osservati għall-attivitajiet finanzjarji. Tingħata attenzjoni partikolari sabiex jitnaqqsu r-riskji u sabiex jiġi żgurat li l-assi li jiġu ġestiti jkollhom grad suffiċjenti ta' likwidità u trasferibilità, filwaqt li jittieħed kont ta' l-impenji li magħhom ikollu x'jaqsam il-Fond ta' Garanzija.
- Il-Fond ta' Garanzija ser ikun f'pożizzjoni li juża l-istrumenti kollha ta' hedging kontra r-riskji tas-suq u l-interessi, li huma diġà użati mid-Diviżjoni tal-Portafoll ta' l-EIB.
- Il-ġestjoni tal-portafoll tkun ibbażata fuq it-tul ottimali u fuq l-aħjar allokkazzjoni possibbli bejn il-medda qasira u dik twila, sabiex jittieħed l-akbar vantaġġ mill-kurva tar-rati. Sabiex tkun f'pożizzjoni li t-tul taż-żmien tal-portafoll jiġi modifikat malajr skond it-tbassir tal-kundizzjonijiet futuri tas-suq, il-promotur ser juża, bl-għan esklussiv ta' hedging, l-istrumenti disponibbli fuq is-suq dwar liema l-EIB diġà għandu l-esperjenza meħtieġa.

6.2 RISKJU TAL-KAMBJU

Peress illi l-assi u l-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha huma denominata f'euro, il-Komunitajiet ma jesponux il-pożizzjoni finanzjarja u l-fluss tal-likwidità tagħhom għall-effetti taċ-ċaqliq fir-rati tal-kambju ta' muniti barranin.

(¹) 90/212/Euratom: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' April 1990 li temenda d-Deċiżjoni 77/271/Euratom dwar l-implimentazzjoni ta' Deċiżjoni 77/270/Euratom li tagħti l-poter lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom għall-għanijiet ta' kontribuzzjoni għall-finanzjar ta' "power stations" nukleari, Ġurnal Uffiċjali L 112, 3.5.1990, P. 26;
77/271/Euratom: Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Marzu 1977 fuq l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 77/270/Euratom li tagħti poter lill-Kummissjoni li toħroġ self tal-Euratom għall-għanijiet ta' kontribuzzjoni għall-finanzjar ta' "power station" nukleari, Ġurnal Uffiċjali L 88, 6.4.1977, P. 11;
94/179/Euratom: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 1994 li temenda d-Deċiżjoni 77/270/Euratom, sabiex tawtorizza l-Kummissjoni li tikkuntratta tislif għal Euratom sabiex tikkontribwixxi għall-iffinanzjar rikjest sabiex jiġi mtejjeb il-grad ta' sigurtà u effiċjenza ta' power stations nukleari f'ċerti pajjiżi li m'humiex membri, Ġurnal Uffiċjali L 84, 29.3.1994, P. 41 — 43

6.3 RISKJU TAR-RATI TA' L-INTERESSI

Minħabba n-natura ta' l-attivitajiet tagħhom ta' għoti u teħid ta' self, il-Komunitajiet għandhom ammont sinifikanti ta' assi u obbligazzjonijiet li jgħorru l-interessi.

MFA & Euratom:

Teħid b'self magħmul b'rati varjabbli jesponi lill-Komunitajiet għar-riskju tar-rata ta' l-interessi relattiva għall-fluss tal-likwidità. Dawn jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 94 % tal-volum totali ta' l-ammonti meħuda b'self. Madankollu, ir-riskji tar-rati tal-kambju li jirriżultaw mis-self huma kkumpensati b'ammonti mogħtija b'self f'termini u kundizzjonijiet (operazzjonijiet "back-to-back"). Dakinhar tad-data tal-karta tal-bilanċ, il-Komunitajiet kellhom self (li jiġi espress f'ammonti nominali) b'rati varjabbli ta' EUR 1.32 biljun (2005: EUR 1.38 biljun), bil-prezzijiet jiġu stabbiliti mill-ġdid kull sitt xhur. Il-Komunitajiet għandhom ukoll ammonti mogħtija b'self (li jiġu espressi f'ammonti nominali) b'rati fissi għal 85 miljun EUR fl-2006 (2005: 85 miljun EUR), li għandhom data ta' skadenza ta' aktar minn ħames snin.

Fond ta' Garanzija:

Strumenti ta' *hedging* jistgħu jintużaw sabiex jamministraw ir-riskju (tas-suq) tar-rati ta' l-interessi għall-Fond ta' Garanzija. Madanakollu kif miftiehem mill-Kummissjoni u l-EIB, l-ebda riskju sinifikanti ma qiegħed jittieħed bħalissa u għalhekk m'hu qed isir ebda *hedging*. Peress illi t-tranżazzjonijiet u l-operazzjonijiet huma denominati fl-Euro biss, l-ebda *hedging* ieħor m'huwa meħtieġ. Id-distribuzzjoni tal-holdings tal-Fond ta' Garanzija fil-31 ta' Diċembru 2006 u 2005 (il-valur tas-suq mingħajr l-interessi dovuti) hija murija b'dettall fit-tabella:

Segmenti	Titoli b'rata fissa						Titoli b'rata varjabbli EUR m		TOTAL EUR m	
	Anqas minn 3 xhur EUR m		3 xhur sa sena EUR m		1 sa 10 snin EUR m		2006	2005	2006	2005
	2006	2005	2006	2005	2006	2005				
Kontijiet kurrenti	1	2	0	0	0	0	0	0	1	2
Depożiti għal żmien qasir — nominali	437	314	0	0	0	0	0	0	437	314
Assi disponibbli għall-bejgħ	57	25	51	83	733	791	76	84	917	983
TOTAL	495	341	51	83	733	791	76	84	1 355	1 299
Perċentwali	36 %	26 %	4 %	6 %	54 %	61 %	6 %	7 %	100 %	100 %

Fil-31 ta' Diċembru 2006, għall-flus likwidi u ekwivalenti (depożiti bi żmien fiss), ir-rata ta' interessi effettiva tvarja bejn 3.39 % u 3.63 %. Għall-portafoll tat-titoli Disponibbli-għall-Bejgħ (AFS), ir-rata effettiva ta' interessi tvarja bejn 2.94 % u 5.52 %.

6.4 RISKJU TAL-KREDITU

Il-Komunitajiet għandhom espożizzjoni għal riskju ta' kreditu, li huwa r-riskju li kontroparti ma tkunx f'pożizzjoni li tħallas ammonti meta dawn jiġu dovuti. L-espożizzjoni għal riskju ta' kreditu hija ġestita, l-ewwel nett billi jinkisbu garanziji mill-pajjiżi fil-każ ta' Euratom, imbagħad permezz tal-Fond ta' Garanzija. Il-Fond ta' Garanzija għal azzjonijiet esterni twaqqaf fl-1994 sabiex ikopri r-riskji ta' kontumaċja relatati ma' l-ammonti meħuda b'self li jiffinanzjaw self lil pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea. Sabiex jiġi evitat kull dewmien f'pagamenti dovuti mill-Entità, dan is-self isir permezz ta' avvanzi ta' likwidità mill-baġit tal-KE. Jekk, tliet xhur wara li pagament isir dovut, jiġi kkonfermat li pajjiż li jirċivih jinsab f'kontumaċja, l-avvanzi ta' likwidità jingħataw lura lill-baġit mill-Fond ta' Garanzija għall-azzjonijiet esterni.

MFA & Euratom:

L-akbar konċentrazzjonijiet ta' riskju ta' kreditu li l-Komunitajiet għandhom huma dawk lejn il-Bulgarija, is-Serbja-Montenegro u r-Rumanija. Dawn il-pajjiżi jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 30 %, 27 % u 20 % rispettivament tal-volum totali tas-self.

Safejn għandhom x'jaqsmu l-operazzjonijiet tat-teżor, għandhom jiġu applikati linji ta' gwida fuq l-għażla tal-kontroparti. Għaldaqstant, l-unità operattiva tkun tista' tidħol fi ftehim biss ma' banek eliġibbli li jkunu parti minn "lista tan-negozju ta' banek awtorizzati" u li jkollhom limiti suffiċjenti tal-kontroparti.

Fond ta' Garanzija:

Depożiti ta' żmien fiss tal-Fond ta' Garanzija — Profil tal-kontropartijiet

Skond il-ftehim bejn il-Komunità u l-EIB fuq il-ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija, l-investimenti kollha bejn il-banek għandu jkollhom għallinqas il-klassifika ta' kreditu A1. L-investimenti ta' żmien qasir bejn il-banek, inkluż interessi dovuti, skond it-tip ta' kontroparti nhar il-31 ta' Diċembru 2005 huma kif ġej:

Klassifikazzjoni	31.12.2006		31.12.2005	
	EUR miljuni	%	EUR miljuni	%
A1	171	39 %	74	23 %
A2	0	0 %	30	10 %
Aa1	44	10 %	28	9 %
Aa2	57	13 %	37	12 %
Aa3	167	38 %	145	46 %
Total	439	100 %	314	100 %

Assi tal-Fond ta' Garanzija disponibbli għall-bejgħ — Profil ta' min joħroġhom

Il-profil ta' min joħroġhom, il-valur tas-suq minbarra l-interessi dovuti, fil-31 ta' Diċembru 2003 huma kif ġej:

Min joħroġhom	31.12.2006		31.12.2005	
	EUR miljuni	%	EUR miljuni	%
Oħrajn AAA	361	40 %	322	32 %
Supra Aaa	15	2 %	16	2 %
Gvern/Aġenziji Aaa	225	25 %	249	25 %
Gvern/Aġenziji Aa1	58	6 %	134	14 %
Gvern/Aġenziji Aa2	0	0 %	100	10 %
Gvern/Aġenziji Aa3	67	7 %	0	0 %
Gvern/Aġenziji A1	49	5 %	138	14 %
Gvern/Aġenziji A2	122	13 %	15	2 %
Gvern/Aġenziji A3	10	1 %	0	0 %
Gvern/Aġenziji Baa1	10	1 %	0	0 %
Gvern/Aġenziji NR	0	0 %	10	1 %
Total	917	100 %	984	100 %

It-titoli ta' sigurtà miżmuma jilħqu lkoll il-kriterji li ġejjin:

- Jew jinħarġu minn stati fl-Unjoni Ewropea jew minn istituzzjonijiet garantiti mill-Unjoni Ewropea, il-G10 jew korpi supranazzjonali;
- Jew jinħarġu minn stat sovrani ieħor b'rata mill-anqas ta' AA3;
- Jew jinħarġu minn xi ħadd ieħor b'rata ta' AAA.

6.5 VALUR ĠUST

Il-valur ġust stmat ta' l-ammonti mogħtija u meħuda b'self mill-MFA u l-Euratom huwa stabbilit permezz ta' mudell ta' fluss tal-likwidità skontata. Skond dan il-mudell, il-flussi futuri mistennija tal-likwidità jiġu skontati bl-applikazzjoni tal-kurvi tar-rendita AAA li huma xierqa għat-terminu rimanenti sal-maturità.

Il-valur xieraq stmat ta' ammonti mogħtija b'self b'rati li jvarjaw huwa meqjus li jqarrab l-ammont kontabbli tagħhom peress illi dawn jingħataw prezz mill-ġdid b'rati ta' interessi tas-suq kull 6 xhur.

Fid-data tal-karta tal-bilanċ, il-valur ġust stmat ta' l-ammonti mogħtija u meħuda b'self b'rata ta' interessi fissa jammonta għal 93 miljun EUR (2005: 99 miljun EUR) u 93 miljun EUR (2005: 99 miljun EUR), rispettivament, ikkomparati mal-valur kontabbli korrispondenti ta' 87 miljun EUR (2005: 87 miljun EUR) u 87 miljun EUR (2005: 87 miljun EUR), rispettivament.

6.6 POŻIZZJONI TAL-LIKWIDITÀ

It-Tabella ta' hawn taħt tipprovdi analiżi ta' l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-**Fond ta' Garanzija** skond ragruppamenti relevanti ta' maturità abbażi tal-perjodu li baqa' mid-data tal-karta tal-bilanċ sad-data tal-maturità kuntrattwali. Hija preżentata taħt il-kunsiderazzjoni l-aktar prudenti tad-dati ta' maturità. Għalhekk, fil-każ ta' l-obbligazzjonijiet tidher l-iktar data kmieni possibbli ta' pagament lura, filwaqt illi għall-assi tidher l-iktar data tardiva ta' pagament lura possibbli. Dawk l-assi u obbligazzjonijiet li m'għandhomx data tal-maturità kuntrattwali huma miġbura flimkien fil-kategorija "Maturità mhux definita".

EUR miljuni

Maturità	Anqas minn 3 xhur	3 xhur sa sena	1 sa 10 snin	Maturità mhux definita	TOTAL
Assi f'EUR:					
Kontijiet kurrenti	1	0	0	0	1
Depożiti ta' żmien qasir	439	0	0	0	439
Li minnhom interessi dovuti	2	0	0	0	2
Assi disponibbli għall-bejgħ	65	66	801	8	940
Li minnhom interessi dovuti	9	14	0	0	23
TOTAL	505	66	801	8	1 380
Obbligazzjonijiet f'EUR:					
Ekwiżità	0	0	0	1 379	1 379
Pagabbli skond il-kontijiet	1	0	0	0	1
TOTAL	1	0	0	1 379	1 380
Sitwazzjoni ta' likwidità netta fil-31.12.2006	504	66	801	(1 371)	0
Sitwazzjoni ta' likwidità kumulattiva fil-31.12.2006	504	570	1 371	0	

KOMUNITAJIET EWROPEJ TAL-FAĦAM U L-AZZAR (f'likwidazzjoni)

L-informazzjoni li ġejja tirrigwarda għoti u teħid b'self, u kif ukoll attivitajiet tat-teżor imwettqa mill-Komunitajiet Ewropej permezz tal-Komunitajiet Ewropej tal-Faħam u l-Azzar (f'likwidazzjoni).

6.7 POLITIKA TA' ĠESTJONI TAR-RISKJU U ATTIVITAJIET TA' HEDGING

Wara li skada t-Trattat tal-KEFA fit-23 ta' Lulju 2002, f'konformità mad-Deċiżjoni 2003/ 76/ KE li l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-KEFA jgħaddu għand il-Komunità Ewropea, u li l-likwidazzjoni ta' l-obbligazzjonijiet tal-KEFA tiġi ġestita mill-Kummissjoni. Għalhekk, l-ebda self ġdid u l-ebda finanzjament korrispondenti ma huma previsti għall-KEFA f'likwidazzjoni. Self ġdid mill-KEFA huma ristretti għal finanzjar mill-ġdid bl-għan li titnaqqas l-ispiża tal-fondi.

Il-ġestjoni ta' l-assi u l-obbligazzjonijiet issir mill-Kummissjoni skond linji gwida interni. Manwali ta' proċeduri miktuba li jkopru oqsma speċifiċi bħall-ġestjoni tat-teħid u l-għoti tas-self u tat-teżor ġew żviluppatti u jintużaw mill-unitajiet operattivi relevanti. Riskji finanzjarji u operazzjonali huma identifikati u valutati u l-konformità mal-linji ta' gwida u proċeduri interni huma verifikati regolarment.

Sa fejn għandhom x'jaqsmu operazzjonijiet tat-teżor, il-prinċipji ta' ġestjoni prudenti bil-ħsieb li jitnaqqsu riskji operattivi, riskji tal-kontroparti u riskji tas-suq għandhom jiġu applikati. L-investimenti huma ristretti fil-prinċipju għall-kategoriji li ġejjin: depożiti ta' żmien mal-banek, strumenti tas-suq tal-flus, bonds b'rati fissi u li jvarjaw.

Il-limiti ewlenin ta' l-investment skond il-kategorija huma kif ġej:

- Għal depożiti taż-żmien, l-anqas minn jew 100 miljun EUR għal kull bank jew 5 % tal-fondi proprji tal-bank sakemm il-klassifikazzjoni rispettiva għall-medda qasira tkun mill-anqas ta' A-1 (S&P) jew ekwivalenti;
- Għal Bonds maħruġa jew garantiti minn Stati Membri jew istituzzjonijiet ta' l-Unjoni sa 250 miljun EUR għal kull Stat Membru jew istituzzjoni skond il-klassifikazzjoni tagħhom;
- Għal bonds maħruġa minn entitajiet sovrani jew sopranazzjonali oħrajn bi klassifikazzjoni tal-kreditu ta' mhux anqas minn AA (S&P) jew ekwivalenti sa 100 miljun EUR għal kull entità li toħroġ jew tiggarrantixxi l-bonds;
- Għal bonds maħruġa minn entitajiet li għandhom klassifikazzjoni ta' mhux anqas minn AA jew AAA (S&P) jew ekwivalenti, sa 25 jew 50 miljun EUR rispettivament, skond il-klassifikazzjoni u l-istatus ta' min joħroġhom.

Il-KEFA f'likwidazzjoni tuża strumenti finanzjarji derivattivi sabiex tagħmel hedging ta' xi espożizzjonijiet għar-riskju. Deskrizzjoni dettaljata ta' dawn l-istrumenti finanzjarji tista' tinstab fin-nota **E 2.3.3.2**.

6.8 RISKJU TAS-SUQ

6.8.1. Riskji tal-kambju tal-muniti

Il-KEFA f'likwidazzjoni hija esposta għal riskju tal-kambju barrani kkawżat minn espożizzjonijiet tal-munita fir-rigward tad-Dollari Amerikan u l-Isterlina Ingliża. Din it-tabella tippreżenta fil-qosor l-espożizzjoni tal-KEFA f'likwidazzjoni għar-riskji tal-kambju tal-muniti barranin fil-31 ta' Diċembru 2006.

Inklużi fit-tabella hemm l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-KEFA f'likwidazzjoni fil-valuri nominali tagħhom ekwivalenti għall-Euro, kategorizzati skond il-munita.

	EUR MILJUNI	
	GBP	USD
Assi	227	76
Obbligazzjonijiet	(312)	(76)
Pożizzjoni netta tal-karta tal-bilanċ	(85)	0
<i>Effett ta' swaps ta' rati ta' interessi bejn il-muniti</i>	89	—
Espożizzjoni netta	4	0

Il-pożizzjoni ta' l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-GBP hija prinċipalment magħmula mis-somma ekwivalenti fl-euro ta' 152.6 miljun EUR, titoli tad-dejn li mhumiex ikkwotati maħruġa mill-Bank Ewropew ta' l-Investment bħala sostitut ta' debitor f'kontumaċja (ara n-nota **E2.4.2**). Skond il-Manwal ta' Proċeduri, ix-xiri ta' l-euro huwa l-unika operazzjoni ta' kambju barrani awtorizzat għall-kummerċ tal-KE. Kull eċċezzjoni għal din ir-regola trid tiġi ġġustifikata.

6.8.2. Riskju tal-prezz

Il-KEFA f'likwidazzjoni hija esposta għar-riskju tal-prezz tat-titoli tad-dejn minħabba investimenti kklassifikati fuq il-karta tal-bilanċ bħala disponibbli għall-bejgħ.

6.9 RISKJU TAR-RATI TA' L-INTERESSI

Ir-riskju tar-rati ta' l-interessi tal-fluss tal-likwidità huwa r-riskju li l-flussi tal-likwidità futuri jvarjaw minħabba bidliet fir-rati ta' l-interessi tas-suq. Riskju ta' l-interessi tal-valur ġust huwa r-riskju li l-valur ta' l-istrument finanzjarju jvarja minħabba bidliet fir-rati ta' l-interessi tas-suq. Minħabba n-natura ta' l-attivitajiet tagħha, il-KEFA f'likwidazzjoni hija esposta għall-effetti tal-varjazzjonijiet fil-livelli prevalenti tar-rata ta' interessi tas-suq fuq ir-riskji tal-valur ġust tagħha u kif ukoll tal-fluss tal-likwidità.

(a) *Self mogħti minn fondi meħuda b'self*

Ir-riskji tar-rata ta' interessi li jiġu mit-teħid b'self huma ġeneralment paċuti b'għoti b'self li jkun ekwivalenti fit-termini u fil-kundizzjonijiet (operazzjonijiet *back-to-back*). Jekk ma tkunx tista' ssir tpaċija perfetta, strumenti finanzjarji derivattivi jintużaw sabiex inaqqsu l-espożizzjoni għaċ-ċaqliq tar-rati ta' l-interessi (ara nota E 2.3.3.2)

(b) *Titoli tad-dejn*

Titoli tad-dejn maħruġa b'rati varjabbli jesponu lill-KEFA f'likwidazzjoni għar-riskju tar-rata ta' l-interessi tal-flussi tal-likwidità filwaqt illi t-titoli tad-debitu b'rati fissi jesponu lill-Komunità għal riskju tar-rata ta' interessi tal-valur ġust. Bonds ta' rati fissi jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 93 % tal-portafoll ta' l-investment nhar id-data tal-karta tal-bilanċ (2005: 85 %).

Din it-tabella turi d-distribuzzjoni tal-holdings tal-KEFA f'likwidazzjoni (il-valur tas-suq esklużi l-interessi dovuti) fil-31/ 12/ 2006:

Segmenti	Investimenti b'rata fissa			Titoli b'rata varjabbli EUR	TOTAL EUR
	Anqas minn 3 xhur EUR	3 xhur sa sena EUR	1 sa 10 snin EUR		
Kontijiet kurrenti	3	0	0	0	3
Depożiti ta' żmien qasir — nominali	53	0	0	0	53
Portafoll AFS	30	88	1 154	102	1 374
TOTAL	86	88	1 154	102	1 430
<i>Perċentwali</i>	6 %	6 %	81 %	7 %	100 %

Miljuni

Fil-31/12/2006, l-interessi dovuti kienu jammontaw għal 27 miljun EUR għall-portafoll ta' l-AFS.

(c) *Analiżi tas-sensittività għar-rati ta' l-interessi*

Il-prezz tas-suq ta' titolu tad-dejn jiddependi fuq it-tul taż-żmien sal-maturità, il-kupun tiegħu u r-rendita effettiva sal-maturità. Għall-finijiet *tax-shock analysis*, it-titoli kollha tad-dejn tal-portafoll (inklużi l-Biljetti b'Rata Varjabbli) jingħataw prezz darba skond ir-rendita effettiva, imbagħad jergħu jingħataw prezz skond rendita li taqbeż 'il fuq b'100 bps. Il-bidla fil-prezz tas-suq hija t-telf ipotetiku rappurtat *tax-shock analysis*. Il-qabża parallela ta' 100 bps titqies li ġrat b'mod istantanju, l-ebda medda ta' żmien ma huwa kkunsidrat. Nhar il-31 ta' Diċembru 2006 dan it-telf ipotetiku kien ta' madwar 54 miljun EUR.

6.10 RISKJU TAL-KREDITU

Il-KEFA f'likwidazzjoni tesponi ruħha għar-riskju ta' kreditu li huwa r-riskju li kontroparti ma tkunx tista' tħallas l-ammonti kollha meta dovuti. Għandhom jiġu applikati linji gwida fuq l-għażla tal-kontropartijiet. Għaldaqstant, l-unità operattiva tkun tista' tidħol fi ftehimiet biss ma' banek eliġibbli li jkunu parti minn "lista tan-negożju ta' banek awtorizzati" u li jkollhom limiti suffiċjenti tal-kontraparti. L-espożizzjoni għar-riskju ta' kreditu hija ġestita permezz ta' analiżi regolari tal-kapaċità ta' min jissellef li jaasal għall-obbligi tal-ħlas ta' l-interessi u tal-ħlas lura tal-kapital. Espożizzjoni għar-riskju tal-kreditu hija wkoll ġestita bil-kisba ta' garanziji kollaterali kif ukoll garanziji tal-pajjiż, korporattivi u personali. Fil-31 ta' Diċembru 2005, 354 miljun EUR kienu jitqassmu kif ġej (f'miljun EURi ta' EUR):

	Ammont Nominali (miljuni)
Self mogħti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu	49
Self mogħti lill-klijenti	305
Total	354

60 % ta' l-ammont totali li fadal jitħallas huwa kopert minn garanziji minn Stat Membru jew korpi ekwivalenti (istituzzjonijiet pubbliċi jew gruppi industrijali fil-qasam pubbliku fl-Istati Membri). 15 % tas-self dovut ingħata lil banek jew ġew garantiti minn banek. 5 % tad-debitu dovut (17 miljun EUR) huwa magħmul minn self mogħti lill-uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet Ewropej minn dak li qabel kien il-fond ta' pensjoni tal-KEFA (fit-tabella mqassra ta' hawn fuq, is-self lill-uffiċjali huwa inkluż fis-self lill-klijenti), li huwa kopert minn assigurazzjonijiet dwar il-ħajja u d-diżabbiltà u s-salarji rispettivi.

Il-bilanċ tas-self li fadal biex jitħallas, jiġifieri 20 % għandu jiġi kkunsidrat bħala li jippreżenta grad oġhla ta' riskju. Dan ifisser li l-garanziji li ngħataw (bonds ta' garanziji ippreżentati minn gruppi industrijali privati u garanziji oħra speċjali) ġeneralment ma jipprovdux l-istess livell ta' sigurtà fil-każ ta' problemi.

Minn perspettiva ta' likwidità, is-self mogħti fuq fondi msellfa kienu koperti għal kollox minn dispożizzjoni għar-riskji u piżijiet imsejħa il-“Fond ta' Garanzija”. Permezz ta' l-applikazzjoni tar-regoli ġodda ta' kontabilità, din id-dispożizzjoni ġiet sostitwita mill-1 ta' Jannar 2005 b'riżerva apposta. Din ir-riżerva tammonta għal 206 miljun EUR nhar il-31 ta' Diċembru 2006.

Is-self mogħti b'fondi proprji kienu koperti minn riżerva oħra, li qabel kienet magħrufa bħala “Riżerva Speċjali KEFA”. Din ir-riżerva speċjali tammonta għal 56 miljun EUR nhar il-31 ta' Diċembru 2006.

(a) *Flus likwidi u depożiti ma' istituzzjonijiet tal-kreditu — profil tal-kontroparti*

Fid-data tal-karta tal-bilanċ, 42 % u 58 % tad-depożiti u tal-bilanċi tal-kontijiet kurrenti jiġu mqiegħda ma' banek ikklassifikati (Fitch) F1+ (jew ekwivalenti) u F1 (jew ekwivalenti), rispettivament. Id-depożiti u l-bilanċi ta' kontijiet kurrenti kollha jinżammu ma' banek ġewwa l-OECD.

(b) *Għoti b'self u avvanzi — profil ta' dawk li jissellfu*

Konċentrazzjonijiet ġeografiċi tas-self mogħti minn fondi missellfa (espressi fl-ammont nominali dovut) fid-data tal-karta tal-bilanċ huma kif ġej: Għandha tittieħed nota wkoll tal-fatt li dawn l-ammonti mislufa kienu appoġġjati minn garanziji ta' korpi pubbliċi, banek jew gruppi industrijali minbarra għar-Renju Unit fejn ma ġew riċevuti l-ebda garanziji.

EUR miljuni

	31 ta' Diċembru 2006	Numru ta' ammonti mislufa
Il-Greċja	76	1
Franza	134	2
L-Italja	2	12
Ir-Renju Unit	70	1
Total	282	16

Wara r-ristrutturar tad-djun ta' debitur li naqas mill-ħlas fl-1998, il-Kummissjoni akkwistat 152.6 miljun EUR f'biljetti negozjabbli mill-Bank Ewropew ta' l-Investment (klassifikati AAA) sabiex jiġi stabbilit mill-ġdid il-karattru *back-to-back* tat-tranżazzjoni ta' l-għoti/it-teħid b'self u għalhekk jiġi kopert ir-riskju tar-rata ta' l-interessi u tal-muniti. Dawn il-biljetti negozjabbli mhumiex inklużi fit-tabelli t'hawn fuq.

Fir-rigward tal-konċentrazzjonijiet ġeografiċi ta' l-ammonti mislufa fuq mill-fondi proprji — mingħajr self lil uffiċjali ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej — (espressi fl-ammont nominali pendenti tagħhom) fid-data tal-karta tal-bilanċ, 50 % tat-total ta' 56 miljun EUR huma mogħtija fil-Ġermanja, bil-bqija jitqassmu madwar it-13-il Stat Membru ta' l-UE. Is-self kollu kien appoġġjat b'garanziji.

(c) *Strumenti finanzjarji derivattivi — profil tal-kontropartijiet Ara n-nota E 2.3.3.2*

(d) *Titoli disponibbli għall-bejgħ — profil ta' dawk li joħroġhom*

Detalji tat-titoli tad-dejn (espressi fil-valur xieraq tagħhom) bit-tip ta' entità li toħroġhom u bil-klassifikazzjoni (ta' Standard & Poor) fid-data tal-karta tal-bilanċ huma s-segwenti:

EUR miljuni

	31 ta' Diċembru 2006	%
Sovrani	452	32
Organizzazzjonijiet Multinazzjonali	58	4
Banek u Istituzzjonijiet Finanzjarji	695	50
Entità Pubblika Oħra	196	14
Total	1 401	100

	EUR miljuni	
	31 ta' Diċembru 2006	%
AAA	806	58
AA+	133	10
AA	190	13
AA-	12	1
A+	93	6
A-	86	6
BBB+	81	6
Total	1 401	100

Fir-rigward tal-konċentrazzjonijiet ġeografiċi tat-titoli tad-dejn (espressi fil-valur ġust tagħhom) fid-data tal-karta tal-bilanċ 19 % huma fil-Ġermanja, 9 % fi Spanja, 8 % fir-Renju Unit, 7 % fi Franza u 6 % kull wieħed fl-Awstrija, l-Ungerija u l-Istati Uniti. Il-bqija huma mqassma madwar l-Istati Membri ta' l-UE.

6.11 RISKJU TAL-LIKWIDITÀ

Ir-riskju tal-likwidità li jiġi minn ammonti missellfa huwa ġeneralment paċut minn ammonti mislufa b'termini u kundizzjonijiet ekwivalenti (operazzjonijiet *back-to-back*). Fil-każ li ma jistax jintlaħaq qbil perfett, strumenti finanzjarji derivattivi jiġu użati sabiex jiġi paċut il-fluss tal-likwidità.

Għall-ġestjoni ta' l-assi tal-KEFA flikwidazzjoni, il-Kummissjoni tiġġestixxi rekwiżiti tal-likwidità bbażati fuq it-tbassir ta' nfiq fuq medda ta' 11-il sena miksub permezz ta' konsultazzjonijiet mas-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni. Investimenti jsiru f'dan il-kuntest sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti annwali rispettivi.

6.12 VALUR ĠUST

Għoti u Teħid b'Self

Il-valur ġust stmat ta' l-għoti u t-teħid b'self huwa determinat bl-użu ta' mudell tal-fluss tal-likwidità skontata. Skond dan il-mudell, flussi futuri mistennija tal-likwidità jiġu skontati bl-applikazzjoni tal-kurvi tar-rendita AAA xierqa għaż-żmien li jkun baqa' għall-maturità.

Il-valur ġust stmat ta' l-ammonti mislufa b'rata ta' interessi li tvarja huwa meqjus li jilħaq bejn wieħed u ieħor l-ammont kontabbli tagħhom peress illi l-prezzijiet ġodda bir-rati ta' l-interessi tas-suq isiru kull 3 jew 6 xhur.

Il-valur xieraq stmat ta' l-ammonti mislufa u missellfa b'interessi fissi ma setgħux jinkisbu peress illi d-data meħtieġa sabiex jiġu kalkulati dawn il-valuri ma kenitx disponibbli.

Titoli disponibbli għall-bejgħ

It-titoli disponibbli-għall-bejgħ huma ppreżentati bil-valur ġust li huwa l-prezz tas-suq flimkien ma' l-interessi dovuti.

Strumenti finanzjarji mkejla bil-valur ġust

L-ammont totali tal-bidla fil-valur ġust stmat permezz ta' teknika ta' valutazzjoni li ġiet rikonoxxuta fil-kont tar-riżultat ekonomiku matul is-sena huwa 1.03 miljun EUR (telf nett) meta mqabbla ma' 1.57 miljun EUR (profitt nett) fl-2005. Ma hemmx strumenti finanzjarji mkejla bil-valur ġust permezz ta' teknika ta' valutazzjoni li mhijiex appoġġjata minn prezzijiet jew rati tas-suq li jiġu osservati.

Ammonti riċevibbli u pagabbli

Dawn huma fondi tal-Komunitajiet li ġew imħallsa lura mill-benefiċjarji. Ħlas lura ta' ħlasijiet fuq il-kont huma mniżżla bħala dħul assenjat (Artikoli 10 u 18(2) tar-Regolament Finanzjarju) u jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem mingħajr limitu. Fil-qasam tal-Fondi Strutturali r-reiskrizzjoni hija bbażata fuq Deċiżjoni tal-Kummissjoni (Artikolu 18(2) tar-Regolament Finanzjarju u Artikolu 228 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tagħha).

1.5 KOMPOŻIZZJONI TA' L-APPROPRJAZZJONIJET DISPONIBBLI:

- *Approprjazzjonijiet finali tal-baġit* = approprjazzjonijiet inizjali tal-baġit adottati + approprjazzjonijiet tal-baġit ta' emenda + trasferimenti;
- *Approprjazzjonijiet addizzjonali* = dħul assenjat (ara aktar 'il fuq) + approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel jew li jkunu reġgħu saru disponibbli wara diżimpenji;
- *Approprjazzjonijiet totali awtorizzati* = approprjazzjonijiet finali tal-baġit + approprjazzjonijiet addizzjonali;
- *Approprjazzjonijiet għas-sena* (kif użati biex jiġi kkalkulat ir-riżultat tal-baġit) = approprjazzjonijiet finali tal-baġit + dħul assenjat.

1.6 IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

L-Artikolu 48(1) tar-Regolament Finanzjarju jgħid: "il-Kummissjoni għandha timplimenta... il-baġit skond dan ir-Regolament, fuq ir-responsabbiltà tagħha stess u fil-limiti ta' l-approprjazzjonijiet awtorizzati."

L-Artikolu 50 jgħid li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istituzzjonijiet il-poteri meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-sezzjonijiet tal-baġit li jkkonċernaw lilhom.

1.6.1 *Eżekuzzjoni tad-dħul*

Il-baġit juża l-previżjonijiet tad-dħul suġġetti għal kwalunkwe bdil li jirriżulta mill-adozzjoni tal-baġits ta' emenda li jaġġustaw il-previżjonijiet tal-baġit inizjali skond it-tnaqqis jew żieda fid-dħul stabbilit matul l-implementazzjoni. Id-dħul tal-baġit ikopri l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet.

Ir-riżultat ta' l-eżekuzzjoni tad-dħul jinkludi intitolamenti stabbiliti, dħul effettivament miġbur minn dawn l-intitolamenti stabbiliti u l-bilanċ li jkun għad irid jiġi rkuprat.

Id-dħul effettiv għas-sena finanzjarja jikkorrispondi mad-dħul miġbur minn intitolamenti stabbiliti matul il-kors tas-sena u ammonti miġbura minn intitolamenti li jkunu għadhom iridu jiġu rkuprati mis-snin ta' qabel.

1.6.2. *Eżekuzzjoni tan-nefqa*

Bħal ma jsir bid-dħul, in-nefqa hija prevista fil-baġit inizjali. L-eżekuzzjoni tan-nefqa turi kif l-appropriazzjonijiet għall-impenn (¹) u l-appropriazzjonijiet għall-ħlas (²) ikunu mibdula, użati, trasferiti 'l quddiem u jaqgħu matul is-sena.

— **Użu ta' l-appropriazzjonijiet**

Appropriazzjonijiet għall-impenni: L-appropriazzjonijiet awtorizzati huma disponibbli matul is-sena finanzjarja għad-dħul f'impenni.

Appropriazzjonijiet għall-ħlas: L-appropriazzjonijiet awtorizzati huma disponibbli matul is-sena finanzjarja biex isiru ħlasijiet.

— **Trasferimenti 'l quddiem għas-sena ta' wara:**

Appropriazzjonijiet għall-impenn:

Xi tipi ta' appropriazzjonijiet li ma jkunux impenjati jistgħu jkunu trasferiti 'l quddiem awtomatikament, kif inhu l-każ bid-dħul assenjat (Artikolu 10 tar-Regolament Finanzjarju).

Trasferimenti 'l quddiem jistgħu jkunu awtorizzati mill-Istituzzjonijiet:

- jekk il-biċċa l-kbira ta' l-istadji preparatorji tal-proċeduri ta' impenn ikunu tlestew sal-31 ta' Diċembru (Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament Finanzjarju); jew
- jekk il-bażi legali tkun adottata fl-aħħar kwart tas-sena finanzjarja (Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju.)

L-awtorità tal-baġit għandha tkun notifikata b'din id-deċiżjoni (Artikolu 9(5) tar-Regolament Finanzjarju).

Appropriazzjonijiet għall-ħlas:

Kif inhu l-każ għall-appropriazzjonijiet għall-impenni, appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet mhux użati li jkunu ġejjin minn dħul assenjat jiġu trasferiti 'l quddiem awtomatikament.

- appropriazzjonijiet mhux differenzjati: it-trasferiment 'il quddiem huwa ġeneralment awtomatiku jekk ikun biex jiġu koperti impenji pendenti (Artikolu 9(4) tar-Regolament Finanzjarju);
- appropriazzjonijiet differenzjati: appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet li ma jiġux użati normalment jiskadu; madankollu, huma jistgħu jiġu trasferiti 'l quddiem b'deċiżjoni tal-Kummissjoni jekk l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet tas-sena finanzjarja ta' wara ma jkunux ikopru l-impenni eżistenti jew impenji marbuta ma' appropriazzjonijiet għall-impenni li jkunu huma stess ġew trasferiti 'l quddiem (Artikolu 9(3) tar-Regolament Finanzjarju).

— **Kanċellazzjoni ta' l-appropriazzjonijiet:**

Kwalunkwe appropriazzjoni għall-impenni u għall-ħlasijiet mhux użata u mhux trasferita 'l quddiem hija kkanċellata fl-aħħar tas-sena (Artikolu 9(1) tar-Regolament Finanzjarju).

(¹) Appropriazzjonijiet għall-impenni + appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

(²) Appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet + appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

1.7 RIŻULTAT TA' L-EŻEKUZZJONI TAL-BAĠIT GĦAS-SENA

1.7.1 Dħul

L-ammonti ta' riżorsi proprji u kontribuzzjonijiet finanzjarji mdaħħla fil-kontijiet huma daww kreditati matul is-sena għall-kontijiet miftuħa fisem il-Kummissjoni mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.

Id-differenzi bejn l-ammont ta' riżorsi proprji tal-VAT, ir-riżorsi bbażati fuq id-DGN u l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mniżżla fil-baġit u l-ammont li hu fil-fatt dovut huma kkalkulati sa l-1 ta' Lulju tas-sena ta' wara u mniżżla f'baġit ta' emenda għal dik is-sena.

Id-dħul l-ieħor imdaħħal fil-kontijiet huwa l-ammont fil-fatt riċevut matul is-sena.

1.7.2 L-Infijq

Għall-iskopijiet tal-kalkolu tar-riżultat ta' l-eżekuzzjoni tal-baġit għas-sena, in-nefqa tinkludi l-ħlasijiet magħmula mill-approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet għas-sena flimkien ma' l-approprijazzjonijiet għal dik is-sena li jiġu trasferiti 'l quddiem għas-sena ta' wara.

Ħlasijiet magħmula mill-approprijazzjonijiet għas-sena għall-ħlas ifissru ħlasijiet li jsiru mill-uffiċjal tal-kontabilità sal-**31 ta' Diċembru** tas-sena **finanzjarja**. Fil-każ tat-Taqsima ta' Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija, il-ħlasijiet huma daww magħmula mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru 2005 u l-15 ta' Ottubru 2006, diment li l-uffiċjal tal-kontabilità kien notifikat bl-impenn u l-awtorizzazzjoni sal-**31 ta' Jannar 2007**. In-nefqa ta' garanzija ta' l-EAGGF tista' tkun suġġetta għal deċiżjoni ta' konformità wara kontrolli fl-Istati Membri.

1.7.3 Riżultat ta' l-eżekuzzjoni tal-baġit għas-sena

Ir-riżultat ta' l-eżekuzzjoni tal-baġit jinkludi żewġ elementi: ir-riżultat tal-Komunitajiet Ewropej u r-riżultat tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi ta' l-EFTA li huma fiż-ŻEE. F'konformità ma' l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1150/2000 dwar ir-riżorsi proprji, dan ir-riżultat ta' l-eżekuzzjoni jirrapprezentat d-differenza bejn:

- id-dħul totali riċevut għal dik is-sena;
- u l-ħlasijiet totali magħmula mill-approprijazzjonijiet għal dik is-sena flimkien ma' l-ammont totali ta' l-approprijazzjonijiet għal dik is-sena trasferiti 'l quddiem għas-sena ta' wara ⁽¹⁾.

Dawn li ġejjin huma miżjuda mal-figura li tirriżulta jew imnaqqa minnha:

- il-bilanċ nett tal-kanċellazzjonijiet ta' approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet trasferiti 'l quddiem mis-snin ta' qabel u kull ħlas li, minħabba ċ-ċaqliq fir-rata ta' l-euro, ikunu akbar mill-approprijazzjonijiet mhux differenzjati trasferiti 'l quddiem mis-sena ta' qabel,
- il-bilanċ tal-gwadanji u t-telf fir-rata tal-kambju rreġistrati matul is-sena.

Ir-riżultat ta' l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Komunitajiet Ewropej jingħata lura lill-Istati Membri matul is-sena sussegwenti permezz ta' tnaqqis mill-ammonti dovuti għal dik is-sena.

1.8 IMPENJI PENDENTI

Bl-introduzzjoni ta' l-approprijazzjonijiet differenzjati, żviluppat differenza bejn l-impenji li ttieħdu u l-ħlasijiet magħmula: din id-differenza, li tikkorrispondi ma' l-impenji pendenti, tirrappreżenta d-differenza ta' żmien bejn meta jittieħdu l-impenji u meta jsiru l-ħlasijiet li jikkorrispondu magħhom.

2. KUMMENTI DWAR IR-RAPPORTI KKONSOLIDATI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT GĦAS-SENA FINANZJARJA 2006

BAŻI LEGALI U R-REGOLAMENT FINANZJARJU

Il-kontijiet baġitarji huma miżmuma skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 248 tas-16 ta' Settembru 2002, p.1, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1995/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006, ĠU L390 tat-30 ta' Diċembru 2006) dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament Finanzjarju, kif l-aħħar modifikat fit-28 ta' Marzu 2007.

⁽¹⁾ Fil-każ tal-pajjiżi ta' l-EFTA-ŻEE, il-volum ta' l-approprijazzjonijiet trasferiti 'l quddiem mis-sena n għas-sena n+1 isir magħruf wara li l-kontijiet ikunu nġalqu. Għalhekk, il-kalkolu tal-bilanċ jinkludi trasferimenti ta' approprijazzjonijiet mis-sena n-1 għas-sena n.

Il-baġit ġenerali, l-istrument prinċipali tal-politika finanzjarja tal-Komunitajiet, huwa strument li jipprovdi għad-dħul u l-infiq tal-Komunitajiet u jawtorizzahom għal kull sena.

Il-proċedura tal-baġit hija stabbilita fl-Artikolu 272 tat-Trattat KE li jistipula s-sekwenza ta' l-istadji u l-limiti ta' żmien li jridu jkunu rispettati miż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit: il-Kunsill u l-Parlament. Kull sena, il-Kummissjoni tagħmel stima tad-dħul u l-infiq ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej għas-sena ta' wara u tfassal abbozz preliminari ta' baġit li tibagħtu għand l-awtorità tal-baġit. Fuq il-bażi ta' dan l-abbozz ta' baġit preliminari, il-Kunsill ifassal l-abbozz ta' baġit li mbagħad ikun is-suġġett ta' negozjati bejn iż-żewġ dirgħajn ta' l-awtorità tal-baġit. Il-President tal-Parlament jiddikjara li l-baġit ġie finalment adottat u dan għalhekk isir inforzabbli. L-eżekuzzjoni tal-baġit hija prinċipalment ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni.

PERSPETTIVA FINANZJARJA

Is-sena finanzjarja 2006 kienet is-sitt waħda koperta mill-perspettiva finanzjarja 2000-2006, konkluża fis-6 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Berlin ta' l-24 u l-25 ta' Marzu 1999 li sejjaħ għal dixxiplina baġitarja iktar stretta u għal tit-jib fil-proċedura tal-baġit.

Meta kkonkludew ftehim ta' dan it-tip, l-Istituzzjonijiet qablu minn qabel dwar il-prijoritajiet baġitarji prinċipali għall-perjodu ta' wara u stabbilixxew qafas għan-nefqa tal-Komunità fil-forma ta' perspettiva finanzjarja. Il-perspettiva finanzjarja turi l-ammont massimu u l-kompożizzjoni tan-nefqa prevedibbli tal-Komunità.

Minħabba li l-perspettiva finanzjarja tfasslet fi prezzijiet kostanti ta' l-1999, il-punt 15 tal-Ftehim jgħid li kull sena l-Kummissjoni għandha tagħmel aġġustament tekniku għall-perspettiva finanzjarja skond il-movimenti fid-Dħul Gross Nazzjonali (DGN) ta' l-Unjoni Ewropea u l-prezzijiet tagħha. Madankollu, kien miftiehem li d-deflatur ta' 2 % għandu jkun użat għall-agrikoltura u l-Fondi Strutturali.

Il-limitu massimu ta' l-appropriazzjonijiet għall-impenji għall-2006 huwa ta' 123,515 miljun EUR, ekwivalenti għal 1.12 % tad-DGN. Il-limitu massimu li jikkorrispondi miegħu għall-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet huwa ta' 119,112 miljun EUR, ekwivalenti għal 1.08 % tad-DGN.

It-tabella li jmiss turi l-perspettiva finanzjarja aġġustata għall-UE-25 bil-prezzijiet ta' l-2006:

PERSPETTIVA FINANZJARJA 2000-2006

Miljuni ta' EUR

	Prezzijiet kurrenti						
	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006
Appropriazzjonijiet għall-impenji: UE-25	93 792	97 189	100 672	102 145	115 434	119 419	123 515
1. Agrikoltura	41 738	44 530	46 587	47 378	49 305	51 439	52 618
2. Operazzjonijiet strutturali	32 678	32 720	33 638	33 968	41 035	42 441	44 617
3. Politika interna	6 031	6 272	6 558	6 796	8 722	9 012	9 385
4. Azzjoni esterna	4 627	4 735	4 873	4 972	5 082	5 119	5 269
5. Amministrazzjoni	4 638	4 776	5 012	5 211	5 983	6 185	6 528
6. Riżervi	906	916	676	434	442	446	458
7. Għajjuna ta' qabel l-adeżjoni	3 174	3 240	3 328	3 386	3 455	3 472	3 566
8. Kumpens					1 410	1 305	1 074
Total ta' l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet: UE-25	91 322	94 730	100 078	102 767	111 380	114 060	119 112

L-Istati Membri qablu dwar perspettiva finanzjarja ġdida fl-aħħar ta' l-2005 u tkopri l-perjodu 2007-2013. Din tipprevedi nfiq massimu Komunitarju għal dan il-perjodu ta' 862,363 miljun EUR, li jirrappreżenta 1.045 % tad-DGN ta' l-UE.

KONSOLIDAZZJONI TAL-BAĠIT

Ir-rapporti kkonsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jinkludu, bħal fis-snin preċedenti, l-implimentazzjoni tal-baġit ta' l-Istituzzjonijiet kollha peress li fi ħdan il-baġit tal-Komunitajiet huwa stabbilit baġit għal kull Istituzzjoni.

L-Aġenziji m'għandhomx baġit separat fi ħdan il-baġit tal-Komunitajiet u huma parzjalment iffinanzjati mis-sussidju tal-baġit tal-Kummissjoni. Sabiex tkun provduta d-data tal-baġit kollha rilevanti għall-Aġenziji, il-parti baġitarja tal-kontijiet annwali kkonsolidati tinkludi rapporti separati dwar l-implimentazzjoni tal-baġits individwali ta' l-aġenziji tradizzjonali kkonsolidati. Dawk ir-rapporti huma:

- Tabella dwar id-dħul tal-baġit li tindika l-ammont irċevut mill-baġit tal-Kummissjoni;
- Żewġ tabelli dwar l-infiq tal-baġit (impenji, ħlasijiet) bid-dettalji għal kull aġenzija u t-tqassim tal-baġit u l-appropriazzjonijiet addizzjonali;
- Fil-qiegħ ta' kull tabella tqiegħed total parzjali li jagħti l-informazzjoni dwar l-impatt finanzjarju totali ta' l-Aġenziji skond it-tip ta' nfiq/dħul;
- Tabella bir-riżultat ta' l-eżekuzzjoni tal-baġit, li żżid ir-riżultat tal-baġit ta' l-Aġenziji mar-riżultat tal-Komunitajiet (billi telimina s-sussidji mħallsa min-nefqa tal-Komunitajiet u s-sussidji rċevuti bħala dħul ta' l-Aġenziji.)

DĦUL

Id-dħul mill-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jista' jinqasam f'żewġ kategoriji prinċipali: riżorsi proprji u dħul ieħor. Dan huwa stabbilit fl-Artikolu 269 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, li jgħid: "Salv kull dħul ieħor, l-estimi għandhom ikunu ffinanzjati kompletament minn riżorsi proprji." Il-biċċa l-kbira tan-nefqa tal-baġit hija ffinanzjata mir-riżorsi proprji. Id-dħul l-ieħor jirrappreżenta biss parti minuri mill-iffinanzjar totali.

Hemm tliet kategoriji ta' riżorsi proprji: riżorsi proprji tradizzjonali, ir-riżorsa tal-VAT u r-riżorsa tad-DGN. Ir-riżorsi proprji tradizzjonali, min-naħa ta' għandhom, jinkludu d-dazji agrikoli, l-imposti fuq iz-zokkor u d-dazji doganali. Mekkaniżmu ta' korrezzjoni fir-rigward ta' l-iżbilanċi baġitarji jiffirma wkoll parti mis-sistema tar-riżorsi proprji.

2.1 IR-RIŻORSI PROPRJI TRADIZZJONALI

Ir-riżorsi proprji tradizzjonali: L-ammonti kollha stabbiliti ta' riżorsi proprji tradizzjonali għandhom jitniżżlu f'waħa jew oħra mill-kontijiet miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti.

- Fil-kont ordinarju stipulat mill-Artikolu 6(3)(a) tar-Regolament Nru 1150/2000: kull ammont irkuprat jew garantit.
- Fil-kont separat stipulat mill-Artikolu 6(3)(b) tar-Regolament Nru 1150/2000: kull ammont li jkun għadu ma ġiex irkuprat u/jew garantit; ammonti garantiti imma kkontestati jistgħu jiddaħħlu wkoll f'dan il-kont.

Għall-kont separat, l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni dikjarazzjoni kull tliet xhur li tinkludi:

- il-bilanċ li għandu jkun irkuprat matul il-kwart ta' sena preċedenti,
- l-ammonti rkuprati matul dak il-kwart ta' sena,
- rettifiki tal-bażi (korrezzjonijiet/kanċellamenti) matul dak il-kwart ta' sena,
- ammonti li ġew imħassra,
- bilanċ li għandu jkun irkuprat fit-tmiem ta' dak il-kwart ta' sena.

L-informazzjoni ppreżentata mill-Istati Membri ma tippermettix li l-ammonti rkuprati matul is-sena jkunu assenjati għas-sena li fiha jkunu nħolqu l-intitolamenti. Għalhekk, il-kolonna għall-ammonti rċevuti kontra l-ammonti trasferiti 'l quddiem fit-tabella "Sommarju ta' l-implimentazzjoni tad-dħul tal-baġit, 2006" tinkludi l-ammonti rċevuti matul is-sena u l-ammonti ta' l-intitolamenti kkanċellati u sostitwiti mill-ammont il-ġdid ta' l-intitolamenti ddikjarati mill-Istati Membri meta jkunu qed jagħmlu d-dikjarazzjoni l-ġdida tagħhom. Huwa applikat tnaqqis fil-valur għall-intitolamenti tar-riżorsi proprji.

Meta r-riżorsi proprji tradizzjonali mill-kont separat ikunu rkuprati, huma jridu jiddaħħlu fil-kont tal-Kummissjoni mat-teżor jew mal-korp appuntat sa mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xahar wara x-xahar li matulu l-intitolamenti jkunu rkuprati. L-Istati Membri għandhom iżommu, bħala spejjeż tal-ġbir, 25 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali.

2.2 RIŻORSI TAL-VAT U RIŻORSI TAD-DGN

Ir-riżorsi proprji tal-VAT joħorġu mill-applikazzjoni ta' rata uniformi, għall-pajjiżi kollha, għall-bażi tal-VAT armonizzata stabbilita skond ir-regoli ta' l-Artikolu 2(1)(c) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2000. Il-bażi tal-VAT għandha limitu massimu ta' 50 % tad-DGN għall-Istati Membri kollha.

Ir-riżorsa tal-GNI hija riżorsa varjabbli maħsuba sabiex tforni d-dħul meħtieġ, f'kull sena, sabiex tiġi koperta n-nefqa li taqbeż l-ammont miġbur mir-riżorsi proprji tradizzjonali, riżorsi tal-VAT u dħul mixxellanju. Id-dħul jiġi mill-applikazzjoni ta' rata uniformi mad-DGN aggregat ta' l-Istati Membri kollha.

Ir-riżorsi tal-VAT u tad-DGN huma determinati fuq il-bażi tal-previżjonijiet tal-bażijiet tal-VAT u d-DGN magħmula meta l-abbozz ta' baġit preliminarju jkun qed jitfassal. Dawn il-previżjonijiet huma mbagħad riveduti; iċ-ċifri huma aġġornati matul is-sena tal-baġit konċernata permezz ta' baġit ta' emenda.

Iċ-ċifri finali għall-bażijiet tal-VAT u d-DGN isiru disponibbli matul is-sena ta' wara s-sena tal-baġit konċernata. Il-Kummissjoni tikkalkula d-differenzi bejn l-ammonti dovuti mill-Istati Membri b'referenza għall-bażijiet finali u s-somom effettivament imħallsa fuq il-bażi tal-previżjonijiet (riveduti). Dawn il-bilanċi tal-VAT u d-DGN, sew pożittivi u wkoll negattivi, huma miġbura mill-Kummissjoni mingħand l-Istati Membri fl-1 ta' Diċembru tas-sena ta' wara s-sena tal-baġit ikkonċernata. Jistgħu jkomplu jsiru korrezzjonijiet għall-bażijiet finali tal-VAT u d-DGN fis-snin sussegwenti. Il-bilanċi kkalkulati aktar kmieni huma aġġustati u d-differenza hija miġbura fl-istess żmien bħall-bilanċi tal-VAT u d-DGN għas-sena tal-baġit preċedenti. Għandu jkun innutat li l-korrezzjonijiet magħmula fl-2006 li jirrigwardaw il-perjodu 1995-2005 għar-riżorsi tad-DGN kienu ta' 1,530 miljun EUR. Bl-istess mod, il-korrezzjonijiet li jirrigwardaw il-perjodu 1991-2005 għar-Riżorsi tal-VAT kienu ta' 13.6 miljun EUR.

Meta tkun qed twettaq kontrolli tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u d-data tad-DGN, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-Istati Membri b'riżervi dwar ċerti punti li jista' jkollhom konsegwenzi għall-kontribuzzjonijiet tagħhom għar-riżorsi. Dawn il-punti, pereżempju, jistgħu jirriżultaw minn assenza ta' data aċċettabbli, jew il-ħtieġa li tiġi żviluppata metodoloġija adattata. Dawn ir-riżervi għandhom jitqiesu bħala pretenzjonijiet potenzjali fuq l-Istati Membri għal ammonti mhux stabbiliti għaliex l-impatt finanzjarju tagħhom ma jistax jiġi kkalkulat bi preċiżjoni. Meta l-ammont preċiż jista' jiġi stabbilit, ir-riżorsi li jikkorrispondu miegħu tal-VAT u DGN jinġabru jew b'konnessjoni mal-bilanċi tal-VAT u d-DGN jew b'seġha individwali għall-fondi.

2.3 KORREZZJONI TAR-RENJU UNIT

Dan il-mekkaniżmu jnaqqas il-ħlasijiet tar-riżorsi proprji tar-Renju Unit proporzjonalment għal dak li hu magħruf bħala "l-iżbilanċ baġitarju" tagħha u jżid il-ħlasijiet tar-riżorsi proprji ta' l-Istati Membri l-oħra b'mod li jikkorrispondu ma' dan it-tnaqqis. Il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni ta' l-iżbilanċ baġitarju favur ir-Renju Unit twaqqaf mill-Kunsill Ewropew ta' Fontainebleau (Ġunju 1984) u d-Deċiżjoni tar-Riżorsi Proprji tas-7 ta' Mejju 1985 li ħarġet minnu. L-iskop tal-mekkaniżmu kien li jnaqqas l-iżbilanċ baġitarju tar-Renju Unit permezz ta' tnaqqis fil-ħlasijiet tiegħu lill-Komunitajiet.

2.4 IRKUPRU TA' SPEJJEŻ

Għal operazzjonijiet li jagħtu lok għal ħlas lura lill-Kummissjoni mill-benefiċjarju finali, ordnijiet ta' rkupru ta' pajjiż terz jew Stat Membru ġew stabbiliti u kkontabilizzati (ara n-nota E 3.1.4). Dawn l-ordnijiet ta' rkupru qed isiru fuq il-linji tal-baġit li ġejjin u l-ammonti għall-2006 huma ppreżentati aktar 'l isfel. Meta l-proċedura mat-terzi ma tkunx kompluta, tinħareġ previżjoni tad-dħul bl-aħjar stima ta' l-ammont (ara n-nota dwar l-assi kontinġenti E 5.4).

Il-Linji tal-baġit:

- 6150 Ħlas lura ta' għajnuna mhux użata mill-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija — Dħul assenjat
- 6157 Ħlas lura ta' ħlasijiet fuq il-kont taħt il-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni — Dħul assenjat
- 6158 Ħlas lura ta' għajnuna varja tal-komunità — Dħul assenjat
- 6170 Ħlasijiet lura ta' għajnuna varja tal-Komunità mhux użata — Dħul assenjat
- 6181 Ħlas lura ta' l-ispejjeż supplementari maħluqa mill-benefiċjarji ta' l-għajnuna alimentari — Dħul assenjat
- 6500 Korrezzjonijiet finanzjarji in konnessjoni mal-Fondi Strutturali
- 6600 Kontribuzzjonijiet u ħlasijiet lura assenjati oħrajn — Dħul assenjat
- 6601 Kontribuzzjonijiet u ħlasijiet lura mhux assenjati oħrajn

EUR miljuni

Linja tal-baġit	Ordni ta' rkupru stabbilita 2006			Dħul 2006			Pendenti 2006
	Sena kurrenti	Trasferiti 'l quddiem	Total	Sena kurrenti	Trasferiti 'l quddiem	Total	
6150	138	9	147	117	9	126	21
6157	99	36	135	96	14	110	25
6158	1	5	6	- 1	4	3	3
6170	22	0	22	22	0	22	0
6181	0	0	0	0	0	0	0
6500	136	35	171	120	35	155	16
6600	230	139	369	198	84	282	87
6601	9	5	14	6	3	9	5
EUR	635	229	864	557	149	707	157

NEFQA:

2.5 KATEGORIJI TA' NFIQ

2.5.1 Intestaturi tal-perspettiva finanzjarja

Din it-taqsimha tiddekrivi l-kategoriji prinċipali tan-nefqa tal-Komunitajiet, ikklassifikati skond l-intestaturi tal-perspettiva finanzjarja 2000-2006.

Intestatura 1 — Agrikoltura

In-nefqa taħt l-intestatura 1 hija ffinanzjata mis-Sezzjoni tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (EAGGF).

Intestatura 2 — Operazzjonijiet strutturali: l-għan tal-koeżjoni ekonomika u soċjali

Din in-nefqa hija għal miżuri ta' għajnuna strutturali, imfassla sabiex jippromwovu koeżjoni ekonomika u soċjali aħjar fi ħdan il-Komunitajiet. Il-kontribut tal-Komunitajiet għandu jkun akkumpanjat minn finanzjament nazzjonali u għalhekk jinvolvi kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.

Intestatura 3 — Politika interna

Huwa primarjament mill-adozzjoni ta' l-Att Uniku Ewropew u bi ħsieb li titħaffef it-tlestija tas-suq intern li l-Komunitajiet wessgħu parti mill-politika eżistenti — fil-qasam tar-riċerka, pereżempju — jew varaw oqsma ta' politika ġodda. Sa mill-1993 din il-politika interna tpoġġiet taħt intestatura waħda tal-perspettiva finanzjarja, li tiffirma grupp diversifikat ħafna.

Intestatura 4 — Azzjoni esterna

Din l-intestatura tal-perspettiva finanzjarja tkopri n-nefqa kollha tal-Komunitajiet favur pajjiżi terzi, ħlief għall-infiq li għandu x'jaqsam mat-tkabbir għall-pajjiżi kandidati u l-infiq taħt il-Fond Ewropej għall-Iżvilupp (EDF). L-għajjnuna relatata mat-tkabbir ingħatat intestatura speċifika fil-perspettiva finanzjarja għall-2000-2006 (ara "Intestatura 7: Għajjnuna ta' qabel l-adeżjoni"). Xi wħud minn dawn il-miżuri huma ta' natura orizzontali (tematiċi), filwaqt li oħrajn huma definiti minn żoni ġeografiki.

Intestatura 5 — Nefqa amministrattiva

Din l-intestatura tal-perspettiva finanzjarja tkopri n-nefqa kollha dwar it-tmexxija ta' l-Istituzzjonijiet tal-Komunitajiet. Għall-Istituzzjonijiet l-oħra barra l-Kummissjoni, dawn l-ispejjeż jiffurmaw il-parti l-kbira tan-nefqa tagħhom.

Intestatura 6 — Riżervi

Din l-intestatura tkopri tliet tipi ta' riżervi mfassla sabiex iħallu l-marġini neċessarji disponibbli, taħt il-limitu massimu tal-perspettiva finanzjarja fuq in-nefqa, għall-infiq mhux previst meta tfassal il-baġit. Kull riżerva għandha għan identifikat b'mod ċar f'qasam speċifiku.

Intestatura 7 — Għajjnuna ta' qabel l-adeżjoni

F'dak li għandu x'jaqsam man-nefqa relatata mat-tkabbir għall-għaxar pajjiżi kandidati mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, inħolqot intestatura ġdida, 7, sabiex tkopri t-tliet strumenti ta' qabel l-adeżjoni stabbiliti fil-perspettiva finanzjarja.

Intestatura 8 — Kumpens

F'konformità mal-ftehim politiku li l-Istati Membri l-ġodda ma jsirux kontributori netti għall-baġit fil-bidu nett tas-sħubija tagħhom, kien previst kumpens taħt din l-intestatura fl-2004. Dan l-ammont se jkun disponibbli bħala trasferimenti lilhom sabiex jibbilanċja d-dħul u l-kontribuzzjonijiet baġitarji tagħhom.

2.5.2 Oqsma ta' politika

Bħala parti mill-użu tagħha tal-Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività (ABM) il-Kummissjoni implimentat Ibbaġittjar ibbażat fuq l-Attività (ABB) fil-proċessi ta' ppjanar u ġestjoni tagħha. L-ABB jinvolvi struttura tal-baġit li fiha t-titoli tal-baġit jikkorrispondu għall-oqsma ta' politika u l-kapitoli tal-baġit għall-attivitajiet.

L-ABB jara li jipprovdni qafas ċar biex jitraduċi l-għanijiet tal-politika tal-Kummissjoni f'azzjoni, permezz ta' mezzi leġiżlattivi, finanzjarji jew ta' politika pubblika oħrajn. Billi x-xogħol tal-Kummissjoni jkun strutturat f'termini ta' attivitajiet, tinkiseb stampa ċara ta' l-impenji tal-Kummissjoni u fl-istess ħin ikun stabbilit qafas komuni għat-tfassil tal-prijoritajiet. Huma allokati riżorsi għall-prijoritajiet matul il-proċedura tal-baġit, billi l-iskopijiet ta' bbaġittjar jissawru abbażi ta' l-Attivitajiet. Billi tkun stabbilita din ir-rabta bejn l-attivitajiet u riżorsi allokati lilhom, l-ABB jara li jżid l-effiċjenza u l-effettività fl-użu tar-riżorsi fil-Kummissjoni.

Qasam ta' politika jista' jiġi definit bħala grupp omoġenju ta' Attivitajiet li jikkostitwixxu partijiet tal-ħidma tal-Kummissjoni, li huma rilevanti għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. B'kollox, 31 qasam ta' politika ġew identifikati, b'kull qasam ta' politika jikkorrispondi, b'mod ġenerali, għal DG, u li jiġbor fih medja ta' madwar 6 jew 7 Attivitajiet individwali. Dawn l-oqsma ta' politika huma fil-biċċa l-kbira operattivi, peress li l-attivitajiet ċentrali tagħhom għandhom l-iskop li minnhom jibbenefikaw terzi, kull wieħed fl-ambitu rispettiv ta' attività. Il-baġit operattiv jinkludi n-nefqa amministrattiva neċessarja u l-persunal għal kull qasam ta' politika.

2.6 UŻU TAN-NEFQA MILL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

2.6.1 Approprjazzjonijiet trasferiti 'l quddiem li għandhom x'jaqsmu ma' kontribuzzjonijiet minn terzi u ħidmiet għalihom

L-appropriazzjonijiet trasferiti 'l quddiem mis-sena finanzjarja ta' qabel fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi u ħidmiet għalihom, li min-natura tagħhom qatt ma jiskadu, huma inklużi ma' l-appropriazzjonijiet addizzjonali għas-sena finanzjarja. Dan jispjega d-differenza bejn it-trasferimenti 'l quddiem mis-sena ta' qabel fid-dikjarazzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' l-2005 u dawk trasferiti 'l quddiem għas-sena ta' wara fid-dikjarazzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-baġit.

2.6.2 **Riżultat ta' l-eżekuzzjoni tal-baġit 2006**

L-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet biex jerġgħu jintużaw u li jerġgħu jkunu disponibbli wara l-ħlas lura tal-ħlasijiet fuq il-kont m'humiex ikkalkulati meta jkun qed jinħadem ir-riżultat ta' l-eżekuzzjoni għas-sena.

Il-parti ta' l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet li għandha x'taqsam ma' l-EFTA-ŻEE li ġiet trasferita 'l quddiem mill-Komunitajiet mill-2006 għall-2007 ma setgħetx tkun inkluża fil-bilanċ ta' l-2006 minħabba li hija suġġetta għall-approvazzjoni mill-EFTA ta' l-ammonti konċernati, u din ma tingħatax sa nofs l-2007.

Il-preżentazzjoni tar-riżultat ta' l-eżekuzzjoni tal-baġit ġiet modifikata sabiex tkun tista' tinqara aħjar. L-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet li ġew trasferiti 'l quddiem jinkludu: trasferimenti awtomatiċi u trasferimenti b'deċiżjoni. Dan jinkludi wkoll iż-żieda ta' l-appropriazzjonijiet fuq dħul identifikat ladarba appropriazzjonijiet mhux użati fl-aħħar tas-sena għandhom ikunu trasferiti 'l quddiem awtomatikament. It-tħassir ta' l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet mhux użati trasferiti 'l quddiem mis-sena ta' qabel issa juri biss it-tħassir ta' appropriazzjonijiet trasferiti 'l quddiem awtomatikament u b'deċiżjoni. Għaldaqstant, m'għadhiex tinkludi t-tħassir ta' appropriazzjonijiet immarkati trasferiti 'l quddiem mis-sena ta' qabel.

ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI TAL-QORTI MOGĦTIJA LILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

(2007/C 274/02)

I. Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 248 tat-Trattat, il-Qorti vverifikat:

- a) il-“Kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej” ⁽¹⁾ li jikkonsistu fir-“Rendikonti finanzjarji konsolidati” ⁽²⁾ u r-“Rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit” ⁽³⁾ għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2006; u
- b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi fi ħdan il-qafas legali tal-Komunitajiet Ewropej.

Ir-responsabbiltà ta' l-amministrazzjoni

II. Skond l-Artikoli 268 sa 280 tat-Trattat u r-Regolament Finanzjarju, l-amministrazzjoni ⁽⁴⁾ hija responsabbli għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-“Kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej” u għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi:

- a) Ir-responsabbiltà ta' l-amministrazzjoni tal-“Kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej” tinkludi t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rendikonti finanzjarji li huma ħielsa minn dikjarazzjoni ħażina materjali, sew jekk minħabba frodi sew minħabba żball, l-għażla u l-applikazzjoni ta' politika tal-kontabilità xierqa, abbażi tar-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni ⁽⁵⁾, u l-kalkolu ta' stimi tal-kontabilità li huma raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Skond l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tapprova l-“Kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej” wara li l-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni jkun ikkonsolidahom abbażi ta' l-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet ⁽⁶⁾ u l-korpi ⁽⁷⁾ l-oħra u stabbilixxa nota, li takkumpanja l-kontijiet finali konsolidati, fejn jiddikjara, *inter alia*, li għandu assigurazzjoni raġonevoli li dawn il-kontijiet jagħtu stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Komunitajiet Ewropej fl-aspetti materjali kollha.

⁽¹⁾ Il-“Kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej” jikkostitwixxu l-Volum I tal-kontijiet annwali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2006.

⁽²⁾ Ir-“Rendikonti finanzjarji konsolidati” huma magħmula mill-karta tal-bilanċ, il-kont tar-riżultat ekonomiku (inkluż ir-rappurtar tas-segmenti), it-tabella tal-likwidità, ir-rendikont tat-tibdiliet fl-assi netti u sommarju ta' politiki tal-kontabilità sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽³⁾ Ir-“Rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit” jikkostitwixxu r-rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit u sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħra ta' spjegazzjoni.

⁽⁴⁾ Fil-livell ta' l-Istituzzjonijiet u korpi Ewropej l-amministrazzjoni tinkludi l-Membri ta' l-Istituzzjonijiet, Diretturi ta' l-Aġenzji, Uffiċjali Awtorizzanti b'delegazzjoni u b'sotto-delegazzjoni, Uffiċjali tal-Kontijiet u l-persunal prinċipali ta' unitajiet finanzjarji, ta' verifika jew ta' kontroll. Fil-livell ta' Stati Membri u Benefiċjarji, l-amministrazzjoni tinkludi Uffiċjali Awtorizzanti, Uffiċjali tal-Kontijiet u l-persunal prinċipali ta' awtoritajiet ta' pagament, korpi ta' ċertifikazzjoni u aġenzji implimentattivi.

⁽⁵⁾ Ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni huma ispirati meħuda mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità tas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilità jew, fin-nuqqas tagħhom, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS)/Standards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord Internazzjonali ta' l-Istandards tal-Kontabilità. Skond ir-Regolament Finanzjarju, ir-“Rendikonti finanzjarji konsolidati” għas-sena finanzjarja 2006 jitħejjew għat-tieni darba abbażi ta' dawn ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni, li jadattaw il-prinċipji tal-kontabilità bbażati fuq id-dovuti għall-ambjent speċifiku tal-Komunitajiet, filwaqt li r-“Rapporti konsolidati dwar l-implimentazzjoni tal-baġit” jkomplu jkunu bbażati primarjament fuq il-likwidità.

⁽⁶⁾ Qabel l-adozzjoni tal-kontijiet annwali finali mill-istituzzjonijiet, l-uffiċjali tal-kontabilità differenti japprovawhom, u b'hekk jiċċertifikaw li għandhom assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jagħtu stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-istituzzjoni (l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju).

⁽⁷⁾ Il-kontijiet annwali finali huma ppreparati mid-diretturi rispettivi u jintbagħtu lill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni flimkien ma' l-opinjoni tal-bord ta' l-amministrazzjoni kkonċernat. Barra minn hekk, l-uffiċjali tal-kontijiet rispettivi japprovawhom, u b'hekk jiċċertifikaw li għandhom assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet jagħtu stampa vera u ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-korpi (l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju).

b) Il-mod li bih l-amministrazzjoni teżerċita r-responsabbiltà tagħha għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi jiddependi fuq il-metodu ta' l-implimentazzjoni tal-baġit. Fil-każ ta' amministrazzjoni ċentralizzata diretta, il-kompiti ta' l-implimentazzjoni jitwettqu mid-dipartimenti tal-Kummissjoni. Taħt amministrazzjoni maqsuma, il-kompiti ta' l-implimentazzjoni huma delegati lill-Istati Membri, taħt amministrazzjoni deċentralizzata lil pajjiżi terzi u taħt amministrazzjoni ċentralizzata indiretta lil korpi oħrajn. Fil-każ ta' amministrazzjoni konġunta, il-kompiti ta' l-implimentazzjoni jinqasmu bejn il-Kummissjoni u organizzazzjonijiet internazzjonali (l-Artikolu 53 sa 57 tar-Regolament Finanzjarju). Il-kompiti ta' l-implimentazzjoni jridu jikkonformaw mal-prinċipju ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba, li teħtieġ it-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern effettiv u effiċjenti li jinkludu s-sorveljanza adegwata u miżuri xierqa biex jevitaw irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġa, proċeduri legali biex jiġu rkuprati fondi mħallsa jew użati ħażin. Irrespettivament mill-metodu ta' implimentazzjoni applikat, il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà finali għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li l-kontijiet tal-Komunitajiet Ewropej huma bbażati fuqhom (l-Artikolu 274 tat-Trattat).

Ir-responsabbiltà ta' l-awditur

III. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li ttipprovdi, abbażi tal-verifika tagħha, lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Bl-eċċezzjoni ta' dak li hemm deskritt fil-paragrafu IV, il-Qorti wettqet il-verifika tagħha skond l-Istandards Internazzjonali tal-Verifika u l-Kodiċi ta' l-Etika ta' l-IFAC u ta' l-INTOSAI, safejn dawn japplikaw għall-kuntest tal-Komunità Ewropea. Dawn l-istandards jitolbu li l-Qorti tippjana u twettaq il-verifika biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar jekk il-"Kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej" humiex ħielsa minn dikjarazzjoni ħażina materjali u jekk it-tranżazzjonijiet ta' bażi, fit-totalità tagħhom, humiex legali u regolari.

IV. Fil-każ tad-dħul l-ambitu tax-xogħol ta' verifika tal-Qorti kien limitat. L-ewwel nett, ir-riżorsi proprji tal-VAT u DGN huma bbażati fuq statistiċi makroekonomiċi li għalihom id-data ta' bażi ma tistax tkun ivverifikata direttament mill-Qorti, u t-tieni nett, il-verifiki tar-riżorsi proprji tradizzjonali ma jistgħux ikopru l-importazzjonijiet li ma kinux soġġetti għal sorveljanza doganali.

V. Fil-kuntest deskritt taħt il-paragrafu III, verifika tinvolvi t-twettiq ta' proċeduri biex jinkisbu provi tal-verifika dwar l-ammonti u t-tagħrif fil-kontijiet finali konsolidati u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju ta' l-awditur, inkluża l-evalwazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni ħażina materjali dwar il-kontijiet finali konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Komunitajiet Ewropej, sew jekk minħabba frodi sew minħabba żbalji. Waqt li jevalwa r-riskju, l-awditur jikkunsidra l-kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet finali konsolidati, u s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implimentati biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tar-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex ifassal proċeduri tal-verifika li huma xierqa fiċ-ċirkustanzi. Verifika f'dan il-kuntest tinkludi wkoll l-evalwazzjoni dwar jekk il-politika tal-kontabilità użata hix xierqa u jekk l-istimi tal-kontabilità humiex raġonevoli, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni ġenerali tal-kontijiet finali konsolidati u r-rapporti ta' attività annwali.

VI. Il-Qorti tikkunsidra li l-evidenza tal-verifika li nkisbet hija biżżejjed u xierqa biex ttipprovdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

L-opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

VII. Fl-opinjoni tal-Qorti, ħliet għall-effetti tal-kwistjonijiet deskritti fil-paragrafu VIII, il-"Kontijiet annwali finali tal-Komunitajiet Ewropej" jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Komunitajiet fil-31 ta' Diċembru 2006 u r-riżultati ta' l-operazzjonijiet u tal-likwidità tagħhom għas-sena li għalqet, skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli ta' kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontijiet tal-Kummissjoni.

VIII. Il-verifika tal-Qorti identifikat żbalji fl-ammonti rreġistrati fis-sistema tal-kontabilità bħall-fat-turi/rendikonti ta' l-ispejjeż u prefinanzjament li jwasslu għal dikjarazzjoni żejda fil-kontijiet pagabbli ta' madwar 201 miljun EUR u f'ammont totali ta' prefinanzjament ta' skadenza twila u qasira ta' madwar 656 miljun EUR.

IX. Mingħajr ma tpoġġi f'diskussjoni l-opinjoni espressa fil-paragrafu VII, il-Qorti tinnotta li, min-naħa minħabba s-sistema kumplessa ta' ġestjoni finanzjarja u minkejja li sar titjib, nuqqasijiet fis-sistemi ta' kontabilità ta' ċerti istituzzjonijiet u Direttorati-Ġenerali tal-Kummissjoni għadhom ipoġġu fir-riskju l-kwalità ta' l-informazzjoni finanzjarja (b'mod partikolari għall-qtugħ u l-benefiċċji ta' l-impjegati). Dan wassal għal għadd ta' korrezzjonijiet wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet provviżorji.

L-opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi

X. Fl-opinjoni tal-Qorti, id-dħul, l-impjenji u l-pagamenti għan-Nefqa amministrattiva, l-Istrateġija ta' Qabel l-Adeżjoni, ħlief għall-Programm SAPARD, u l-Azzjonijiet esterni, fir-rigward ta' dawk il-pagamenti ġestiti u kontrollati direttament mid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni, huma ħielsa minn żbalji materjali. F'dawn l-oqsma s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll huma implimentati b'mod li tagħti lok għal ġestjoni tar-riskji adegwata. Barra minn hekk, għan-nefqa tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) il-verifika tal-Qorti turi li, fejn din tkun applikata tajjeb, is-sistema integrata dwar l-amministrazzjoni u l-kontroll (IACS), b'mod partikolari fir-rigward tas-Sistema ta' Pagament Uniku, hija sistema effettiva sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' nefqa irregolari.

XI. Mingħajr ma tpoġġi f'diskussjoni l-opinjoni espressa fil-paragrafu X, il-Qorti tenfasizza li, fil-qasam ta' l-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni, għadhom jeżistu riskji sinifikanti fil-livell ta' l-organizzazzjonijiet implimentattivi fil-pajjiżi li se jidħlu u li huma kandidati, għall-programmi u l-istrumenti kollha.

XII. Fl-opinjoni tal-Qorti, f'oqsma oħra tan-nefqa l-pagamenti għadhom milquta minn żbalji b'mod materjali, għalkemm fuq livelli differenti, u l-Kummissjoni u l-Istati Membri u benefiċjarji l-oħra jridu jagħmlu aktar sforzi biex jimplementaw sistemi adegwati ta' sorveljanza u kontroll, biex itejbu l-ġestjoni tar-riskji mistennija. Dawn l-oqsma huma mniżżla hawn taħt, jiġifieri: Il-Politika Agrikola Komuni, il-Miżuri strutturali, il-Politika interna u l-Azzjonijiet esterni.

a) Fin-nefqa tal-PAK, il-Qorti sabet tnaqqis notevoli fil-livell ġenerali ta' żball mistenni fit-tranżazzjonijiet ta' bażi. Madankollu, xorta waħda jibqa' eżatt fuq 'il fuq mill-grad ta' materjalità. Sistemi ta' approvazzjoni u kontrolli ta' wara l-pagament għal sussidji PAK li mhumiex koperti mill-IACS jagħtu assigurazzjoni limitata dwar il-konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja. Barra minn dan, talbiet għall-ghajjnuna mill-UE s-soltu ma jkunux iċċekkjati fuq il-post mill-korpi indipendenti inkarigati miċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet ta' l-aġenziji tal-pagament.

b) Fil-Miżuri strutturali, il-Qorti sabet li s-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri b'mod ġenerali mhumiex effettivi jew inkella moderatament effettivi, u li l-Kummissjoni żżomm biss sorveljanza moderatament effettiva biex itaffi r-riskju li s-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri jonqsu milli jipprevjenu n-nefqa ddikjarata żżejjed jew dik ineliġibbli. Għaldaqstant, ir-rimborż tan-nefqa għall-proġetti ta' Politika Strutturali huwa soġġett għal żbalji materjali.

c) Fil-Politika interna l-verifika tal-Qorti wriet li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll ma jtaffux biżżejjed ir-riskju inerenti tar-rimborż ta' spejjeż iddikjarati żżejjed, u dan irriżulta flivell materjali ta' żbalji f'pagamenti lill-benefiċjarji.

d) Fl-Azzjonijiet esterni, minkejja t-titjib fis-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Kummissjoni, instab livell materjali ta' żbalji fil-livell ta' l-organizzazzjonijiet implimentattivi, minħabba nuqqasijiet kontinwi fis-sistemi mfassla biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet f'dan il-livell.

XIII. Il-Qorti tenfasizza li l-verifiki tagħha fil-qasam tan-nefqa tal-PAK, miżuri strutturali u politika interna juru li kriterji kkomplicati jew mhux ċari għandhom impatt konsiderevoli fuq il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Eżempju, minħabba li l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà spiss ikunu kumplessi, il-miżuri agri-ambjentali fl-Iżvilupp Rurali għandhom tendenza ta' inċidenza ogħla ta' żbalji mill-parti ta' l-iżvilupp mhux rurali tan-nefqa tal-PAK.

XIV. Il-Qorti tinnota t-titjib introdott mill-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-qafas tal-kontroll intern tagħha u l-impatt pożittiv li għandhom fuq l-ewalwazzjoni ta' l-operat tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll u l-impatt tar-riżervi rilevanti dwar l-assigurazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjonijiet tad-Diretturi-Ġenerali tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Qorti tkompli tidentifika nuqqasijiet f'dawk l-ewalwazzjonijiet prinċipalment fir-rigward ta' l-impatt tagħhom fuq l-assigurazzjoni li tikkonċerna l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi.

Is-27 ta' Settembru 2007

Hubert WEBER

President

Qorti Ewropea ta' l-Awdituri
12, rue Alcide de Gasperi, L-1615 Luxembourg